EBA/GL/2022/09

ESMA35-42-1470

21/07/2022

Linji gwida

dwar il-proċeduri u l-metodoloġiji komuni għall-proċess ta' reviżjoni u evalwazzjoni superviżorji (SREP) skont id-Direttiva (UE) 2019/2034

Titolu 1 Dispożizzjonijiet ġenerali

1.1 Obbligi ta' konformità u rapportar

L-istatus ta' dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010[1] u r-Regolament (UE) Nru 1095/2010[2]. F'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 u mar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, l-awtoritajiet kompetenti u d-ditti tal-investiment jeħtiġilhom jagħmlu kull sforz biex ikunu konformi mal-linji gwida.

2. Il-linji gwida jistabbilixxu l-fehma tal-EBA u tal-ESMA dwar prattiki superviżorji xierqa fi ħdan is-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif għandu jiġi applikat id-dritt tal-Unjoni f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti, kif iddefiniti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, li għalihom japplikaw il-linji gwida, għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida jkunu indirizzati primarjament lejn id-ditti tal-investiment.

Obbligi ta' rapportar

3. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jeħtiġilhom jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk hux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa 19.06.2023. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti se jitqiesu mill-EBA bħala mhux konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-EBA bir-referenza "EBA/GL/2022/09 – ESMA35-42-1470". In-notifiki għandhom jintbagħtu minn persuni b'awtorità xierqa li jirrapportaw konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe tibdil fl-istatus tal-konformità jrid jiġi rrappurtat ukoll lill-EBA.

4. In-notifiki se jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

---

[1] Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE, (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

[2] Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84–119).

1.2 Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

Suġġett

5. Dawn il-linji gwida jispeċifikaw il-proċeduri u l-metodoloġiji komuni għall-funzjonament tal-proċess ta' reviżjoni u evalwazzjoni superviżorji (SREP) imsemmi fl-Artikolu 36 u fl-Artikolu 45 tad-Direttiva (UE) 2019/2034 [3] u tal-proċessi u tal-azzjonijiet meħuda b'referenza għall-Artikoli 39, 40, 41 u 42 ta' dik id-Direttiva.

Kamp ta' applikazzjoni

6. Dawn il-linji gwida japplikaw fir-rigward tal-proċess ta' reviżjoni u evalwazzjoni superviżorji (SREP) tad-ditti tal-investiment kif iddefinit fl-Artikoli 36 sa 45 tad-Direttiva (UE) 2019/2034.

7. L-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw dawn il-linji gwida fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni f'konformità mal-livell ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti tal-Ewwel Parti, it-Titolu II tar-Regolament (UE) 2019/2033. Għall-impriżi omm u s-sussidjarji inklużi fil-konsolidazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jaġġustaw il-profondità u l-livell ta' granularità tal-valutazzjonijiet tagħhom biex jikkorrispondu mal-livell ta' applikazzjoni.

8. Meta ditta tal-investiment ikollha sussidjarja fl-istess Stat Membru, approċċ proporzjonat għall-valutazzjoni tal-adegwatezza tal-kapital u tal-likwidità tista' tiġi applikata billi tiffoka fuq il-valutazzjoni tal-allokazzjoni tal-kapital u tal-likwidità fl-entitajiet u l-impedimenti potenzjali għat-trasferibbiltà tal-kapital jew tal-likwidità fi ħdan il-grupp.

9. Għal gruppi ta' ditti tal-investiment, inklużi gruppi b'impriżi stabbiliti f'pajjiżi terzi, ir-rekwiżiti proċedurali għandhom jiġu applikati b'mod koordinat fi ħdan il-qafas tal-kulleġġi tas-superviżuri stabbiliti skont l-Artikolu 48 tad-Direttiva (UE) 2019/2034. It-Titolu 11 jispjega d-dettalji ta' kif dawn il-linji gwida japplikaw għall-gruppi transfruntiera u l-entitajiet tagħhom.

Destinatarji

10. Dawn il-linji gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti kif iddefiniti fl-Artikolu 4(2), il-punt (viii) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

[3] Direttiva (UE) 2019/2034 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar is-superviżjoni prudenzjali tad-ditti tal-investiment u li temenda d-Direttivi 2002/87/KE, 2009/65/KE, 2011/61/UE, 2013/36/UE 2014/59/UE u 2014/65/UE (ĠU L 314, 5.12.2019, p. 64).

Definizzjonijiet

11. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, it-termini użati u ddefiniti fir-Regolament (UE) 2019/2033[4], fid-Direttiva (UE) 2019/2034 jew fid-Direttiva 2014/59/UE [5] għandhom l-istess tifsira f'dawn il-linji gwida. Għall-finijiet tal-linji gwida, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

    "Superviżur fil-qasam tal-AML/CFT" tfisser awtorità kompetenti responsabbli mis-superviżjoni tal-konformità tad-ditti tal-investiment mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2015/849.

    "Riskju ta' kondotta" tfisser ir-riskju attwali jew prospettiv ta' telf lil ditta tal-investiment li jirriżulta minn każijiet ta' mġiba ħażina volontarja jew negligenti, inkluż il-forniment mhux xieraq ta' servizzi finanzjarji.

    "Proċess ta' valutazzjoni interna dwar l-adegwatezza tal-kapital u proċess intern tal-valutazzjoni tar-riskju (ICARAP)" tfisser l-arranġamenti, l-istrateġiji u l-proċessi msemmija fl-Artikolu 24 tad-Direttiva (UE) 2019/2034, li jistgħu jkomplu jinqasmu fi:

        "Proċess ta' valutazzjoni interna dwar l-adegwatezza tal-kapital (ICAAP)" tfisser arranġamenti, strateġiji u proċessi biex jiġu vvalutati u miżmuma fuq bażi kontinwa l-ammonti, it-tipi u d-distribuzzjoni tal-kapital intern li d-ditti ta' investiment iqisu adegwat biex ikopru n-natura u l-livell tar-riskji li jistgħu joħolqu għal oħrajn u li għalihom id-ditti ta' investiment infushom huma jew jistgħu jkunu esposti; u

        "Proċess ta' valutazzjoni interna dwar l-adegwatezza tal-likwidità (ILAAP)" tfisser arranġamenti, strateġiji u proċessi biex jiġu vvalutati u miżmuma fuq bażi kontinwa l-ammonti, it-tipi u d-distribuzzjoni ta' assi likwidi li d-ditti ta' investiment iqisu adegwati biex ikopru n-natura u l-livell tar-riskji li jistgħu joħolqu għal oħrajn u li għalihom id-ditti ta' investiment infushom huma jew jistgħu jkunu esposti.

    "Riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax" (IRR) tfisser ir-riskju attwali jew prospettiv għall-qligħ tad-ditta tal-investiment u l-fondi proprji li jirriżultaw minn movimenti negattivi fir-rati tal-imgħax.

    "Likwidità fl-istess ġurnata" tfisser il-fondi li jistgħu jiġu aċċessati matul il-jum tan-negozju biex id-ditta tal-investiment tkun tista' tagħmel pagamenti fil-ħin reali.

---

[4] Ir-Regolament (UE) 2019/2033 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali tad-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 575/2013, (UE) Nru 600/2014 u (UE) Nru 806/2014 (ĠU L 314, 5.12.2019, p. 1).

[5] Id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190).

“Riskju ta’ likwidità fl-istess ġurnata” tfisser ir-riskju attwali jew prospettiv li d-ditta tal-investiment mhux se jirnexxielha timmaniġġa l-ħtiġijiet ta’ likwidità fl-istess ġurnata tagħha b’mod effettiv.

“Riskju tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT)” tfisser riskju ta’ telf minħabba l-ksur tal-kunfidenzjalità, in-nuqqas ta’ integrità ta’ sistemi u *data*, l-inadegwatezza jew in-nuqqas ta’ disponibbiltà ta’ sistemi u *data*, jew in-nuqqas ta’ kapaċità għall-bdil tal-IT fi żmien u bi spejjeż raġonevoli meta r-rekwiżiti tal-ambjent jew tan-negozju jinbidlu (jiġifieri l-aġilità).

“Rekwiżit makroprudenzjali” jew “miżura” tfisser rekwiżit jew miżura imposti minn awtorità kompetenti jew nominata biex jindirizzaw riskju makroprudenzjali jew sistemiku.

“Superviżur tas-suq” tfisser awtorità kompetenti responsabbli mis-superviżjoni tal-konformità tad-ditti tal-investiment mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/65/UE[6].

“Riskju ta’ ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu (ML/TF)” tfisser ir-riskju kif iddefinit fil-Linji Gwida tal-EBA dwar il-fatturi tar-riskju ta’ ML/TF[7].

“Valutazzjoni SREP ġenerali” tfisser il-valutazzjoni aġġornata tal-vijabbiltà ġenerali ta’ ditta tal-investiment bbażata fuq valutazzjoni tal-elementi SREP.

“Punteġġ SREP ġenerali” tfisser l-indikatur numeriku tar-riskju ġenerali għall-vijabbiltà tad-ditta tal-investiment bbażat fuq il-valutazzjoni SREP ġenerali.

“Gwida tal-pilastru 2 (P2G)” tfisser il-livell u l-kwalità tal-fondi proprji li d-ditta tal-investiment hija mistennija li jkollha ’l fuq mir-rekwiżiti tal-fondi proprji tagħha, iddeterminati f’konformità mal-Artikolu 41 tad-Direttiva (UE) 2019/2034.

“Rekwiżit tal-pilastru 2 (P2R)” jew “rekwiżiti addizzjonali tal-fondi proprji” tfisser ir-rekwiżiti addizzjonali tal-fondi proprji imposti f’konformità mal-Artikolu 40 tad-Direttiva (UE) 2019/2034.

“Riskju reputazzjonali” tfisser ir-riskju attwali jew prospettiv għall-qligħ, il-fondi proprji jew il-likwidità tad-ditta tal-investiment li jirriżultaw minn dannu lir-reputazzjoni tad-ditta tal-investiment.

“Aptit għar-riskju” tfisser il-livell aggregat u t-tipi ta’ riskji li d-ditta tal-investiment lesta li tieħu fi ħdan il-kapaċità tagħha tar-riskju, b’mod konformi mal-mudell tan-negozju tagħha, sabiex tilħaq l-objettivi strateġiċi tagħha.

---

[6] Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

[7] Linji Gwida tal-EBA skont l-Artikoli 17 u 18(4) tad-Direttiva (UE) 2015/849 dwar id-diligenza dovuta tal-klijenti u l-fatturi li l-istituzzjonijiet ta’ kreditu u finanzjarji għandhom jikkunsidraw meta jivvalutaw ir-riskju tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu assoċjat ma’ relazzjonijiet ta’ negozju individwali u tranżazzjonijiet okkażjonali (“Il-Linji Gwida dwar il-Fatturi tar-riskju ta’ ML/TF”) (EBA/GL/2021/02)

“Punteġġ tar-riskju” tfisser l-espressjoni numerika li tiġbor fil-qosor il-valutazzjoni superviżorja ta’ riskju individwali għall-kapital, il-likwidità u l-finanzjament billi tirrappreżenta l-probabbiltà li riskju se jkollu impatt prudenzjali sinifikanti fuq id-ditta tal-investiment wara li tqis il-ġestjoni u l-kontrolli tar-riskju u qabel il-kunsiderazzjoni tal-kapaċità tad-ditta tal-investiment biex timmitiga ir-riskju permezz ta’ riżorsi tal-kapital jew tal-likwidità disponibbli.

“Riskji għall-kapital” tfisser riskji differenti li, jekk jimmaterjalizzaw, se jkollhom impatt prudenzjali sinifikanti fuq il-fondi proprji tad-ditta tal-investiment matul it-12-il xahar li jmiss. Dawn jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, riskji koperti mill-Artikoli 29 u 36 tad-Direttiva (UE) 2019/2034.

“Riskji għal-likwidità u l-finanzjament” tfisser riskji differenti li, jekk jimmaterjalizzaw, se jkollhom impatt prudenzjali sinifikanti fuq il-likwidità tad-ditta tal-investiment fuq perjodi ta’ żmien differenti.

“Element SREP” tfisser waħda minn dawn li ġejjin: analiżi tal-mudell tan-negozju, valutazzjoni tal-governanza interna u kontrolli tar-riskju fid-ditti kollha, valutazzjoni tar-riskji għall-kapital, valutazzjoni tal-kapital SREP, valutazzjoni tar-riskji għal-likwidità u l-finanzjament, jew valutazzjoni tal-likwidità SREP.

“Punti ta’ riferiment superviżorji” tfisser għodod kwantitattivi speċifiċi għar-riskju żviluppati mill-awtorità kompetenti sabiex tipprovdi stima tal-fondi proprji meħtieġa biex ikopru riskji jew elementi ta’ riskji mhux koperti mir-Regolament (UE) 2019/2033.

“Punteġġ tal-vijabbiltà” tfisser l-espressjoni numerika li tiġbor fil-qosor il-valutazzjoni superviżorja ta’ element tal-SREP u tirrappreżenta indikazzjoni tar-riskju għall-vijabbiltà tad-ditta tal-investiment li joħroġ mill-element tal-SREP ivvalutat.

1.3 Implimentazzjoni

Data ta’ applikazzjoni

12. Dawn il-linji gwida japplikaw minn 19.06.2023.

13. Dawn il-linji gwida huma applikabbli immedjatament għall-eżerċizzji tal-SREP mibdija fl-2023.

Titolu 2 L-SREP komuni

2.1 Prospett tal-qafas komuni tal-SREP

14. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-SREP ta' ditta tal-investiment ikopri l-oqsma li ġejjin:

    a. kategorizzazzjoni tad-ditta tal-investiment u reviżjoni perjodika ta' din il-kategorizzazzjoni;

    b. monitoraġġ tal-indikaturi ewlenin;

    c. analiżi tal-mudell tan-negozju (BMA);

    d. valutazzjoni tal-governanza interna u kontrolli fid-ditti kollha;

    e. valutazzjoni tar-riskji għall-kapital;

    f. valutazzjoni tar-riskji għal-likwidità;

    g. valutazzjoni tal-adegwatezza tal-fondi proprji tad-ditta tal-investiment;

    h. valutazzjoni tal-adegwatezza tar-riżorsi ta' likwidità tad-ditta tal-investiment;

    i. valutazzjoni ġenerali tal-SREP; u

    j. miżuri superviżorji (u miżuri ta' intervent bikri, meta meħtieġa).

2.1.1 Kategorizzazzjoni tad-ditti tal-investiment

15. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkategorizzaw kull ditta tal-investiment li għaliha għandhom jitwettqu r-reviżjoni u l-evalwazzjoni superviżorji msemmija fl-Artikolu 36 tad-Direttiva (UE) 2019/2034 f'waħda mill-kategoriji li ġejjin:

    - Kategorija 1 – ditti tal-investiment li jissodisfaw mill-inqas wieħed mill-kriterji li ġejjin:

        i. il-valur tagħhom tal-assi totali u tal-impenji li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ huwa ta' EUR 1 biljun jew aktar; jew

        ii. il-valur tagħhom tal-assi totali u tal-impenji li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ huwa ta' EUR 250 miljun jew aktar u huma jwettqu attivitajiet imsemmija fil-punt (3) jew (6) tat-Taqsima A tal-Anness 1 tad-Direttiva 2014/65/EU[8]; jew

[8] Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

iii. huma meqjusa sinifikanti abbażi ta' ġudizzju superviżorju tal-awtorità kompetenti.

- Kategorija 2 – ditti tal-investiment li l-valur tal-assi totali u tal-impenji li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ tagħhom huwa inqas minn EUR 1 biljun u huwa ta' EUR 250 miljun jew aktar, u li ma jwettqu l-ebda waħda mill-attivitajiet imsemmija fil-punt (3) jew (6) tat-Taqsima A tal-Anness 1 tad-Direttiva 2014/65/UE.

- Kategorija 3 – ditti tal-investiment li l-valur tal-assi totali u tal-impenji li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ tagħhom huwa inqas minn EUR 250 miljun u li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet biex jikkwalifikaw bħala ditta tal-investiment żgħira u mhux interkonnessa stabbiliti fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033.

- Ditti tal-investiment żgħar u mhux interkonnessi kif stabbilit fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033.

16. Il-kategorizzazzjoni għandha tintuża mill-awtoritajiet kompetenti bħala bażi għall-applikazzjoni tal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif speċifikat fit-Taqsima 2.4, u mhux bħala mezz biex tirrifletti l-kwalità ta' ditta tal-investiment.

17. Fost il-kategoriji 1 sa 3, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkategorizzaw ditta tal-investiment fuq bażi ta' każ b'każ f'kategorija ta' livell wieħed ogħla jew aktar baxx fil-lista milli skont il-kriterji elenkati fil-paragrafu 15. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw aspetti bħall-iskala u l-kumplessità tal-operazzjonijiet, l-iskala tal-attivitajiet ta' negozjar, l-ammont ta' flus tal-klijent miżmuma, il-profil tar-riskju tad-ditta tal-investiment, u kwalunkwe aspett rilevanti ieħor. Meta titwettaq tali riklassifikazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom l-għan li jiżguraw omoġeneità u komparabbiltà suffiċjenti bejn id-ditti tal-investiment tal-istess kategorija.

18. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jibbażaw il-kategorizzazzjoni fuq *data* ta' rapportar superviżorju u fuq informazzjoni derivata mill-analiżi preliminari tal-mudell tan-negozju (ara t-Taqsima 4.2). Il-kategorizzazzjoni għandha tiġi riveduta kull sena jew fil-każ ta' bidla sinifikanti fl-attivitajiet. Fil-każ ta' bidla fil-kategorija għal ditta tal-investiment, għandha titqies l-aħħar sena ta' ċiklu sħiħ komplut tal-SREP fid-determinazzjoni tal-iskeda ta' żmien għall-valutazzjoni li jmiss tal-elementi SREP.

2.1.2 Valutazzjoni kontinwa tar-riskji

19. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw kontinwament ir-riskji li d-ditta tal-investiment hija jew tista' tkun esposta għalihom permezz tal-attivitajiet li ġejjin:

    a. monitoraġġ tal-indikaturi ewlenin kif speċifikat fit-Titolu 3;

    b. analiżi mudell tan-negozju kif speċifikat fit-Titolu 4;

    c. valutazzjoni tal-governanza interna u l-kontrolli fid-ditti kollha kif speċifikat fit-Titolu 5;

    d. valutazzjoni tar-riskji għall-kapital kif speċifikat fit-Titolu 6; u

e. valutazzjoni tar-riskji għal-likwidità kif speċifikat fit-Titolu 8.

20. Il-valutazzjonijiet għandhom jitwettqu f'konformità mal-kriterji ta' proporzjonalità speċifikati fit-Taqsima 2.4. Il-valutazzjonijiet għandhom jiġu riveduti fid-dawl ta' informazzjoni ġdida.

21. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-eżiti tal-valutazzjonijiet deskritti hawn fuq:

    a. ikunu dokumentati b'mod ċar fis-sommarju tas-sejbiet;

    b. ikunu riflessi f'punteġġ assenjat f'konformità mal-gwida speċifika mogħtija fit-titolu speċifiku għall-elementi ta' dawn il-linji gwida;

    c. jappoġġaw il-valutazzjonijiet ta' elementi oħrajn jew iwasslu għal investigazzjoni fil-fond tal-inkonsistenzi bejn il-valutazzjonijiet ta' dawn l-elementi;

    d. jikkontribwixxu għall-valutazzjoni u l-punteġġ tal-SREP ġenerali; u

    e. iwasslu għal miżuri superviżorji, meta jkun xieraq, u jinformaw id-deċiżjonijiet li ttieħdu għal dawn il-miżuri.

2.1.3 Valutazzjoni perjodika tal-adegwatezza tal-kapital u tal-likwidità

22. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrevedu perjodikament l-adegwatezza tal-fondi proprji u l-likwidità tad-ditta tal-investiment biex jipprovdu kopertura soda tar-riskji li d-ditta tal-investiment hija jew tista' tkun esposta għalihom permezz tal-valutazzjonijiet li ġejjin:

    a. Valutazzjoni tal-kapital tal-SREP kif speċifikat fit-Titolu 7; u

    b. Valutazzjoni tal-likwidità tal-SREP kif speċifikat fit-Titolu 9.

23. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu valutazzjonijiet perjodiċi filwaqt li jqisu l-kriterji minimi ta' inkarigu u proporzjonalità speċifikati fit-Taqsima 2.4. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jwettqu valutazzjonijiet aktar frekwenti. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrevedu l-valutazzjoni fid-dawl ta' sejbiet ġodda materjali mill-valutazzjoni tar-riskju meta l-awtoritajiet kompetenti jiddeterminaw li s-sejbiet jista' jkollhom impatt materjali fuq il-fondi proprji u/jew ir-riżorsi ta' likwidità tad-ditta tal-investiment.

24. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-eżiti tal-valutazzjonijiet:

    a. ikunu dokumentati b'mod ċar f'sommarju;

    b. ikunu riflessi fil-punteġġ assenjat għall-adegwatezza tal-kapital u l-adegwatezza tal-likwidità tad-ditta tal-investiment, f'konformità mal-gwida pprovduta fit-titolu speċifiku għall-elementi;

    c. jikkontribwixxu għall-valutazzjoni u l-punteġġ tal-SREP ġenerali; u

    d. iqisu r-rekwiżit superviżorju, u jinformaw dwaru, biex id-ditta tal-investiment żżomm fondi proprji u/jew riżorsi ta' likwidità fl-eċċess tar-rekwiżiti minimi speċifikati fir-Regolament (UE) 2019/2033, kif xieraq.

2.1.4 Valutazzjoni SREP kumplessiva

25. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw kontinwament il-profil tar-riskju tad-ditta tal-investiment u l-vijabbiltà tagħha permezz tal-valutazzjoni ġenerali tal-SREP kif speċifikat fit-Titolu 10. Permezz tal-valutazzjoni ġenerali tal-SREP, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw il-potenzjal li r-riskji jikkawżaw il-falliment tad-ditta tal-investiment skont l-adegwatezza tal-fondi proprji u r-riżorsi tal-likwidità, il-governanza interna, il-kontrolli u/jew il-mudell tan-negozju jew l-istrateġija tagħha, u minn dan, il-ħtieġa li jittieħdu miżuri ta' intervent bikri, meta meħtieġ, u/jew li jiġi ddeterminat jekk id-ditta tal-investiment tistax titqies li qed tfalli jew probabbilment se tfalli.

26. Il-valutazzjoni għandha tiġi riveduta kontinwament fid-dawl tas-sejbiet mill-valutazzjonijiet tar-riskju jew l-eżitu tal-kapital tal-SREP u l-valutazzjonijiet ta' likwidità tal-SREP.

27. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-eżiti tal-valutazzjonijiet:

    a. ikunu riflessi fil-punteġġ assenjat għall-vijabbiltà ġenerali tad-ditta tal-investiment, f'konformità mal-gwida pprovduta fit-Titolu 10;

    b. ikunu dokumentati b'mod ċar f'sommarju tal-valutazzjoni ġenerali tal-SREP li tinkludi l-punteġġi assenjati tal-SREP (ġenerali u għal elementi individwali) u kwalunkwe sejba superviżorja magħmula mill-aħħar valutazzjoni; u

    c. jifformaw il-bażi għad-determinazzjoni superviżorja ta' jekk id-ditta tal-investiment tistax titqies li "qed tfalli jew probabbilment se tfalli"; għad-ditti tal-investiment soġġetti għad-Direttiva 2014/59/UE, din id-determinazzjoni għandha titwettaq f'konformità mal-Artikolu 32 ta' dik id-Direttiva, filwaqt li jitqiesu wkoll il-Linji Gwida tal-EBA dwar "falliment jew il-probabbiltà ta' falliment"[9].

2.1.5 Djalogu ma' ditti tal-investiment, applikazzjoni tal-miżuri superviżorji u s-sejbiet tal-komunikazzjoni

28. Skont il-mudell ta' inkarigu minimu, kif speċifikat fit-Taqsima 2.4, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jidħlu fi djalogu mad-ditti tal-investiment biex jivvalutaw l-elementi individwali tal-SREP, kif ipprovdut fit-titoli speċifiċi għall-elementi.

29. Fuq il-bażi tal-valutazzjoni ġenerali tal-SREP u skont il-valutazzjonijiet tal-elementi individwali tal-SREP, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu miżuri superviżorji kif speċifikat fit-Titolu 10.

30. Meta s-sejbiet mill-monitoraġġ tal-indikaturi ewlenin, il-valutazzjoni tal-elementi SREP jew kwalunkwe attività superviżorja oħra jeħtieġu l-applikazzjoni ta' miżuri superviżorji biex jindirizzaw tħassib immedjat, l-awtoritajiet kompetenti ma għandhomx jistennew li titlesta l-valutazzjoni tal-elementi kollha tal-SREP u l-aġġornament tal-valutazzjoni ġenerali tal-SREP,

[9] Linji gwida tal-EBA dwar l-interpretazzjoni taċ-ċirkostanzi differenti meta istituzzjoni għandha titqies bħala li qed tfalli jew probabbilment se tfalli skont l-Artikolu 32(6) tad-Direttiva 2014/59/UE (EBA/GL/2015/07)

iżda jiddeċiedu dwar il-miżuri meħtieġa biex is-sitwazzjoni vvalutata tiġi rrettifikata, u mbagħad jgħaddu għall-aġġornament tal-valutazzjoni ġenerali tal-SREP.

31. Kif deskritt fit-Taqsima 2.4, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jidħlu fi djalogu bbażat fuq l-eżiti tal-valutazzjoni ġenerali tal-SREP, flimkien ma' miżuri superviżorji assoċjati, u jinformaw lid-ditta tal-investiment fl-aħħar tal-proċess dwar ir-rekwiżiti kapitali jew tal-likwidità kif ukoll dwar miżuri superviżorji li hija obbligata li tikkonforma magħhom.

2.2 Punteġġ fl-SREP

32. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jassenjaw punteġġi tar-riskju u tal-vijabbiltà biex jiġbru fil-qosor l-eżiti tal-valutazzjoni ta' diversi kategoriji u elementi tar-riskju fil-qafas SREP.

33. Fil-valutazzjoni tal-kategoriji tar-riskju individwali u l-elementi tal-SREP, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw firxa ta' punteġġi – 1 (riskju baxx), 2 (riskju medju baxx), 3 (riskju medju għoli) u 4 (riskju għoli) – li jirriflettu l-perspettiva superviżorja abbażi tat-tabelli tal-punteġġi rilevanti f'kull titolu speċifiku għall-element. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw il-"kunsiderazzjonijiet" ta' akkumpanjament mogħtija f'dawn it-tabelli bħala gwida biex jappoġġaw il-ġudizzju superviżorju (jiġifieri, mhuwiex meħtieġ li d-ditta tal-investiment tissodisfa l-"kunsiderazzjonijiet" kollha marbuta ma' punteġġ ta' "1" biex tikseb punteġġ ta' "1"), u/jew jiżviluppawhom aktar jew iżidu kunsiderazzjonijiet addizzjonali. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jassenjaw punteġġ ta' "4" biex jirriflettu l-agħar valutazzjoni possibbli (jiġifieri anke jekk il-pożizzjoni tad-ditta tal-investiment tkun agħar minn dik prevista mill-"kunsiderazzjonijiet" għal punteġġ ta' "4", xorta għandu jingħata punteġġ ta' "4").

34. Meta jimplimentaw il-linji gwida, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jintroduċu punteġġ aktar granulari għall-iskopijiet interni tagħhom, bħall-ippjanar tar-riżorsi, dment li jiġi rrispettat il-qafas ta' punteġġ ġenerali mogħti f'dawn il-linji gwida.

35. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-punteġġi kollha jiġu riveduti b'mod regolari, tal-inqas bil-frekwenza ddefinita fit-Taqsima 2.4 u mingħajr dewmien żejjed abbażi ta' sejbiet materjali jew żviluppi ġodda.

2.2.1 Punteġġi tar-riskju

36. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jassenjaw punteġġi tar-riskju għar-riskji individwali għall-kapital f'konformità mal-kriterji speċifikati fit-Titolu 6, u punteġġi għar-riskji għal-likwidità u l-finanzjament f'konformità mal-kriterji speċifikati fit-Titolu 8. Dawn il-punteġġi jirrappreżentaw il-probabbiltà li riskju se jkollu impatt prudenzjali sinifikanti fuq id-ditta tal-investiment, wara li titqies il-kwalità tal-kontrolli tar-riskju għat-tnaqqis ta' dan l-impatt (jiġifieri riskju residwu), iżda qabel ma titqies il-kapaċità tad-ditta tal-investiment li tnaqqas ir-riskju permezz tar-riżorsi tal-kapital jew tal-likwidità disponibbli.

37. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw il-punteġġ tar-riskju b'mod predominanti permezz ta' valutazzjoni tar-riskju inerenti, iżda dawn għandhom jirriflettu wkoll kunsiderazzjonijiet dwar il-ġestjoni u l-kontrolli tar-riskju. B'mod partikolari, l-adegwatezza tal-ġestjoni u tal-kontrolli tista' tnaqqas jew – f'xi każijiet – iżżid ir-riskju ta' impatt prudenzjali

sinifikanti (jiġifieri l-kunsiderazzjonijiet relatati mar-riskju inerenti jistgħu jissottovalutaw jew jivvalutaw iżżejjed il-livell tar-riskju skont l-adegwatezza tal-ġestjoni u l-kontrolli).

38. Fl-implimentazzjoni ta' dawn il-linji gwida, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jevalwaw il-livelli ta' riskju inerenti u l-kwalità tal-ġestjoni u l-kontrolli tar-riskju b'mod separat (li jirriżultaw f'punteġġi intermedji u netti) jew b'mod aggregat (li jirriżultaw f'punteġġi rar-riskju netti biss). L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jintroduċu wkoll metodoloġiji ta' aggregazzjoni għall-aggregazzjoni tar-riskji individwali għall-kapital u l-punteġġi tal-likwidità u tal-finanzjament.

2.2.2 Punteġġi tal-vijabbiltà

39. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jassenjaw b'mod separat punteġġi sabiex jiġbru fil-qosor il-livell ta' riskju maħluq fuq il-vijabbiltà tad-ditta tal-investiment abbażi tal-eżiti tal-valutazzjoni tal-erba' elementi SREP:

    a. il-mudell tan-negozju u l-istrateġija, f'konformità mal-kriterji speċifikati fit-Titolu 4;

    b. il-governanza interna u l-kontrolli fid-ditti kollha, f'konformità mal-kriterji speċifikati fit-Titolu 5;

    c. l-adegwatezza tal-kapital, f'konformità mal-kriterji speċifikati fit-Titolu 7; u

    d. l-adegwatezza tal-likwidità, f'konformità mal-kriterji speċifikati fit-Titolu 9.

40. Għall-adegwatezza tal-kapital u l-adegwatezza tal-likwidità, dawn il-punteġġi jirrappreżentaw il-perspettiva superviżorja tal-kapaċità tar-riżorsi tal-kapital u tal-likwidità tad-ditta tal-investiment biex jimmitigaw/ikopru r-riskji individwali għall-kapital u l-likwidità u l-finanzjament, kif stabbilit fit-Titoli 6 u 8.

41. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jassenjaw ukoll punteġġ SREP ġenerali f'konformità mal-kriterji speċifikati fit-Titolu 10. Dan il-punteġġ għandu jiġi assenjat abbażi ta' ġudizzju superviżorju u għandu jirrappreżenta l-perspettiva superviżorja tal-vijabbiltà ġenerali tad-ditta tal-investiment.

42. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-punteġġi tal-mudell tan-negozju, tal-governanza interna u tal-kontrolli, tal-adegwatezza tal-kapital, tal-adegwatezza tal-likwidità u l-punteġġ SREP ġenerali jilħqu l-objettivi li ġejjin:

    a. jindika l-probabbiltà li jista' jkun meħtieġ li jittieħdu miżuri superviżorji sabiex jiġi indirizzat it-tħassib f'konformità mal-kriterji speċifikati fit-Titolu 10;

    b. jaġixxi bħala skattatur għad-deċiżjoni dwar jekk għandhomx jiġu applikati, meta applikabbli, miżuri ta' intervent bikri f'konformità mal-Linji Gwida tal-EBA dwar l-iskattaturi għall-użu ta' miżuri ta' intervent bikri; u

    c. jgħin fil-prijoritizzazzjoni u l-ippjanar ta' riżorsi superviżorji u l-istabbiliment ta' prijoritajiet.

43. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-punteġġ SREP ġenerali assenjat abbażi tal-perspettiva aggregata tat-theddid mill-elementi tal-SREP jipprovdi indikazzjoni tal-vijabbiltà

ġenerali tad-ditta tal-investiment, inkluż jekk id-ditta tal-investiment hijiex qed "tfalli jew probabbilment se tfalli";

44. Meta l-eżitu tal-valutazzjoni ġenerali tal-SREP jissuġġerixxi li ditta tal-investiment tista' titqies bħala li "qed tfalli jew probabbilment se tfalli", l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw punteġġ ta' "F" u, meta applikabbli, isegwu l-proċess ta' djalogu mal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni kif speċifikat fl-Artikolu 32 tad-Direttiva 2014/59/UE.

2.3 Arranġamenti organizzazzjonali

45. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li, għat-twettiq tal-SREP, l-arranġamenti organizzattivi tagħhom għandhom jinkludu tal-inqas dan li ġej:

    a. deskrizzjoni tar-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-persunal superviżorju tagħhom fir-rigward tat-twettiq tal-SREP, kif ukoll il-linji ta' rapportar rilevanti, kemm f'sitwazzjonijiet normali kif ukoll f'dawk ta' emerġenza;

    b. arranġamenti għad-djalogu ma' superviżuri rilevanti oħra biex ifittxu l-opinjonijiet u l-inputs rilevanti tagħhom dwar kwistjonijiet speċifiċi li jista' jkollhom impatt fuq is-sejbiet jew il-punteġġi tal-SREP biex tiġi evitata d-duplikazzjoni tax-xogħol u biex tiġi żgurata l-konsistenza tal-valutazzjoni u tal-miżuri superviżorji relatati;

    c. proċeduri biex jiġu ddokumentati u rreġistrati s-sejbiet u l-ġudizzji superviżorji;

    d. arranġamenti għall-approvazzjoni tas-sejbiet u l-punteġġi, kif ukoll proċeduri ta' eskalazzjoni meta jkun hemm opinjonijiet kuntrarji fl-awtorità kompetenti, kemm f'sitwazzjonijiet normali kif ukoll f'dawk ta' emerġenza;

    e. arranġamenti għall-organizzazzjoni ta' djalogu mad-ditta tal-investiment skont il-mudell tal-inkarigu minimu kif stipulat fit-Taqsima 2.4 biex jiġu vvalutati l-elementi individwali tal-SREP; u

    f. arranġamenti għall-konsultazzjonijiet ma' ditta tal-investiment u l-komunikazzjoni tal-eżiti tal-SREP lid-ditta tal-investiment.

46. Meta jiġu ddefiniti arranġamenti għal djalogu ma' ditti tal-investiment, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw l-implikazzjonijiet tal-forniment tal-punteġġi lid-ditti tal-

investiment fir-rigward tal-obbligi ta' żvelar tagħhom skont ir-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 596/2014[10] u d-Direttivi 2014/57/UE[11] u 2004/109/KE[12].

2.4 Proporzjonalità u inkarigu superviżorju

47. L-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw il-prinċipju ta' proporzjonalità fil-kamp ta' applikazzjoni, il-frekwenza u l-intensità tal-inkarigu superviżorju u d-djalogu ma' ditta tal-investiment, u l-aspettattivi superviżorji tal-istandards li għandha tilħaq id-ditta tal-investiment, f'konformità mal-kategorija tad-ditta tal-investiment kif deskritt fit-Tabella 2 hawn taħt.

48. Għall-frekwenza tal-aspett tal-proporzjonalità tal-inkarigu superviżorju, meta jippjanaw l-attivitajiet SREP, l-awtoritajiet kompetenti għandhom isegwu livell minimu tal-mudell ta' inkarigu, kif ġej fis-sottokapitolu li jmiss u fit-Tabella 2.

49. Meta l-awtoritajiet kompetenti jiddeterminaw li d-ditti tal-investiment għandhom profili ta' riskju simili, jistgħu jwettqu valutazzjonijiet SREP tematiċi dwar ditti ta' investimenti multipli bħala valutazzjoni waħda (b'mod partikolari tista' ssir BMA fuq id-ditti żgħar tal-investiment kollha li jirċievu u jittrażmettu ordnijiet fuq ftit klassijiet ta' assi, peress li x'aktarx tidentifika l-istess kwistjonijiet ta' vijabbiltà tan-negozju għal dawn id-ditti tal-investiment kollha). L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jużaw ukoll metodoloġiji mfassla apposta għall-applikazzjoni tal-SREP għal ditti tal-investiment bi profili ta' riskju simili.

50. Għad-ditti tal-investiment b'punteġġ ġenerali tal-SREP ta' 4 u, meta meħtieġ, għad-ditti tal-investiment b'punteġġ ġenerali tal-SREP ta' 3, abbażi tas-sejbiet minn valutazzjonijiet preċedenti tal-elementi tal-SREP, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw livell addizzjonali ta' inkarigu, fejn għandhom ikunu meħtieġa riżorsi superviżorji aktar estensivi u frekwenza ogħla ta' valutazzjoni (tal-inqas fuq bażi temporanja), irrispettivament mill-kategorija tad-ditta tal-investiment. Wara li titqies il-frekwenza minima tal-valutazzjoni tal-elementi kollha tal-SREP speċifikati fis-sottokapitoli li jmiss u fit-Tabella 2, il-valutazzjonijiet aktar frekwenti jistgħu jkopru elementi speċifiċi tal-SREP meta tkun meħtieġa attenzjoni partikolari minħabba riskju ogħla, jew il-valutazzjoni sħiħa tal-SREP.

51. Irrispettivament mill-ħin mill-aħħar SREP, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu valutazzjoni ġdida jekk tkun seħħet mill-inqas waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

    a. fil-monitoraġġ ta' indikaturi ewlenin, tiġi osservata bidla sinifikanti meta mqabbla mad-data ta' referenza tal-aħħar valutazzjoni tal-elementi kollha tal-SREP;

[10] Ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-abbuż tas-suq (Regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li jħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 1).

[11] Id-Direttiva 2014/57/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar sanzjonijiet kriminali għal abbuż tas-suq (direttiva dwar l-abbuż tas-suq) (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 179).

[12] Id-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE (ĠU L 390, 31.12.2004, p. 38).

b. ikun hemm informazzjoni pubblika negattiva dwar id-ditta tal-investiment li tindika riskju sinifikanti potenzjali (fil-kuntest ta' riskju reputazzjonali, riskju ta' kondotta, sigurtà tal-IT);

c. l-awtoritajiet kompetenti għandhom raġunijiet oħrajn biex jemmnu li l-mudell tan-negozju jew il-profil tar-riskju tad-ditta tal-investiment inbidel b'mod sinifikanti mid-data ta' referenza tal-aħħar valutazzjoni tal-elementi kollha tal-SREP.

52. Meta jippjanaw l-attivitajiet tal-SREP, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu attenzjoni speċjali lill-koordinazzjoni ta' attivitajiet ma' partijiet oħrajn involuti direttament jew indirettament fil-valutazzjoni, b'mod partikolari meta jkun meħtieġ input mid-ditta tal-investiment u/jew awtoritajiet kompetenti oħrajn involuti fis-superviżjoni ta' gruppi transfruntiera kif speċifikat fit-Titolu 11.

53. Għall-kamp ta' applikazzjoni tal-proporzjonalità, meta jwettqu l-SREP billi japplikaw dawn il-linji gwida, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrikonoxxu li elementi differenti, aspetti metodoloġiċi u komponenti ta' valutazzjoni kif ipprovduti fit-Titoli 4, 5, 6 u 8 ma għandhomx l-istess rilevanza għad-ditti kollha tal-investiment. L-awtoritajiet kompetenti għandhom, meta rilevanti, japplikaw gradi differenti ta' granularità għall-valutazzjoni skont il-kategorija li għaliha tiġi assenjata d-ditta tal-investiment u sa fejn ikun xieraq għad-daqs u l-mudell tan-negozju tad-ditta tal-investiment, u n-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħha.

54. Fl-aħħar ta' kull valutazzjoni tal-elementi kollha tal-SREP, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jinformaw lid-ditta tal-investiment bl-eżitu tal-valutazzjoni ġenerali tal-SREP u għandhom jipprovdu:

a. dikjarazzjoni dwar il-kwantità u l-kompożizzjoni tal-fondi proprji li d-ditta tal-investiment hija meħtieġa żżomm b'eċċess tar-rekwiżiti speċifikati fil-Parti Tnejn, Tlieta u Erbgħa tar-Regolament (UE) 2019/2033 f'konformità mal-Artikolu 39(2)(a) tad-Direttiva (UE) 2019/2034;

b. dikjarazzjoni dwar il-kwantità u l-kompożizzjoni tal-fondi proprji li d-ditta tal-investiment tkun iggwidata li żżomm f'konformità mal-Artikolu 41 tad-Direttiva (UE) 2019/2034;

c. dikjarazzjoni dwar il-likwidità miżmuma u kwalunkwe rekwiżit ta' likwidità speċifiku stabbilit mill-awtoritajiet kompetenti f'konformità mal-Artikolu 42 tad-Direttiva (UE) 2019/2034;

d. dikjarazzjoni dwar miżuri superviżorji oħrajn li l-awtorità kompetenti beħsiebha twettaq.

2.4.1 Ditti tal-investiment tal-Kategorija 1

55. Sabiex tiġi żgurata frekwenza xierqa ta' attivitajiet superviżorji relatati mal-SREP għad-ditti tal-investiment tal-kategorija 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom:

a. jimmonitorjaw indikaturi ewlenin fuq bażi trimestrali;

b. jaġġornaw il-valutazzjonijiet tal-elementi individwali kollha tal-SREP tal-inqas kull sentejn;

c. ikollhom inkarigu u djalogu kontinwu mal-korp maniġerjali u mal-maniġment superjuri tad-ditta tal-investiment.

2.4.2 Ditti tal-investiment tal-Kategorija 2

56. Sabiex tiġi żgurata frekwenza xierqa ta' attivitajiet superviżorji relatati mal-SREP għad-ditti tal-investiment tal-kategorija 2, l-awtoritajiet kompetenti għandhom:

a. jimmonitorjaw indikaturi ewlenin fuq bażi trimestrali;

b. jaġġornaw il-valutazzjonijiet tal-elementi individwali kollha tal-SREP tal-inqas kull sentejn;

c. ikollhom inkarigu mal-korp maniġerjali u mal-maniġment superjuri tad-ditta tal-investiment tal-inqas bl-istess frekwenza bħall-valutazzjoni tal-elementi kollha tal-SREP.

2.4.3 Ditti tal-investiment tal-Kategorija 3

57. Sabiex tiġi żgurata frekwenza xierqa ta' attivitajiet superviżorji relatati mal-SREP għad-ditti tal-investiment tal-kategorija 3, l-awtoritajiet kompetenti għandhom:

a. jimmonitorjaw indikaturi ewlenin fuq bażi trimestrali;

b. iwettqu l-valutazzjoni tal-elementi kollha tal-SREP fid-dawl ta' informazzjoni materjali ġdida li tirriżulta dwar ir-riskju ppreżentat, bil-kamp ta' applikazzjoni u l-profondità tar-reviżjoni mfassla għall-profil tar-riskju speċifiku tad-ditta tal-investiment;

c. ikollhom inkarigu mal-korp maniġerjali u mal-maniġment superjuri tad-ditta tal-investiment tal-inqas bl-istess frekwenza bħall-valutazzjoni tal-elementi kollha tal-SREP.

Meta jitqies xieraq, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddefinixxu frekwenzi minimi regolari għall-valutazzjoni tal-elementi kollha tal-SREP għad-ditti tal-investiment tal-kategorija 3 kollha jew għal subsett tagħhom.

2.4.4 Ditti tal-investiment żgħar u mhux interkonnessi

58. Għal ditti tal-investiment żgħar u mhux interkonnessi li jissodisfaw il-kriterji tal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033, l-awtoritajiet kompetenti għandhom:

a. jimmonitorjaw indikaturi ewlenin tal-inqas fuq bażi annwali;

b. iwettqu l-valutazzjoni tal-elementi kollha tal-SREP fid-dawl ta' informazzjoni materjali ġdida li tirriżulta dwar ir-riskju ppreżentat, bil-kamp ta' applikazzjoni u l-

profondità tar-reviżjoni mfassla għall-profil tar-riskju speċifiku tad-ditta tal-investiment;

c. ikollhom inkarigu u djalogu mal-korp maniġerjali u mal-maniġment superjuri tad-ditta tal-investiment meta jitqiesu meħtieġa u b'mod partikolari fil-kuntest tal-valutazzjoni tal-elementi tal-SREP fejn imwettqa.

Tabella 2. Applikazzjoni tal-SREP għal kategoriji ta' ditti tal-investiment differenti

Kategorija	Monitoraġġ tal-indikaturi ewlenin	Valutazzjoni tal-elementi kollha tal-SREP	Livell minimu ta' inkarigu / djalogu
1	Trimestrali	sentejn	Djalogu kontinwu mal-korp maniġerjali u mal-maniġment superjuri.
2	Trimestrali	3 snin	Inkarigu bbażat fuq l-avvenimenti mal-korp maniġerjali u mal-maniġment superjuri, tal-inqas bil-frekwenza tal-valutazzjoni tal-SREP.
3	Trimestrali	Ibbażat fuq l-avvenimenti (bil-kamp ta' applikazzjoni u l-profondità tar-reviżjoni mfassla għall-profil tar-riskju speċifiku tad-ditta tal-investiment)	Inkarigu bbażat fuq l-avvenimenti mal-korp maniġerjali u mal-maniġment superjuri, tal-inqas bil-frekwenza tal-valutazzjoni tal-SREP.
Ditti tal-investiment żgħar u mhux interkonnessi kif stabbilit fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033	Annwali	Ibbażat fuq l-avvenimenti (bil-kamp ta' applikazzjoni u l-profondità tar-reviżjoni mfassla għall-profil tar-riskju speċifiku tad-ditta tal-investiment)	Inkarigu bbażat fuq l-avvenimenti mal-korp maniġerjali u mal-maniġment superjuri, tal-inqas bil-frekwenza tal-valutazzjoni tal-SREP.

Titolu 3 Monitoraġġ tal-indikaturi ewlenin

59. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jipparteċipaw f'monitoraġġ regolari tal-indikaturi finanzjarji u mhux finanzjarji ewlenin biex jissorveljaw bidliet fil-kundizzjonijiet finanzjarji u l-profili tar-riskju tad-ditti tal-investiment. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw ukoll dan il-monitoraġġ biex jidentifikaw il-ħtieġa ta' aġġornamenti fil-valutazzjoni tal-elementi tal-SREP fid-dawl ta' informazzjoni materjali ġdida barra mill-attivitajiet superviżorji ppjanati. Meta l-monitoraġġ juri bidla materjali fil-profil tar-riskju tad-ditta tal-investiment, jew kwalunkwe anomalija fl-indikaturi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinvestigaw il-kawżi, u, meta rilevanti, jirrevedu l-valutazzjoni tal-element rilevanti tal-SREP fid-dawl tal-informazzjoni ġdida.

60. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jimmonitorjaw indikaturi finanzjarji ewlenin f'konformità mal-frekwenza tar-rapportar għad-ditta tal-investiment. Il-monitoraġġ ta' indikaturi mhux finanzjarji għandu jiġi adattat għan-natura u l-volatilità tal-indikatur mhux finanzjarju speċifiku, iżda għandu jitwettaq tal-inqas fuq bażi annwali.

61. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu sistemi u mudelli ta' monitoraġġ li jippermettu l-identifikazzjoni ta' bidliet materjali u anomaliji fl-imġiba tal-indikaturi, u għandhom jistabbilixxu limiti minimi, meta rilevanti. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw wkoll li għall-indikaturi rilevanti kollha (jew kombinazzjonijiet ta' indikaturi) koperti mill-monitoraġġ, kwalunkwe anomalija u bidla materjali jkunu investigati. Għalhekk, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw il-kawża u jivvalutaw il-materjalità tal-impatt prudenzjali potenzjali fuq id-ditta tal-investiment u l-konsegwenzi possibbli għall-kategorizzazzjoni tad-ditta.

62. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ifasslu s-sett ta' indikaturi u l-limiti tagħhom skont il-karatteristiċi speċifiċi tad-ditti tal-investiment individwali jew gruppi ta' ditti tal-investiment b'karatteristiċi simili (gruppi ta' pari). Il-qafas ta' indikaturi, mudelli ta' monitoraġġ u l-limiti għandu jirrifletti d-daqs, il-kumplessità, il-mudell tan-negozju u l-profil tar-riskju tad-ditta tal-investiment u għandu jkopri ġeografiji, setturi u swieq li d-ditta tal-investiment topera fihom.

63. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jidentifikaw l-indikaturi li għandhom jiġu rintraċċati permezz ta' monitoraġġ regolari primarjament minn rapportar superviżorju regolari u billi jużaw definizzjonijiet mill-istandards komuni ta' rapportar.

64. Il-qafas tal-indikaturi stabbiliti u l-eżiti tal-monitoraġġ tal-indikaturi ewlenin għandu jintuża wkoll bħala input għall-valutazzjoni tar-riskji għall-kapital u r-riskji għal-likwidità u l-finanzjament taħt l-elementi rispettivi tal-SREP.

65. Indikaturi użati għall-monitoraġġ għandhom jinkludu tal-inqas l-indikaturi speċifiċi għad-ditta li ġejjin:

a. indikaturi finanzjarji u mhux finanzjarji li jindirizzaw il-kategoriji tar-riskju koperti minn dawn il-linji gwida applikabbli għall-kategorija speċifika ta' ditta tal-investiment (ara t-Titoli 6 u 8);

b. il-proporzjonijiet kollha derivati mill-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 2019/2033 u mil-liġi nazzjonali li timplimenta d-Direttiva (UE) Nru 2019/2034;

c. meta applikabbli, ir-rekwiżiti minimi għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli (MREL) kif speċifikat bid-Direttiva 2014/59/UE;

d. meta disponibbli, indikaturi ta' rkupru użati fil-pjanijiet ta' rkupru tad-ditta stess.

66. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinkludu indikaturi mhux finanzjarji bħal, pereżempju, il-kamp ta' applikazzjoni tal-awtorizzazzjoni, in-numru ta' impjegati, in-numru ta' lmenti jew indikaturi rilevanti mhux finanzjarji oħrajn, u jistgħu jiddefinixxu indikaturi addizzjonali kif meqjus xieraq.

67. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jakkumpanjaw indikaturi speċifiċi għad-ditta b'indikaturi makroekonomiċi rilevanti, meta disponibbli, fil-ġeografiji, is-setturi u s-swieq li d-ditta tal-investiment topera fihom.

68. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw ukoll li jissupplimentaw il-monitoraġġ regolari tal-indikaturi finanzjarji u mhux finanzjarji ewlenin b'reviżjoni u analiżi tar-riċerka tas-suq indipendenti, meta disponibbli.

Titolu 4 L-analiżi tal-mudell tan-negozju

4.1 Kunsiderazzjonijiet ġenerali

69. Dan it-titolu jispeċifika l-kriterji għall-valutazzjoni tal-mudell tan-negozju u l-istrateġija tad-ditta tal-investiment. L-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw din il-valutazzjoni għal ditta tal-investiment fl-istess livell bħall-valutazzjoni ġenerali tal-SREP, iżda din tista' tiġi applikata wkoll għall-attività speċifika, fuq il-livell tal-linja tan-negozju, jew fuq bażi tematika.

70. Mingħajr ma jimminaw ir-responsabbiltà tal-korp maniġerjali tad-ditta tal-investiment għat-tmexxija u l-organizzazzjoni tan-negozju, jew jindikaw preferenzi għall-mudelli speċifiċi tan-negozju, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu analiżi tal-mudell tan-negozju (BMA) biex jivvalutaw ir-riskji tan-negozju u strateġiċi u jiddeterminaw:

    a. il-vijabbiltà tal-mudell tan-negozju attwali tad-ditta tal-investiment abbażi tal-kapaċità tagħha biex tiġġenera redditi aċċettabbli matul it-12-il xahar sussegwenti; u

    b. is-sostenibbiltà tal-istrateġija tad-ditta tal-investiment fuq perjodu progressiv ta' mill-inqas tliet snin.

71. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw l-eżitu tal-BMA biex jappoġġaw il-valutazzjoni tal-elementi l-oħrajn kollha tal-SREP. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jevalwaw aspetti speċifiċi tal-BMA, b'mod partikolari l-valutazzjoni kwantitattiva tal-mudell tan-negozju, bħala parti mill-valutazzjoni ta' elementi oħrajn tal-SREP.

72. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw ukoll il-BMA biex jappoġġaw l-identifikazzjoni tal-vulnerabbiltajiet ewlenin tad-ditta tal-investiment, li huma aktar probabbli li jkollhom impatt materjali fuq id-ditta tal-investiment jew iwasslu għall-falliment tagħha fil-futur.

73. Barra minn hekk, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw il-BMA biex jivvalutaw l-implikazzjonijiet prudenzjali tar-riskji tal-ML/TF li jkunu jafu bihom, marbuta mal-mudell tan-negozju tad-ditta tal-investiment. F'dan ir-rigward, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw l-input riċevut mis-superviżuri tal-AML/CFT, b'mod partikolari l-valutazzjonijiet tagħhom tar-riskji tal-ML/TF u kwalunkwe sejba relatata ma' dgħufijiet materjali fil-kontrolli tal-AML/CFT ta' ditta tal-investiment, biex jikkomplementaw is-sejbiet tagħhom minn superviżjoni kontinwa, u jevalwaw jekk jagħtux lok għal tħassib prudenzjali relatat mar-riskju tal-ML/TF. Meta l-valutazzjoni tindika li l-mudell tan-negozju tad-ditta tal-investiment jwassal għal tħassib prudenzjali relatat mar-riskju tal-ML/TF, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jaqsmu l-eżitu tal-valutazzjoni prudenzjali tal-mudell tan-negozju mas-superviżuri tal-AML/CFT.

74. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu l-passi li ġejjin bħala parti mill-BMA b'mod proporzjonat, jiġifieri jaġġustaw il-livell ta' dettall tal-analiżi għas-sitwazzjoni speċifika tad-ditta tal-investiment, ir-riskju perċepit, kif ukoll l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħha:

a. valutazzjoni preliminari;

b. identifikazzjoni tal-oqsma ta' ffukar;

c. valutazzjoni tal-ambjent tan-negozju;

d. analiżi kwantitattiva tal-mudell tan-negozju attwali;

e. analiżi kwalitattiva tal-mudell tan-negozju attwali;

f. analiżi tal-istrateġija progressiva (inklużi bidliet ippjanati fil-mudell tan-negozju);

g. valutazzjoni tal-vijabbiltà tal-mudell tan-negozju matul it-12-il xahar sussegwenti;

h. valutazzjoni tas-sostenibbiltà tal-istrateġija;

i. identifikazzjoni tal-vulnerabbiltajiet ewlenin li l-mudell tan-negozju u l-istrateġija tad-ditta tal-investiment jesponuha jew jistgħu jesponuha għalihom; u

j. taqsir tas-sejbiet u l-punteġġ.

75. Għad-ditti tal-investiment tal-kategorija 3, fejn l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet ta' ditta tal-investiment ikunu aktar baxxi, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jwettqu l-BMA u jassenjaw il-punteġġ rilevanti b'mod simplifikat. F'dawn il-każijiet, huma għandhom tal-inqas jivvalutaw il-vijabbiltà tal-mudell tan-negozju u s-sostenibbiltà tal-istrateġija tad-ditti tal-investiment, filwaqt li jqisu l-ambjent tan-negozju tagħhom, u għandhom jidentifikaw il-vulnerabbiltajiet ewlenin. Għad-ditti tal-investiment tal-klassi 3, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeċiedu fuq bażi ta' każ b'każ jekk u f'liema forma għandha titwettaq il-BMA, tal-inqas tifforma opinjoni komprensiva dwar kif tali ditti tal-investiment jiġġeneraw redditi u jidentifikaw il-vulnerabbiltajiet li huma esposti għalihom, li jistgħu jaffettwaw il-kapaċità tagħhom li jiġġeneraw tali redditi.

76. Biex iwettqu l-BMA, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw is-sorsi ta' informazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva li ġejjin, jekk disponibbli:

a. meta affidabbli biżżejjed, pjan(ijiet) strateġiku/strateġiċi tad-ditta tal-investiment bi previżjonijiet għas-sena attwali u progressivi, suppożizzjonijiet ekonomiċi sottostanti;

b. rapportar finanzjarju (eż. inkluż profitt u telf (P&L), żvelar tal-karta tal-bilanċ);

c. rapportar regolatorju;

d. rapportar intern (informazzjoni tal-ġestjoni, ippjanar tal-kapital, rapportar ta' likwidità, rapporti interni tar-riskju);

e. meta applikabbli, pjanijiet ta' rkupru u ta' riżoluzzjoni;

f. rapportar ta' partijiet terzi inklużi rapporti tal-awditjar, rapporti minn analisti ta' ekwità/ta' kreditu); u

g. studji/stħarriġ ieħor rilevanti inkluż mill-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI), l-awtoritajiet u l-istituzzjonijiet makroprudenzjali, u istituzzjonijiet Ewropej.

4.2 Evalwazzjoni preliminari

77. L-awtoritajiet kompetenti għandhom janalizzaw l-attivitajiet ewlenin, il-ġeografiji u l-pożizzjoni tas-suq tad-ditta tal-investiment biex jidentifikaw, fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni fil-ġuriżdizzjoni:

    a. il-ġeografiji ewlenin;

    b. is-sussidjarji/fergħat ewlenin; u

    c. l-attivitajiet ewlenin u, meta rilevanti, il-linji operatorji jew il-linji ta'prodotti tad-ditta tal-investiment.

78. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw firxa ta' metriċi rilevanti fil-punt ta' valutazzjoni u bidliet tagħhom maż-żmien. Dawn il-metriċi għandhom jinkludu:

    a. kontribuzzjoni għad-dħul/l-ispejjeż kumplessivi;

    b. sehem tal-assi;

    c. kontribuzzjoni għar-rekwiżiti ta' fondi proprji; u

    d. il-pożizzjoni tas-suq.

79. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw din il-valutazzjoni preliminarja biex:

    a. jiddeterminaw il-materjalità tal-attivitajiet kummerċjali: l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw liema ġeografiji, sussidjarji/fergħat, attivitajiet, u meta rilevanti linji operatorji u linji ta' prodotti huma l-aktar materjali bbażati fuq il-kontribuzzjoni ta' profitt (b'mod partikolari bbażati fuq il-P&L), ir-riskju (inklużi fatturi K jew miżuri oħrajn ta' riskju) u/jew il-prijoritajiet organizzattivi. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw din l-informazzjoni bħala bażi għall-identifikazzjoni ta' dak li għandha tiffoka fuqu l-BMA (kif kopert f'aktar dettall fit-Taqsima 4.3);

    b. jidentifikaw il-grupp bejn il-pari: l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw (i) il-grupp bejn il-pari rilevanti għad-ditta tal-investiment abbażi tal-istruttura u l-attivitajiet tagħha; (ii) għat-twettiq ta' BMA, il-grupp bejn il-pari fuq il-bażi tal-prodott rivali/il-linji operatorji li jimmiraw lejn l-istess sors ta' profitti/klijenti;

    c. jappoġġaw l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-proporzjonalità: l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jużaw l-eżiti tal-valutazzjoni preliminari biex jgħinu jiddeterminaw il-granularità xierqa tal-valutazzjoni.

4.3 Identifikazzjoni tal-oqsma ta' ffokar għall-BMA

80. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw il-fokus tal-BMA. Huma għandhom jiffokaw fuq il-linji operatorji li huma l-aktar importanti f'termini ta' vijabbiltà jew għas-sostenibbiltà futura tal-mudell tan-negozju attwali, u/jew l-aktar probabbli li jżidu l-iskopertura tad-ditta tal-investiment għal vulnerabbiltajiet eżistenti jew ġodda. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkunsidraw:

    a. il-materjalità tal-attivitajiet kummerċjali – jekk ċerti attivitajiet kummerċjali humiex aktar importanti f'termini ta' ġenerazzjoni ta' profitti (jew telf) jew flussi tal-flus;

    b. sejbiet superviżorji preċedenti – jekk is-sejbiet għal elementi oħrajn tal-SREP jistgħux jipprovdu indikaturi dwar linji operatorji li jeħtieġu aktar investigazzjoni, inklużi sejbiet mis-superviżuri tal-AML/CFT;

    c. sejbiet u osservazzjonijiet minn rapporti tal-awditjar interni jew esterni – jekk il-funzjoni ta' verifika identifikatx kwistjonijiet speċifiċi rigward is-sostenibbiltà jew il-vijabbiltà ta' ċerti linji operatorji;

    d. importanza għall-pjanijiet strateġiċi – jekk hemmx linji operatorji li d-ditta tal-investiment tixtieq li jikbru, jew jonqsu, b'mod sostanzjali;

    e. bidliet osservati fil-mudell tan-negozju – jekk hemmx tibdiliet osservati de facto fil-mudell tan-negozju li seħħew mingħajr ma d-ditta tal-investiment ddikjarat kwalunkwe bidla ppjanata jew irrilaxxat pjanijiet strateġiċi ġodda u jekk il-bidliet fil-mudell tan-negozju jistgħux jesponu lid-ditta tal-investiment għal riskji akbar tal-ML/TF; u

    f. paraguni bejn il-pari – jekk linja tan-negozju aġixxietx b'mod atipiku (kinitx "iżolata") meta mqabbla mal-pari tagħha.

4.4 Valutazzjoni tal-ambjent tan-negozju

81. Biex jiffurmaw opinjoni dwar il-plawżibbiltà tas-suppożizzjonijiet strateġiċi ta' ditta tal-investiment, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu analiżi tal-ambjent tan-negozju. Dan jieħu inkunsiderazzjoni l-kundizzjonijiet tan-negozju attwali u futuri li fihom topera jew x'aktarx topera ditta tal-investiment abbażi tal-iskoperturi ewlenin jew materjali ġeografiċi u tan-negozju tagħha. Tali analiżi għandha tkun ibbażata fuq il-varjabbli makroekonomiċi ewlenin, ix-xejriet regolatorji u tas-suq, u x-xenarju kompetittiv.

4.5 Analiżi tal-mudell tan-negozju attwali

82. Biex jifhmu l-mezzi u l-metodi użati minn ditta tal-investiment biex taħdem u tiġġenera profitti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu analiżijiet kwantitattivi u kwalitattivi.

4.5.1 Analiżi kwantitattiva

83. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu kemm analiżi statika kif ukoll tax-xejriet tal-karatteristiċi kwantitattivi ewlenin tal-mudell tan-negozju attwali tad-ditta tal-investiment biex jifhmu l-prestazzjoni finanzjarja tagħha u l-livell sa fejn tkun immexxija mill-aptit għar-riskju tagħha li jkun ogħla jew aktar baxx mill-pari.

84. L-oqsma għal analiżi mill-awtoritajiet kompetenti jistgħu jinkludu:

    a. profitt u telf: l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jivvalutaw il-profittabbiltà sottostanti tad-ditta tal-investiment (wara entrati ta' eċċezzjoni u ta' darba), it-tqassim tal-flussi ta' dħul, it-tqassim tal-ispejjeż, dispożizzjonijiet ta' indeboliment u proporzjonijiet ewlenin (inkluż il-marġni tal-profitt nett tal-ispiża/dħul, fluss nett tal-flus);

    b. il-karta tal-bilanċ: l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jivvalutaw it-taħlita bejn l-assi u l-obbligazzjonijiet, l-istruttura ta' finanzjament, il-bidla fil-fondi proprji u r-rekwiżiti tal-fondi proprji, u l-proporzjonijiet ewlenin (eż. redditu fuq l-ekwità, il-kapital tal-Grad 1 ta' ekwità komuni, diskrepanza fil-finanzjament);

    c. konċentrazzjonijiet: l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jivvalutaw il-konċentrazzjonijiet fil-P&L u l-karta tal-bilanċ relatati mal-klijenti, is-setturi u l-ġeografiji; u

    d. aptit għar-riskju: l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jivvalutaw il-limiti formali stabbiliti mid-ditta tal-investiment (b'mod partikolari limiti ta' negozjar) u l-aderenza tagħha magħhom biex jifhmu r-riskji li d-ditta tal-investiment lesta tieħu biex tixpruna l-prestazzjoni finanzjarja tagħha.

4.5.2 Analiżi kwalitattiva

85. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu analiżi tal-karatteristiċi kwalitattivi tal-mudell tan-negozju attwali tad-ditta tal-investiment biex jifhmu l-motivaturi ta' suċċess u d-dipendenzi ewlenin tagħha.

86. L-oqsma għal analiżi mill-awtoritajiet kompetenti jistgħu jinkludu:

    a. dipendenzi esterni ewlenin: l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeterminaw il-fatturi esoġeni ewlenin li jinfluwenzaw is-suċċess tal-mudell tan-negozju; dawn jistgħu jinkludu fornituri ta' partijiet terzi, intermedjarji u motivaturi regolatorji speċifiċi;

    b. dipendenzi interni ewlenin: l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeterminaw il-fatturi endoġeni ewlenin li jinfluwenzaw is-suċċess tal-mudell tan-negozju; dawn jistgħu jinkludu l-kwalità tal-pjattaformi tal-IT u l-kapaċità operattiva u tar-riżorsi; u anke nies ewlenin;

    c. franchise: l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeterminaw is-saħħa tar-relazzjonijiet mal-klijenti, il-fornituri u s-sħab; din tista' tinkludi d-dipendenza tad-

ditta tal-investiment fuq ir-reputazzjoni tagħha, l-effettività tal-fergħat, il-lealtà tal-klijenti u l-effettività tas-sħubijiet; u

d. oqsma ta' vantaġġ kompetittiv: l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeterminaw ukoll l-oqsma li fihom id-ditta tal-investiment jkollha vantaġġ kompetittiv fuq il-pari tagħha; dawn jistgħu jinkludu kwalunkwe wieħed minn dawn ta' hawn fuq, bħall-kwalità tal-pjattaformi tal-IT tad-ditta tal-investiment, jew fatturi oħrajn bħan-network globali tad-ditta tal-investiment, l-iskala tan-negozju tagħha jew il-propożizzjoni tal-prodott tagħha.

e. Riskji tal-ML/TF: fl-analiżi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw kwalunkwe indikazzjoni li l-mudell u l-attivitajiet kummerċjali jwasslu għal riskji akbar tal-ML/TF, inkluż it-tranżazzjonijiet f'kontanti jew l-istabbiliment jew l-użu ta' entitajiet ġuridiċi f'pajjiżi terzi b'riskju għoli, kif identifikati f'konformità mal-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2015/849. Meta preżenti, dawn l-indikazzjonijiet għandhom jiġu kkomplementati b'analiżi kwantitattiva, kif xieraq, b'enfasi partikolari fuq il-materjalità tad-dħul u l-introjtu minn operazzjonijiet immexxija f'tali pajjiżi terzi b'riskju għoli, il-konċentrazzjonijiet ta' skoperturi għall-klijenti li għalihom id-ditti tal-investiment japplikaw diligenza dovuta mtejba tal-klijenti kif stabbilit fil-Kapitolu II, it-Taqsima 3 tad-Direttiva 2015/849.

4.6 Analiżi tal-istrateġija

87. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu analiżi progressiva kwantitattiva u kwalitattiva tal-projezzjonijiet finanzjarji u l-pjan strateġiku tad-ditta tal-investiment biex jifhmu s-suppożizzjonijiet, il-plawżibbiltà u r-riskji tal-istrateġija tan-negozju tagħha.

88. L-oqsma għal analiżi mill-awtoritajiet kompetenti jistgħu jinkludu:

a. strateġija globali: l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkunsidraw l-objettivi ewlenin kwantitattivi u kwalitattivi ta' ġestjoni;

b. prestazzjoni finanzjarja pproġettata: l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkunsidraw il-prestazzjoni finanzjarja pproġettata, li tkopri l-istess metriċi jew metriċi simili għal dawk koperti fl-analiżi kwantitattiva tal-mudell tan-negozju attwali;

c. motivaturi ta' suċċess tal-istrateġija: l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeterminaw il-bidliet ewlenin proposti għall-mudell tan-negozju attwali biex jintlaħqu l-objettivi;

d. suppożizzjonijiet: l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeterminaw il-plawżibbiltà u l-konsistenza tas-suppożizzjonijiet magħmula mid-ditta tal-investiment li jixprunaw l-istrateġija u l-previżjonijiet tagħha; dawn jistgħu jinkludu suppożizzjonijiet f'oqsma bħall-metrika makroekonomika, id-dinamika tas-suq, il-volum u t-tkabbir tal-marġni fil-prodotti ewlenin, segmenti u ġeografiji; u

e. kapaċitajiet eżekuttivi: l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeterminaw il-kapaċitajiet eżekuttivi tad-ditta tal-investiment abbażi tar-rekord tal-maniġment

fil-konformità mal-istrateġiji u l-previżjonijiet preċedenti, u l-kumplessità u l-ambizzjoni tas-sett tal-istrateġija meta mqabbla mal-mudell tan-negozju attwali.

4.7 Valutazzjoni tal-vijabbiltà tal-mudell tan-negozju

89. Wara li jwettqu l-analiżijiet koperti fit-Taqsimiet 4.4 u 4.5, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffurmaw, jew jaġġornaw, il-fehma tagħhom dwar il-vijabbiltà tal-mudell tan-negozju attwali tad-ditta tal-investiment fuq il-bażi tal-kapaċità tagħha li tiġġenera redditi aċċettabbli matul it-12-il xahar sussegwenti, skont il-prestazzjoni kwantitattiva, il-motivaturi ta' suċċess u d-dipendenzi ewlenin u l-ambjent tan-negozju.

90. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jivvalutaw il-livell tar-redditi skont il-kriterji li ġejjin:

    a. redditu fuq l-ekwità (ROE) fir-rigward tal-kost tal-ekwità (COE) jew miżura ekwivalenti: l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkunsidraw jekk il-mudell tan-negozju jiġġenerax redditu akbar mill-ispiża (esklużi l-miżuri ta' darba) fuq il-bażi ta' ROE fil-konfront tas-COE; metriċi oħrajn, bħal redditu fuq l-assi jew redditu aġġustat għar-riskju fuq il-kapital, kif ukoll b'kunsiderazzjoni tal-bidliet f'dawn il-miżuri permezz taċ-ċiklu, jistgħu wkoll jappoġġaw din il-valutazzjoni;

    b. struttura tal-flussi tal-flus: l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkunsidraw jekk it-taħlita tal-flussi tal-flus hijiex xierqa għall-mudell tan-negozju u għall-istrateġija; il-volatilità jew in-nuqqas ta' qbil fil-ġenerazzjoni tal-flussi tal-flus jistgħu jfissru li l-mudell tan-negozju jew l-istrateġija, anke wieħed li jiġġenera redditi akbar mill-ispejjeż, jista' ma jkunx vijabbli jew sostenibbli fl-ambjent tan-negozju attwali jew futur; u

    c. aptit għar-riskju: l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkunsidraw jekk il-mudell tan-negozju jew l-istrateġija tad-ditta tal-investiment jibbażax fuq aptit għar-riskju, għal riskji individwali jew b'mod aktar ġenerali, li jitqies aktar għoli jew huwiex iżolat fost il-grupp bejn il-pari, meta disponibbli.

4.8 Valutazzjoni tas-sostenibbiltà tal-istrateġija tad-ditta tal-investiment

91. Wara li jkunu wettqu l-analiżijiet koperti fit-Taqsimiet 4.4 sa 4.6, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffurmaw, jew jaġġornaw, l-opinjoni tagħhom dwar is-sostenibbiltà tal-istrateġija tad-ditta tal-investiment fuq perjodu progressiv, filwaqt li jqisu l-pjanijiet strateġiċi u l-previżjonijiet finanzjarji tagħha u skont il-valutazzjoni superviżorja tal-ambjent tan-negozju. Tali perjodu progressiv għandu jkopri tal-inqas 3 snin iżda jista' jiġi estiż biex jaqbel mal-valutazzjoni tal-SREP sħiħa mistennija li jmiss, f'konformità mal-mudell ta' inkarigu minimu speċifikat fit-Titolu 2.

92. B'mod partikolari, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jivvalutaw is-sostenibbiltà tal-istrateġija tad-ditta tal-investiment abbażi ta':

a. il-plawżibbiltà tas-suppożizzjonijiet u l-prestazzjoni finanzjarja pproġettata tad-ditta tal-investiment meta mqabbla mal-perspettiva superviżorja tal-ambjent tan-negozju attwali u futur;

b. l-impatt fuq il-prestazzjoni finanzjarja pproġettata tal-perspettiva superviżorja tal-ambjent tan-negozju (meta din tkun differenti mis-suppożizzjonijiet tad-ditta tal-investiment); u

c. il-livell ta' riskju tal-istrateġija (jiġifieri l-kumplessità u l-ambizzjoni tal-istrateġija meta mqabbla mal-mudell tan-negozju attwali) u l-probabbiltà konsegwenti ta' suċċess ibbażata fuq il-kapaċitajiet eżekuttivi probabbli tad-ditta tal-investiment (imkejla bis-suċċess tad-ditta tal-investiment fl-eżekuzzjoni ta' strateġiji preċedenti ta' skala simili jew il-prestazzjoni fir-rigward tal-pjan strateġiku sa issa).

93. Għal ditti tal-investiment mhux kumplessi u meta il-projezzjonijiet finanzjarji ma jkunux disponibbli jew ma jkunux affidabbli, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jivvalutaw is-sostenibbiltà tal-istrateġija tad-ditta tal-investiment b'mod kwalitattiv b'enfasi fuq:

a. it-tkabbir kumplessiv ippjanat f'kull attività tan-negozju sinifikanti u l-impatt potenzjali tal-ambjent tan-negozju fuq il-kapaċità li titwettaq l-istrateġija;

b. l-allinjament ħażin potenzjali bejn l-inċentiv tal-profitt fit-tul tad-ditta tal-investiment u l-interessi tal-konsumaturi u tas-swieq finanzjarji;

c. il-konsistenza tal-istrateġija tad-ditta tal-investiment mal-aptit għar-riskju.

4.9 Identifikazzjoni tal-vulnerabbiltajiet ewlenin

94. Wara li jwettqu l-BMA, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-vulnerabbiltajiet ewlenin li l-mudell tan-negozju u l-istrateġija tad-ditta jesponuha jew jistgħu jesponuha għalihom, b'kunsiderazzjoni ta' kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

a. il-prestazzjoni finanzjarja batuta mistennija;

b. id-dipendenza minn strateġija mhux realistika;

c. konċentrazzjonijiet eċċessivi jew volatilità (inklużi dħul, qligħ u klijenti soġġetti għal aktar diligenza dovuta tal-klijent stabbilita fil-Kapitolu II, it-Taqsima 3 tad-Direttiva (UE) 2015/849, pajjiżi terzi b'riskju għoli f'konformità mal-Artikolu 9 ta' dik id-Direttiva);

d. it-teħid ta' riskju eċċessiv;

e. tħassib dwar il-fluss tal-flus u l-istruttura tal-finanzjament;

f. kwistjonijiet sinifikanti esterni (inkluż theddid regolatorju, bħall-obbligu tad-delimitazzjoni tal-unitajiet tan-negozju); u

g. ir-riskji tal-ESG u l-impatt tagħhom fuq il-vijabbiltà u s-sostenibbiltà tal-mudell tan-negozju u r-reżiljenza fit-tul tad-ditta tal-investiment.

95. Wara l-valutazzjoni ta' hawn fuq, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar il-vijabbiltà tal-mudell tan-negozju tad-ditta tal-investiment u s-sostenibbiltà tal-istrateġija tagħha, u kwalunkwe miżura meħtieġa biex tindirizza problemi u tħassib.

4.10 Sommarju tas-sejbiet u għoti ta' punteġġ

96. Abbażi tal-valutazzjoni tal-vijabbiltà u s-sostenibbiltà tal-mudell tan-negozju, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni ġenerali dwar il-vijabbiltà tal-mudell tan-negozju u s-sostenibbiltà tal-istrateġija, u kwalunkwe riskju potenzjali għall-vijabbiltà ta' ditta tal-investiment li joħroġ minn din il-valutazzjoni. Din l-opinjoni għandha tkun riflessa fis-sommarju tas-sejbiet, akkumpanjata minn punteġġ ta' vijabbiltà bbażat fuq il-kunsiderazzjonijiet speċifikati fit-tabella ta' hawn taħt.

Tabella 3. Kunsiderazzjonijiet superviżorji għall-assenjament ta' punteġġ għall-analiżi tal-mudell tan-negozju

Punteġġ	Perspettiva superviżorja	Kunsiderazzjonijiet
1	Il-mudell tan-negozju u l-istrateġija joħolqu livell baxx ta' riskju għall-vijabbiltà tad-ditta tal-investiment.	• Id-ditta tal-investiment tiġġenera redditi b'saħħithom u stabbli li huma aċċettabbli b'kunsiderazzjoni tal-aptit għar-riskju u l-istruttura ta' finanzjament tagħha. • Ma hemm l-ebda konċentrazzjoni ta' assi materjali jew sorsi kkonċentrati mhux sostenibbli ta' dħul. • Id-ditta tal-investiment għandha pożizzjoni kompetittiva qawwija fis-swieq magħżula tagħha u strateġija li probabbli ssaħħaħha. • Id-ditta tal-investiment għandha previżjonijiet finanzjarji mfassla fuq il-bażi ta' suppożizzjonijiet plawżibbli dwar l-ambjent tan-negozju futur. • Il-pjanijiet strateġiċi huma xierqa b'kunsiderazzjoni tal-mudell tan-negozju attwali u l-kapaċitajiet eżekuttivi ta' ġestjoni.
2	Il-mudell tan-negozju u l-istrateġija joħolqu livell medju-baxx ta' riskju għall-vijabbiltà tad-ditta tal-investiment.	• Id-ditta tal-investiment tiġġenera redditi medji meta mqabbla mal-pari u/jew prestazzjoni storika li huma ġeneralment aċċettabbli b'kunsiderazzjoni tal-aptit għar-riskju u l-istruttura ta' finanzjament tagħha. • Hemm xi konċentrazzjonijiet ta' assi jew sorsi kkonċentrati ta' dħul. • Id-ditta tal-investiment tiffaċċja pressjoni kompetittiva fuq il-prodotti/is-servizzi tagħha f'suq ewlieni jew swieq ewlenin. Hemm dubji dwar l-istrateġija tagħha biex tindirizza s-sitwazzjoni.

		• Id-ditta tal-investiment għandha previżjonijiet finanzjarji mfassla fuq il-bażi ta' suppożizzjonijiet ottimisti dwar l-ambjent tan-negozju futur. • Il-pjanijiet strateġiċi huma raġonevoli b'kunsiderazzjoni tal-mudell tan-negozju attwali u l-kapaċitajiet eżekuttivi ta' ġestjoni, iżda mhux mingħajr riskji.
3	Il-mudell tan-negozju u l-istrateġija joħolqu livell medju-għoli ta' riskju għall-vijabbiltà tad-ditta tal-investiment.	• Id-ditta tal-investiment tiġġenera redditi li huma spiss dgħajfa jew mhux stabbli, jew tibbaża fuq aptit għar-riskju jew struttura ta' finanzjament biex tiġġenera redditi xierqa li jqajmu tħassib superviżorju. • Hemm konċentrazzjonijiet sinifikanti ta' assi jew sorsi kkonċentrati ta' dħul. • Id-ditta tal-investiment għandha pożizzjoni kompetittiva dgħajfa għall-prodotti/is-servizzi tagħha fis-swieq magħżula tagħha, u jista' jkollha ftit linji operatorji bi prospetti tajbin. Is-sehem tas-suq tad-ditta tal-investiment jista' jkun qed jonqos b'mod sinifikanti. Hemm dubji dwar l-istrateġija tagħha biex tindirizza s-sitwazzjoni. • Id-ditta tal-investiment għandha previżjonijiet finanzjarji mfassla fuq il-bażi ta' suppożizzjonijiet ottimisti żżejjed dwar l-ambjent tan-negozju futur. • Il-pjanijiet strateġiċi jistgħu ma jkunux plawżibbli b'kunsiderazzjoni tal-mudell tan-negozju attwali u l-kapaċitajiet eżekuttivi tal-ġestjoni.
4	Il-mudell tan-negozju u l-istrateġija joħolqu livell għoli ta' riskju għall-vijabbiltà tad-ditta tal-investiment.	• Id-ditta tal-investiment tiġġenera redditi dgħajfa ħafna u instabbli ħafna, jew tibbaża fuq aptit għar-riskju jew struttura ta' finanzjament mhux aċċettabbli biex tiġġenera redditi xierqa. • Id-ditta tal-investiment għandha konċentrazzjonijiet ta' assi estremi jew sorsi ta' dħul ikkonċentrati mhux sostenibbli. • Id-ditta tal-investiment għandha pożizzjoni kompetittiva ħażina ħafna għall-prodotti/is-servizzi tagħha fis-swieq magħżula tagħha u tipparteċipa f'linji operatorji bi prospetti dgħajfa ħafna. Il-pjanijiet strateġiċi x'aktarx li ma jindirizzawx is-sitwazzjoni. • Id-ditta tal-investiment għandha previżjonijiet finanzjarji mfassla fuq il-bażi ta' suppożizzjonijiet mhux realistiċi dwar l-ambjent tan-negozju futur. • Il-pjanijiet strateġiċi mhumiex plawżibbli b'kunsiderazzjoni tal-mudell tan-negozju attwali u l-kapaċitajiet eżekuttivi ta' ġestjoni.

Titolu 5 Il-valutazzjoni tal-governanza interna u tal-kontrolli fid-ditta kollha

5.1 Kunsiderazzjonijiet ġenerali

97. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-arranġamenti ta' governanza interna ta' ditta tal-investiment humiex adegwati u proporzjonati mal-profil tar-riskju, il-mudell tan-negozju, in-natura, id-daqs u l-kumplessità tad-ditta tal-investiment. Dawn għandhom jidentifikaw il-punt sa fejn id-ditta tal-investiment tikkonforma mar-rekwiżiti nazzjonali u tal-UE applikabbli fir-rigward ta' arranġamenti soda ta' governanza interna u jidentifikaw kwalunkwe nuqqas. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jevalwaw, b'mod partikolari, jekk l-arranġamenti ta' governanza interna jiżgurawx il-ġestjoni soda tar-riskji u jinkludux kontrolli interni u sorveljanza xierqa. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu jekk hemmx riskji materjali imposti minn arranġamenti dgħajfa ta' governanza interna u l-effett potenzjali tagħhom fuq is-sostenibbiltà tal-profil tar-riskju tad-ditta tal-investiment.

98. Għall-SREP, il-valutazzjoni tal-governanza interna u tal-kontrolli tad-ditta tal-investiment għandha tinkludi, wara li titqies l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-proporzjonalità, valutazzjoni tal-oqsma li ġejjin:

    a. il-qafas ta' governanza interna ġenerali, li għandu jinkludi struttura organizzazzjonali ċara u kultura tar-riskju korporattiva xierqa;

    b. il-kompożizzjoni, l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-korp maniġerjali u, meta stabbiliti, tal-kumitati tiegħu;

    c. il-politiki u l-prattiki ta' remunerazzjoni;

    d. il-qafas ta' kontroll intern, li għandu jinkludi konformità indipendenti, u, meta applikabbli, il-ġestjoni tar-riskju intern u funzjonijiet tal-awditu intern;

    e. il-qafas tal-ġestjoni tar-riskju, inkluż l-ICARAP;

    f. Teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni; u

    g. ippjanar għall-kontinwità tal-operat.

99. Il-valutazzjoni tal-governanza interna għandha tinforma l-valutazzjoni speċifika tal-ġestjoni tar-riskju u l-kontrolli kif speċifikat fit-Titoli 6 u 8, kif ukoll il-valutazzjoni tal-kapital tal-SREP fit-Titolu 7 u l-valutazzjoni tal-likwidità tal-SREP fit-Titolu 9. Bl-istess mod, analiżi tar-riskji individwali tal-adegwatezza tal-kapital intern u l-proċess ta' valutazzjoni tar-riskju intern riveduti taħt it-Titolu 7, u kwalunkwe nuqqas identifikat hemmhekk, għandhom jinfurmaw il-valutazzjoni tal-qafas ġenerali tal-ġestjoni tar-riskju vvalutat taħt dan it-titolu.

100. F'konformità mal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-governanza interna[13], il-valutazzjoni tal-qafas ta' governanza interna għandu jinkludi l-verifika tal-eżistenza ta' arranġamenti u mekkaniżmi ta' governanza biex jiġi żgurat li d-ditta tal-investiment tikkonforma mar-rekwiżiti tal-AML/CFT applikabbli u tqis kwalunkwe informazzjoni supplimentari riċevuta mis-superviżuri tal-AML/CFT dwar il-valutazzjoni ta' dawn l-arranġamenti u l-mekkaniżmi.

101. Sabiex tiġi żgurata protezzjoni konsistenti tal-investituri fis-servizzi finanzjarji kollha, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkoordinaw mal-awtoritajiet tas-suq, u jikkunsidraw l-informazzjoni rilevanti riċevuta minn tali awtoritajiet għall-valutazzjoni tal-arranġamenti ta' governanza u l-kontrolli mad-ditti kollha.

Prinċipju tal-proporzjonalità

102. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu l-prinċipju tal-proporzjonalità bil-għan li jiżguraw li l-arranġamenti ta' governanza interna stabbiliti mid-ditti tal-investiment, inkluż fil-kuntest ta' gruppi ta' ditti tal-investiment, ikunu konsistenti mal-profil tar-riskju individwali tad-ditta u tal-grupp, proporzjonali mad-daqs u mal-organizzazzjoni interna tagħhom, rilevanti għall-mudell tan-negozju tagħhom, adatt għan-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom u biżżejjed biex jintlaħqu b'mod effettiv l-objettivi tar-rekwiżiti regolatorji rilevanti.

103. Għall-finijiet tal-paragrafu ta' hawn fuq u filwaqt li titqies il-varjetà ta' mudelli ta' negozju differenti li taħthom joperaw id-ditti tal-investiment u l-gruppi ta' ditti tal-investiment, għandu jiġi vvalutat jekk id-ditti tal-investiment b'organizzazzjoni aktar kumplessa jew bi skala akbar għandux ikollhom arranġamenti ta' governanza aktar sofistikati, filwaqt li d-ditti tal-investiment b'organizzazzjoni aktar sempliċi jew b'attivitajiet bi skala iżgħar jew inqas kumplessi jistgħu jimplimentaw arranġamenti ta' governanza aktar sempliċi.

104. Il-kriterji li għandhom jitqiesu għall-applikazzjoni tal-prinċipju tal-proporzjonalità bħal dawn li ġejjin għandhom jiġu kkunsidrati għall-valutazzjoni tal-governanza interna, f'konformità mal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-governanza interna:

a. id-daqs f'termini tal-karta tal-bilanċ tad-ditta tal-investiment u tas-sussidjarji tagħha fil-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidazzjoni prudenzjali;

b. l-assi mmaniġġjati;

c. jekk id-ditta tal-investiment hijiex awtorizzata żżomm flus jew assi tal-klijent;

d. l-assi salvagwardjati u amministrati;

e. il-volum tal-ordnijiet tal-klijenti ttrattati;

f. il-volum tal-fluss tan-negozjar ta' kuljum;

g. il-preżenza ġeografika tad-ditta tal-investiment u d-daqs tal-operazzjonijiet tagħha f'kull ġuriżdizzjoni, inkluż fil-ġuriżdizzjonijiet tal-pajjiżi terzi;

[13] Il-Linji Gwida tal-EBA dwar il-Governanza Interna skont id-Direttiva (UE) 2019/2034 (EBA/GL/2021/14).

h. il-forma ġuridika tad-ditta tal-investiment, inkluż jekk id-ditta tal-investiment hijiex parti minn grupp u, jekk iva, il-valutazzjoni tal-proporzjonalità għall-grupp;

i. jekk id-ditta tal-investiment hijiex awtorizzata tuża mudelli interni għall-kejl tar-rekwiżiti kapitali, kif imsemmi fl-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2019/2033;

j. it-tip ta' attivitajiet awtorizzati, is-servizzi mwettqa mid-ditta tal-investiment kif iddefiniti fit-Taqsimiet A u B tal-Anness I għad-Direttiva 2014/65/UE u servizzi oħrajn imwettqa mid-ditta tal-investiment;

k. il-mudell u l-istrateġija tan-negozju sottostanti; in-natura u l-kumplessità tal-attivitajiet kummerċjali, u l-istruttura organizzazzjonali tad-ditta tal-investiment;

l. l-istrateġija tar-riskju, l-aptit għar-riskju u l-profil tar-riskju reali tad-ditta tal-investiment, filwaqt li jitqies ukoll ir-riżultat tal-valutazzjonijiet tal-likwidità tas-SREP u tal-kapital tas-SREP;

m. is-sjieda u l-istruttura ta' finanzjament tad-ditta tal-investiment;

n. it-tip ta' klijenti;

o. il-kumplessità tal-istrumenti jew il-kuntratti finanzjarji;

p. il-funzjonijiet u l-kanali ta' distribuzzjoni esternalizzati;

q. Is-sistemi u t-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni eżistenti (ICT), inkluż is-sistemi ta' kontinwità u l-funzjonijiet ta' esternalizzazzjoni f'dan il-qasam;

105. Għall-applikazzjoni xierqa tal-SREP fil-każ ta' ditti tal-investiment ikklassifikati, f'konformità mat-Titolu 2, għall-kategorija 3, ir-rekwiżiti minimi aġġustati huma pprovduti fit-taqsimiet rispettivi ta' dan it-titolu.

106. Għad-ditti tal-investiment li jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-kwalifika ta' ditti tal-investiment żgħar u mhux interkonnessi stabbiliti fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033 (ditti tal-Klassi 3), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrevedu l-arranġamenti organizzazzjonali tagħhom kif iqisu xieraq, filwaqt li jqisu r-rekwiżiti regolatorji applikabbli.

5.2 Qafas ġenerali ta' governanza interna

107. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk id-ditta ta' investiment tistabbilixxix qafas u arranġamenti ta' governanza interna robusti, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 26 tad-Direttiva (UE) 2019/2034, il-Linji Gwida tal-EBA dwar il-governanza interna, il-Linji Gwida tal-EBA dwar politiki sodi ta' remunerazzjoni [14], ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/565 [15], il-Linji Gwida tal-ESMA dwar ir-rekwiżiti ta' governanza tal-

[14] Il-Linji Gwida tal-EBA dwar politiki sodi ta' remunerazzjoni skont id-Direttiva (UE) 2019/2034 (EBA/GL/2021/13).

[15] IR-REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/565 tal-25 ta' April 2016 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward rekwiżiti organizzazzjonali u kundizzjonijiet għall-operat għal ditti tal-investiment u termini definiti għall-finijiet ta' dik id-Direttiva (ĠU L 087, 31.3.2017, p. 1).

prodotti tal-MiFID II[16], il-Linji Gwida Konġunti tal-ESMA u tal-EBA dwar il-valutazzjoni tal-adegwatezza tal-membri tal-korp maniġerjali u tad-detenturi ta' funzjonijiet ewlenin[17]. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk id-ditta tal-investiment turix tal-inqas li:

a. il-korp maniġerjali jkun stabbilixxa, approva u jissorvelja qafas adegwat u effettiv ta' governanza interna u ta' kontroll intern li jinkludi struttura organizzazzjonali u operazzjonali xierqa u trasparenti u qafas ta' kontroll intern li jaħdem tajjeb, inklużi proċeduri sodi ta' amministrazzjoni u kontabbiltà u funzjoni permanenti u effettiva ta' verifika tal-konformità u, meta xieraq u proporzjonat, il-ġestjoni tar-riskju intern l-funzjonijiet tal-awditu intern li jkollhom awtorità, statura u riżorsi suffiċjenti sabiex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom b'mod indipendenti. Meta d-ditti tal-investiment ma jistabbilixxux u ma jżommux funzjoni ta' ġestjoni tar-riskju u funzjoni tal-awditu intern, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk il-politiki u l-proċeduri adottati u implimentati għal qafas ta' kontroll intern jiksbux l-istess eżitu bir-responsabbiltà aħħarija tibqa' f'idejn il-korp maniġerjali;

b. il-korp maniġerjali jiżgura u jivvaluta perjodikament l-effettività tal-arranġamenti ta' governanza interna tad-ditta tal-investiment u jieħu passi xierqa biex jiġi indirizzat kwalunkwe nuqqas identifikat;

c. il-korp maniġerjali jkun stabbilixxa, approva u jissorvelja l-istrateġija ġenerali tan-negozju u tar-riskju, inkluż l-istabbiliment tal-aptit għar-riskju tad-ditta tal-investiment u l-qafas ta' ġestjoni tar-riskju tagħha, inklużi politiki u proċeduri adegwati;

d. il-korp maniġerjali jaf u jifhem l-istruttura ġuridika, organizzazzjonali u operattiva tad-ditta tal-investiment ("kun af l-istruttura tiegħek"), b'mod partikolari meta d-ditta tal-investiment tinvolvi strutturi kumplessi, u jiżgura li din hija konsistenti mal-istrateġiji tan-negozju u tar-riskju u mal-aptit għar-riskju approvati tagħha;

e. id-ditta tal-investiment għandha struttura korporattiva xierqa u trasparenti li hija "adatta għall-iskop" u li ma tqajjem l-ebda tħassib li d-ditta tal-investiment tista' tintuża għal skopijiet marbuta mal-kriminalità finanzjarja u kultura soda korporattiva u tar-riskju li hija komprensiva u proporzjonata għan-natura, l-iskala u l-kumplessità tar-riskji inerenti għall-mudell tan-negozju u l-attivitajiet tad-ditta tal-investiment u konsistenti mal-aptit għar-riskju tad-ditta tal-investiment;

f. id-ditta tal-investiment tippromwovi u tiżgura kultura tar-riskju u standards professjonali etiċi għoljin, permezz ta' kodiċi ta' kondotta, u implimentat politiki u proċeduri ta' twissija interna xierqa;

[16] Il-Linji Gwida tal-ESMA dwar ir-rekwiżiti ta' governanza tal-prodotti tal-MiFID II (ESMA35-43-620).

[17] Il-Linji Gwida Konġunti tal-ESMA u tal-EBA dwar il-valutazzjoni tal-adegwatezza tal-membri tal-korp maniġerjali u tad-detenturi ta' funzjonijiet ewlenin EBA/GL/2017/12).

g. ikun hemm komunikazzjoni ċara, b'saħħitha u effettiva tal-istrateġiji, tal-valuri korporattivi, tal-kodiċi ta' kondotta, tar-riskju u ta' politika oħra għall-persunal rilevanti kollha;

h. il-korp maniġerjali stabbilixxa, approva u jissorvelja l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' politiki u proċessi effettivi biex jidentifikaw, jivvalutaw, jimmaniġġaw u jimmitigaw jew jipprevjenu kunflitti ta' interess reali u potenzjali fil-livell tad-ditta kif ukoll bejn id-ditta tal-investiment u l-interessi privati tal-persunal, inkluż tal-membri tal-korp maniġerjali, li jistgħu jinfluwenzaw ħażin it-twettiq tad-dmirijiet u tar-responsabbiltajiet tagħhom;

i. il-korp maniġerjali jkun stabbilixxa u jiżgura l-implimentazzjoni ta' qafas għad-dħul f'self u fi tranżazzjonijiet oħrajn, ma' membri tal-korp maniġerjali u l-partijiet relatati magħhom;

j. id-ditti tal-investiment jistabbilixxu u jżommu politiki u proċeduri ta' twissija interna xierqa għall-persunal biex jirrapportaw ksur reali tar-Regolament (UE) 2019/2033 u dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva (UE) 2019/2034 permezz ta' mezz speċifiku, indipendenti u awtonomu;

k. ikun ġie implimentat proċess ta' valutazzjoni tal-għażla u tal-adegwatezza għall-membri tal-korp maniġerjali u għad-detenturi ta' funzjonijiet ewlenin;

l. li jkunu ġew implimentati arranġamenti bil-għan li tiġi żgurata l-integrità tas-sistemi kontabilistiċi u ta' rapportar finanzjarju, inklużi kontrolli finanzjarji u operazzjonali u l-konformità mal-liġi u ma' standards rilevanti;

m. li l-qafas ta' governanza interna huwa stabbilit, immonitorjat u vvalutat b'mod regolari mill-korp maniġerjali; u

n. li l-istrateġiji, il-politiki u l-proċeduri huma kkomunikati lill-persunal rilevanti kollu f'ditta tal-investiment u l-istrutturi ta' ditta tal-investiment u huma ċari, effiċjenti u trasparenti għall-persunal tad-ditta tal-investiment, l-azzjonisti u partijiet ikkonċernati oħrajn u għall-awtorità kompetenti.

108. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk il-qafas ġenerali ta' governanza tad-ditta tal-investiment jinkludix ukoll il-ġestjoni tal-Politika ta' Approvazzjoni ta' Prodotti Ġodda (NPAP) u l-esternalizzazzjoni. Meta janalizzaw il-qafas ta' governanza interna u l-kontrolli mad-ditti kollha, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu wkoll il-valutazzjonijiet riċevuti mis-superviżuri tas-swieq u jevalwaw jekk dawn jagħtux lok għal tħassib prudenzjali. Dan jista' jkun il-każ b'mod partikolari meta s-sejbiet jindikaw dgħufijiet materjali fis-sistemi u l-kontrolli ta' ditta tal-investiment fir-rigward tal-NPAP u l-esternalizzazzjoni. Min-naħa l-oħra, meta l-valutazzjoni tal-awtorità kompetenti tindika n-nuqqasijiet fil-qafas tal-kontrolli interni u tal-governanza ta' ditta tal-investiment u fil-kontrolli mad-ditti kollha jagħtu lok għal tħassib prudenzjali relatat mal-NPAP u l-esternalizzazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jaqsmu l-eżitu ta' dik il-valutazzjoni mas-superviżuri tas-swieq.

Ditti tal-investiment tal-Kategorija 3

109. Għall-finijiet tal-proporzjonalità u fejn huma kkonċernati ditti tal-investiment tal-kategorija 3, l-awtoritajiet kompetenti għandhom tal-inqas jivvalutaw jekk hemmx konformità mal-punt a tal-paragrafu 107.

5.3 L-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-korp maniġerjali

110. F'konformità mal-Artikoli 26 u 28 tad-Direttiva (UE) 2019/2034, il-Linji Gwida tal-EBA dwar il-governanza interna u l-Linji Gwida Konġunti tal-ESMA u tal-EBA dwar il-valutazzjoni tal-adegwatezza tal-membri tal-korp maniġerjali u tad-detenturi ta' funzjonijiet ewlenin, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk:

a. l-arranġamenti li għandhom l-għan li jiżguraw li l-adegwatezza individwali u kollettiva tal-korp maniġerjali u l-adegwatezza individwali tad-detenturi ta' funzjonijiet ewlenin humiex implimentati u mwettqa b'mod effettiv mill-mument tal-ħatra, meta jsiru bidliet materjali, u fuq bażi kontinwa, inkluża notifika lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti;

b. il-kompożizzjoni tal-korp maniġerjali hija xierqa u l-korp maniġerjali jwettaq il-funzjonijiet tiegħu b'mod effettiv;

c. teżisti interazzjoni effettiva bejn il-korp maniġerjali fil-funzjonijiet maniġerjali u superviżorji tiegħu;

d. il-korp maniġerjali fil-funzjoni maniġerjali tiegħu jidderiġix kif xieraq in-negozju u jekk fil-funzjoni superviżorja tiegħu jissorveljax u jimmonitorjax it-teħid tad-deċiżjonijiet u l-azzjonijiet tal-maniġment;

e. humiex stabbiliti prattiki u proċeduri xierqa ta' governanza interna għall-korp maniġerjali u l-kumitati tiegħu, fejn stabbiliti; u

f. il-membri kollha tal-korp maniġerjali humiex infurmati dwar l-attività ġenerali, is-sitwazzjoni finanzjarja u tar-riskju tad-ditta tal-investiment b'linji ta' rapportar ċari, effettivi u trasparenti sew.

Ditti tal-investiment tal-Kategorija 3

111. Għall-finijiet tal-proporzjonalità u fejn huma kkonċernati ditti tal-investiment tal-kategorija 3, l-awtoritajiet kompetenti għandhom tal-inqas jivvalutaw jekk hemmx konformità mal-punti a sa b tal-paragrafu 110.

5.4 Politiki u prattiki ta' remunerazzjoni

112. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk id-ditta tal-investiment għandhiex politiki u prattiki ta' remunerazzjoni li huma newtrali għall-ġeneru, kif speċifikat fl-Artikoli 25 sa 26 u 30 sa 33 tad-Direttiva (UE) 2019/2034 u l-Linji Gwida tal-EBA dwar politiki sodi ta'

remunerazzjoni, b'mod partikolari għal kategoriji ta' persunal inklużi l-maniġment superjuri, dawk li jieħdu r-riskji, il-persunal ingaġġat f'funzjonijiet ta' kontroll u kwalunkwe impjegat li jirċievi remunerazzjoni ġenerali ugwali għal mill-inqas ir-remunerazzjoni l-aktar baxxa riċevuta mill-maniġment superjuri jew minn dawk li jieħdu r-riskji, li l-attivitajiet professjonali tagħhom għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju jew l-assi mmaniġġjati tad-ditta tal-investiment.

113. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw tal-inqas jekk:

a. il-politika ta' remunerazzjoni għall-persunal kollu hijiex konsistenti mal-istrateġiji tan-negozju u tar-riskju tad-ditta tal-investiment, il-kultura u l-valuri korporattivi, l-interessi fit-tul tad-ditta tal-investiment u l-miżuri meħuda sabiex jiġu evitati l-kunflitti ta' interess, hijiex newtrali għall-ġeneru u ma tħeġġiġx teħid ta' riskju eċċessiv u jekk hijiex osservata, approvata u ssorveljata mill-korp maniġerjali;

b. il-persunal li l-attivitajiet professjonali tiegħu jkollhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju jew l-assi mmaniġġjati tad-ditta tal-investiment jiġix identifikat kif xieraq u f'konformità mal-istandard tekniku regolatorju skont l-Artikolu 30(4) tad-Direttiva 2013 (UE) 2019/2034;

c. ir-remunerazzjoni varjabbli ma taffettwax il-kapaċità tad-ditti tal-investiment li jiżguraw bażi kapitali soda u tingħatax f'konformità mar-rekwiżiti fl-Artikolu 32 tad-Direttiva (UE) 2019/2034;

d. ir-remunerazzjoni tal-funzjonijiet ta' kontroll intern meta tkun stabbilita hijiex marbuta mat-twettiq tal-attivitajiet li l-funzjonijiet ta' kontroll jimmonitorjaw u jikkontrollow u x'aktarx ma tikkompromettix b'mod ieħor l-oġġettività tagħhom;

e. id-ditti tal-investiment stabbilewx, meta applikabbli, kumitat ta' remunerazzjoni biex jagħti pariri lill-korp maniġerjali fil-funzjoni superviżorja tiegħu u biex iħejji d-deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu minn dan il-korp. Meta ma jkun irid jiġi stabbilit l-ebda kumitat ta' remunerazzjoni, ir-rekwiżiti li jikkonċernaw il-kumitat ta' remunerazzjoni għandhom jiġu interpretati li japplikaw għall-korp maniġerjali fil-funzjoni superviżorja tiegħu; u

f. il-politika ta' remunerazzjoni hijiex soġġetta għal reviżjoni interna indipendenti mill-funzjonijiet ta' kontroll intern.

114. Meta japplikaw il-prinċipju tal-proporzjonalità, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw il-kriterji stabbiliti fil-Linji Gwida tal-EBA dwar politiki sodi ta' remunerazzjoni, b'mod partikolari jekk id-ditta tal-investiment hijiex awtorizzata li tipprovdi s-servizzi u l-attivitajiet imsemmija fit-Taqsima A tal-Anness 1, il-punt (2), (3), (4), (6) u (7) tad-Direttiva 2014/65/UE. F'tali każ, l-awtorità kompetenti għandha bħala prinċipju ġenerali tistenna livell ogħla ta' sofistikazzjoni, b'mod partikolari, jekk id-ditta tal-investiment tkun awtorizzata li żżomm il-flus jew l-assi tal-klijenti.

5.5 Qafas u funzjonijiet ta' kontroll intern

5.5.1 Qafas ta' kontroll intern

115. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk id-ditta tal-investiment għandhiex qafas ta' kontroll intern xieraq għan-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tad-ditti tal-investiment, f'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-Linji Gwida tal-EBA dwar il-governanza interna. Din il-valutazzjoni għandha tal-inqas tinkludi jekk:

a. id-ditti tal-investiment jimplimentawx il-qafas ta' kontroll intern li jkopri l-organizzazzjoni sħiħa, inklużi r-responsabbiltajiet u l-kompiti tal-korp maniġerjali, u l-attivitajiet tal-linji operatorji u tal-unitajiet interni kollha, inkluż il-funzjonijiet ta' kontroll intern, l-attivitajiet esternalizzati u l-kanali ta' distribuzzjoni;

b. id-ditti tal-investiment jistabbilixxux, iżommux u jaġġornaw regolarment il-politiki, il-mekkaniżmi u l-proċeduri adegwati ta' kontroll intern bil-miktub, li għandhom ikunu approvati mill-korp maniġerjali;

c. il-linji operatorji tad-ditti tal-investiment humiex responsabbli mill-ġestjoni tar-riskji li jiffaċċjaw fit-twettiq tal-attivitajiet tagħhom u jekk ikollhomx kontrolli stabbiliti li għandhom l-għan li jiżguraw konformità mar-rekwiżiti interni u esterni;

d. il-korp maniġerjali huwiex responsabbli għall-istabbiliment u għall-monitoraġġ tal-adegwatezza u tal-effettività tal-qafas, tal-proċessi u tal-mekkaniżmi ta' kontroll intern, u għas-sorveljanza tal-linji operatorji u tal-unitajiet interni kollha, inklużi l-funzjonijiet ta' kontroll intern;

e. meta applikabbli, il-qafas ta' kontroll intern tad-ditta tal-investiment huwiex adattat fuq bażi individwali għall-ispeċifiċità tan-negozju tagħha, għall-kumplessità tagħha u għar-riskji assoċjati, filwaqt li jitqies il-kuntest tal-grupp;

f. hemmx proċess ċar, trasparenti u dokumentat ta' teħid ta' deċiżjonijiet u allokazzjoni ċara ta' responsabbiltajiet u ta' awtorità fi ħdan il-qafas ta' kontroll intern tagħha, inkluż il-linji operatorji, l-unitajiet interni u l-funzjonijiet ta' kontroll intern tagħha;

g. hemmx skambju tal-informazzjoni meħtieġa, inklużi politiki, mekkaniżmi u proċeduri u l-aġġornamenti tagħhom, b'mod f'waqtu li jiżgura li l-korp maniġerjali, kull linja operatorja u unità interna, inkluż kull funzjoni ta' kontroll intern indipendenti, humiex kapaċi jwettqu d-dmirijiet tagħhom;

h. il-funzjonijiet ta' kontroll intern jissottomettux b'mod regolari lill-korp maniġerjali rapporti bil-miktub f'waqthom, preċiżi, konċiżi, komprensivi, ċari u utli dwar nuqqasijiet identifikati ewlenin u tali rapport jinkludi, għal kull nuqqas maġġuri identifikat ġdid, ir-riskji rilevanti involuti, valutazzjoni tal-impatt, rakkomandazzjonijiet u miżuri korrettivi li għandhom jittieħdu;

i. il-funzjonijiet ta' kontroll intern għandhomx aċċess u jistgħux jirrapportaw direttament lill-korp maniġerjali fil-funzjoni superviżorja tiegħu, biex iqajmu tħassib jekk ikun meħtieġ;

j. il-korp maniġerjali jsegwix is-sejbiet tal-funzjonijiet ta' kontroll intern b'mod f'waqtu u effettiv u jeħtieġx azzjonijiet korrettivi adegwati u proċeduri ta' segwitu formali dwar is-sejbiet u l-miżuri korrettivi meħuda.

5.5.2 Funzjonijiet ta' kontroll intern

116. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk id-ditta tal-investiment għandhiex funzjoni effettiva u permanenti interna ta' verifika tal-konformità u, meta xieraq u proporzjonat, funzjoni tal-ġestjoni tar-riskju u funzjoni tal-awditu intern, b'awtorità, statura, riżorsi suffiċjenti u, meta meħtieġ, aċċess dirett għall-korp maniġerjali fil-funzjoni superviżorja tiegħu u għall-kumitati tiegħu, meta stabbilit, inkluż b'mod partikolari l-kumitat tar-riskju.

117. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk il-funzjoni ta' verifika tal-konformità tad-ditta tal-investiment, u, meta stabbilita, il-funzjoni tal-ġestjoni tar-riskju u l-funzjoni tal-awditu intern jikkonformawx mad-dispożizzjonijiet tat-Titolu 5 tal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-governanza interna.

5.6 Qafas ta' ġestjoni tar-riskju

118. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk id-ditta tal-investiment tkunx stabbiliet qafas tal-ġestjoni tar-riskju u proċessi għall-ġestjoni tar-riskju xierqa. L-awtoritajiet kompetenti għandhom tal-inqas jirrevedu:

a. l-istrateġija tar-riskju, l-aptit għar-riskju u l-qafas tal-ġestjoni tar-riskju;

b. il-qafas tal-ICARAP;

c. is-sensittività għal ċaqliq ekonomiku ċikliku.

5.6.1 Qafas tal-ġestjoni tar-riskju, aptit għar-riskju u strateġija għar-riskju

119. Meta jivvalutaw il-qafas tal-ġestjoni tar-riskju, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu l-punt sa fejn dan huwa integrat, u kif dan jinfluwenza l-istrateġija ġenerali tad-ditta tal-investiment. L-awtoritajiet kompetenti għandhom, b'mod partikolari, jivvalutaw jekk hemmx rabtiet xierqa u konsistenti bejn l-istrateġija tan-negozju, l-istrateġija tar-riskju, l-aptit għar-riskju u l-qafas tal-ġestjoni tar-riskju, u l-oqfsa tal-ġestjoni tal-kapital u tal-likwidità.

120. Meta jirrevedu l-istrateġija tar-riskju, l-aptit għar-riskju u l-qafas tal-ġestjoni tar-riskju ta' ditta tal-investiment, l-awtoritajiet kompetenti għandhom tal-inqas jivvalutaw jekk:

a. id-ditti tal-investiment għandhomx qafas tal-ġestjoni tar-riskju olistiku fid-ditti kollha tal-investiment li jestendi fl-organizzazzjoni kollha, filwaqt li jirrikonoxxi bis-

sħiħ is-sustanza ekonomika tal-iskoperturi għar-riskju kollha tagħhom inklużi r-riskji li d-ditta tal-investiment toħloq għaliha nnifisha, il-klijenti u s-swieq tagħha u r-riskji tal-likwidità, b'mod partikolari dawk li jista' jkollhom impatt materjali fuq jew inaqqsu l-livell ta' fondi proprji disponibbli;

b. il-qafas tal-ġestjoni tar-riskju jinkludix ir-riskji rilevanti kollha b'kunsiderazzjoni xierqa kemm tar-riskji finanzjarji kif ukoll dawk mhux finanzjarji;

c. id-ditta tal-investiment meta tidentifika u tkejjel jew tivvaluta ir-riskji, tużax biss metodoloġiji kwantitattivi ta' valutazzjoni (inkluż ittestjar tal-istress), iżda wkoll għodod kwalitattivi ta' valutazzjoni tar-riskju (inklużi ġudizzju espert u analiżi kritika);

d. hemmx rapportar effettiv tar-riskju li jinvolvi kunsiderazzjoni interna soda u komunikazzjoni tal-istrateġija tar-riskju u *data* rilevanti dwar ir-riskju kemm orizzontalment fost id-ditti tal-investiment kif ukoll 'il fuq u 'l isfel fil-katina ta' ġestjoni;

e. il-qafas tal-ġestjoni tar-riskju ta' ditta tal-investiment jinkludix politiki, proċeduri, limiti tar-riskji u kontrolli tar-riskji li jiżguraw identifikazzjoni, kejl jew valutazzjoni, monitoraġġ, ġestjoni, mitigazzjoni u rapportar adegwati, f'waqthom u kontinwi tar-riskji fil-linja operatorja, fil-livell tad-ditta tal-investiment u, meta rilevanti, fil-livell konsolidat;

f. l-istrateġija tar-riskju u l-aptit għar-riskju jaqilbux ir-riskji materjali kollha f'limiti speċifiċi tar-riskju;

g. l-istrateġija u l-aptit għar-riskju jqisux b'mod xieraq l-aptit għar-riskju u r-riżorsi finanzjarji tad-ditta tal-investiment u jqisux l-fondi proprji superviżorji u r-rekwiżiti tal-likwidità u miżuri u rekwiżiti superviżorji oħrajn;

h. id-ditta tal-investiment stabbilietx proċessi għall-approvazzjoni ta' deċiżjonijiet li dwarhom il-funzjoni ta' verifika tal-konformità jew, meta rilevanti, il-funzjoni tal-ġestjoni tar-riskju, esprimiet opinjoni negattiva.

5.6.2 Qafas għall-proċess ta' valutazzjoni interna dwar l-adegwatezza tal-kapital u l-proċess ta' valutazzjoni interna dwar ir-riskju (ICARAP)

121. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk id-ditti tal-investiment, li mhumiex ditti tal-investiment żgħar u mhux interkonnessi skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2019/2033 jew li għalihom l-awtoritajiet kompetenti eżerċitaw id-diskrezzjoni prevista fl-Artikolu 24(2), it-tieni subparagrafu tad-Direttiva (UE) 2019/2034, fil-livell individwali, jew gruppi ta' ditti tal-investiment, fil-livell konsolidat, ikollhom arranġamenti, strateġiji u proċessi sodi, effettivi u komprensivi stabbiliti biex jivvalutaw u jżommu fuq bażi kontinwa l-ammonti, it-tipi u d-distribuzzjoni tal-kapital intern u tal-assi likwidi li huma jqisu adegwati biex ikopru n-natura u l-livell tar-riskji li jistgħu joħolqu għal oħrajn u li d-ditti tal-investiment infushom huma jew jistgħu jkunu esposti għalihom. Tali arranġamenti, strateġiji u proċessi għandhom ikunu

parti minn proċess ta' valutazzjoni interna dwar l-adegwatezza tal-kapital u ta' valutazzjoni interna dwar ir-riskju li jistgħu jkomplu jinqasmu fi proċess ta' valutazzjoni interna dwar l-adegwatezza tal-kapital (ICAAP) u proċess ta' valutazzjoni interna dwar l-adegwatezza tal-likwidità (ILAAP).

122. Fil-każ ta' ditti tal-investiment li jissodisfaw il-kundizzjonijiet biex jikkwalifikaw bħala ditti tal-investiment żgħar u mhux interkonnessi stabbiliti fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033 li jintalbu mill-awtoritajiet kompetenti tagħhom japplikaw ir-rekwiżiti skont l-Artikolu 24(2) tad-Direttiva (UE) 2019/2034, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu l-valutazzjoni kif meqjus xieraq.

123. Dawn il-valutazzjonijiet għandhom jikkontribwixxu għad-determinazzjoni tar-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali u l-valutazzjoni tal-adegwatezza tal-kapital kif deskritt fit-Titolu 7 kif ukoll għall-evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-likwidità kif deskritt fit-Titolu 9.

Is-solidità tal-ICARAP

124. Meta jivvalutaw is-solidità tal-ICARAP, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw, meta rilevanti billi jiddistingwu bejn l-ICAAP u l-ILAAP, jekk:

a. l-arranġamenti, l-istrateġiji u l-proċessi li jikkostitwixxu l-ICARAP humiex xierqa u proporzjonati għan-natura, id-daqs u l-kumplessità tal-attivitajiet tad-ditta tal-investiment;

b. l-arranġamenti, l-istrateġiji u l-proċessi li jikkostitwixxu l-ICARAP humiex riveduti b'mod regolari mid-ditta tal-investiment;

c. il-metodoloġiji u s-suppożizzjonijiet applikati mid-ditta tal-investiment humiex xierqa u bbażati fuq *data* ta' input empirika soda;

d. jekk il-livell ta' fiduċja huwiex konsistenti mal-aptit għar-riskju;

e. jekk id-definizzjoni u l-kompożizzjoni tar-riżorsi interni disponibbli ta' kapital jew ta' likwidità kkunsidrati mid-ditta tal-investiment għall-ICARAP humiex konsistenti mar-riskji mkejla mid-ditta tal-investiment u humiex eliġibbli għall-kalkolu tal-fondi proprji u r-riżervi ta' likwidità.

Effettività tal-ICARAP

125. Meta jivvalutaw l-effettività tal-ICARAP, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw, meta rilevanti billi jiddistingwu bejn l-ICAAP u l-ILAAP, jekk:

a. id-ditta tal-investiment tqisx l-ICARAP u r-riżultati tagħhom fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet u ta' ġestjoni fil-livelli kollha fid-ditta tal-investiment;

b. id-ditta tal-investiment tużax l-ICARAP u r-riżultati tagħhom fil-ġestjoni tar-riskju, tal-kapital u tal-likwidità tagħha;

c. id-ditta tal-investiment għandhiex politiki, proċeduri u għodod biex tiffaċilita:

i. l-identifikazzjoni ċara tal-funzjonijiet u/jew kumitati rilevanti responsabbli għall-elementi differenti tal-ICARAP;

ii. l-ippjanar tal-kapital u l-likwidità: il-kalkolu tar-riżorsi tal-kapital u l-likwidità fuq bażi progressiva b'rabta mal-istrateġija ġenerali jew tranżazzjonijiet sinifikanti;

iii. l-allokazzjoni u l-monitoraġġ tar-riżorsi ta' kapital u ta' likwidità fost il-linji operatorji u t-tipi ta' riskji, b'mod partikolari billi jiġu ddefiniti limiti ta' riskji għal-linji operatorji, l-entitajiet jew ir-riskji individwali huma konsistenti mal-għan li tiġi żgurata l-adegwatezza ġenerali tar-riżorsi interni tal-kapital u tal-likwidità tad-ditta tal-investiment;

iv. ir-rapportar regolari u immedjat tal-adegwatezza tal-kapital u tal-likwidità għall-maniġment superjuri u għall-korp maniġerjali;

v. sensibilizzazzjoni u azzjonijiet tal-maniġment superjuri jew tal-korp maniġerjali fejn l-istrateġija tan-negozju u/jew it-tranżazzjonijiet individwali sinifikanti jistgħu ma jkunux konsistenti mal-ICAAP u l-kapital intern disponibbli jew mal-ILAAP u r-riżorsi interni tal-likwidità disponibbli;

d. jekk il-korp maniġerjali jurix impenn xieraq u għarfien rigward l-ICARAP u l-eżiti tagħhom; u

e. l-ICARAP humiex ta' natura progressiva billi jivvalutaw l-konsistenza tal-kapital intern u tal-assi likwidi ma' pjanijiet strateġiċi.

Komprensività tal-ICARAP

126. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw l-adegwatezza tal-kopertura tal-ICARAP tal-mudell tan-negozju, il-linji operatorji, l-attivitajiet u l-entitajiet legali tad-ditta tal-investiment. Abbażi ta' din il-valutazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw l-adegwatezza tal-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tal-ICARAP tar-riskji li għalihom id-ditta tal-investiment hija jew tista' tkun esposta jew toħloq għal oħrajn, u l-konformità tal-ICARAP mar-rekwiżiti legali. B'mod partikolari, dawn għandhom jivvalutaw:

a. jekk l-ICARAP humiex implimentati b'mod omoġenju u proporzjonali għal-linji operatorji, l-attivitajiet u l-entitajiet legali tad-ditta tal-investiment rilevanti kollha fir-rigward tal-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tar-riskju;

b. meta kwalunkwe entità jkollha arranġamenti jew proċessi ta' governanza interna differenti mill-entitajiet l-oħrajn tal-grupp, jekk dawn id-devjazzjonijiet humiex iġġustifikati. L-adozzjoni ta' mudelli avvanzati minn parti biss tal-grupp tista' tiġi iġġustifikata minn nuqqas ta' *data* suffiċjenti biex jiġu stmati parametri għal xi linji operatorji, attivitajiet, jew entitajiet legali, dment li dawn il-linji operatorji, l-attivitajiet jew l-entitajiet legali ma jirrappreżentawx sors ta' konċentrazzjoni tar-riskju għall-bqija tal-portafoll.

5.6.3 Valutazzjoni tad-ditta tal-investiment taċ-ċaqliq ekonomiku ċikliku

127. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk id-ditti tal-investiment iwettqux valutazzjoni komprensiva tar-riskji li huma materjali għall-mudell tan-negozju u operattiv tagħhom, għall-kompożizzjoni tal-portafoll tagħhom jew għall-istrateġiji tan-negozjar tagħhom. Dan għandu jinkludi valutazzjoni ta' dawn ir-riskji fil-kuntest ta' ċaqliq ekonomiku ċikliku u tal-impatt li tali iċ-ċaqliq jista' jkollu fuq il-kapaċità tad-ditti tal-investiment li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħhom, li jiffinanzjaw l-operazzjonijiet tan-negozju kontinwi tagħhom jew għal stralċ ordnat.

128. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk id-ditti tal-investiment li jwettqu attivitajiet imsemmija fil-punt (3) jew (6) tat-Taqsima A tal-Anness I tad-Direttiva 2014/65/UE jagħmlux valutazzjoni aktar fil-fond bl-użu ta' test(ijiet) tal-istress jew analiżi tas-sensittività, filwaqt li jistennewhom li jirriflettu kamp ta' applikazzjoni u livell ta' sofistikazzjoni xierqa għan-natura, l-iskala, u l-kumplessità tal-attivitajiet tad-ditti tal-investiment.

129. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrevedu l-valutazzjonijiet tad-ditti tal-investiment ta' ċaqliq ekonomiku ċikliku, jekk rilevanti fil-forma ta' ttestjar tal-istress jew analiżijiet tas-sensittività, u l-eżiti tagħhom. Meta, abbażi ta' tali reviżjoni, il-valutazzjonijiet tad-ditta tal-investiment tal-impatti taċ-ċaqliq ekonomiku ċikliku jkunu affidabbli biżżejjed, ir-riżultati ta' tali reviżjoni għandhom jinfurmaw il-valutazzjoni ta' diversi elementi tal-SREP, b'mod partikolari:

a. għandha titqies l-identifikazzjoni ta' nuqqasijiet possibbli fl-arranġamenti ta' governanza ġenerali jew il-kontrolli mad-ditta tal-investiment kollha identifikati waqt ir-reviżjoni;

b. għandha titqies l-identifikazzjoni ta' vulnerabbiltajiet tan-negozju rilevanti meta jiġu vvalutati l-vijabbiltà u s-sostenibbiltà tal-mudell tan-negozju tad-ditti tal-investiment tal-istrateġiji tagħhom f'konformità mat-Titolu 4;

c. għandha titqies l-identifikazzjoni ta' vulnerabbiltajiet jew dgħufijiet possibbli fil-ġestjoni u l-kontrolli tar-riskji fuq oqsma ta' riskju individwali identifikati waqt ir-reviżjoni mill-awtoritajiet kompetenti meta jivvalutaw ir-riskji individwali għall-kapital kif imsemmi fit-Titolu 6, jew riskji għal-likwidità kif imsemmi fit-Titolu 8; u

d. id-determinazzjoni potenzjali ta' gwida dwar fondi proprji addizzjonali (P2G), l-ippjanar tal-kapital rivedut u miżuri oħrajn kif stabbilit fit-Titolu 7 u fit-Titolu 10.

130. Għal ditti tal-investiment li jwettqu attivitajiet imsemmija fil-punt (3) jew (6) tat-Taqsima A tal-Anness I tad-Direttiva 2014/65/UE, meta jivvalutaw it-testijiet tal-istress jew l-analiżijiet tas-sensittività, u r-riżultati tagħhom, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu attenzjoni speċifika lil dawn li ġejjin:

a. l-adegwatezza tal-għażla tax-xenarji, li għandhom ikunu rilevanti għall-mudell tan-negozju jew il-linji operatorji individwali jew il-portafolli tad-ditta tal-investiment u għas-suq li topera fih;

b. is-suppożizzjonijiet, il-metodoloġiji u l-motivaturi tar-riskju, inkluża s-severità tax-xenarju;

c. il-kopertura tar-riskji materjali u l-vulnerabbiltajiet identifikati, u l-impatt tagħhom fuq il-kapaċità tad-ditti tal-investiment li jiġġeneraw profitt u jżommu rekwiżiti kapitali adegwati; u

d. l-użu tar-riżultati tagħhom, qabel u wara li jitqiesu l-azzjonijiet ta' ġestjoni rilevanti, fil-ġestjoni tar-riskju u strateġika tad-ditta tal-investiment.

131. Meta jivvalutaw it-testijiet tal-istress u l-analiżijiet tas-sensittività u r-riżultati tagħhom fil-każ ta' gruppi transfruntiera, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw it-trasferibbiltà tal-kapital u tal-likwidità bejn l-entitajiet legali jew l-unitajiet tan-negozju matul il-kundizzjonijiet ta' stress, kif ukoll il-funzjonament ta' kwalunkwe arranġament ta' appoġġ finanzjarju intragrupp stabbilit, filwaqt li jqisu d-diffikultajiet ta' finanzjament li jistgħu jiġu mistennija f'kundizzjonijiet ta' stress.

132. Jekk l-awtoritajiet kompetenti jidentifikaw nuqqasijiet fit-tfassil tal-valutazzjoni taċ-ċaqliq ekonomiku ċikliku, jew, meta rilevanti, fit-tfassil tax-xenarji jew tas-suppożizzjonijiet użati mid-ditti tal-investiment għall-ittestjar tal-istress jew għall-analiżijiet tas-sensittività, dawn jistgħu jeħtieġu lid-ditti tal-investiment rispettivament iwettqu mill-ġdid jew jagħmlu mill-ġdid l-analiżijiet tagħhom, jew xi partijiet speċifiċi li jużaw suppożizzjonijiet modifikati pprovduti mill-awtoritajiet kompetenti, jew xenarji speċifiċi preskritti.

5.7 Ir-riskji tal-ML/TF u tħassib prudenzjali

133. Meta janalizzaw il-qafas ta' governanza interna u l-kontrolli mad-ditti tal-investiment kollha, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu wkoll il-valutazzjonijiet riċevuti mis-superviżuri tal-AML/CFT, u jevalwaw jekk dawn jagħtux lok għal tħassib prudenzjali. Dan jista' jkun il-każ b'mod partikolari meta s-sejbiet jindikaw dgħufijiet materjali fis-sistemi u l-kontrolli tal-AML/CFT ta' ditta tal-investiment. Min-naħa l-oħra, meta l-valutazzjoni tal-awtorità kompetenti tindika n-nuqqasijiet fil-qafas tal-kontrolli interni u tal-governanza ta' ditta tal-investiment u l-kontrolli mad-ditti tal-investiment kollha jwasslu għal tħassib prudenzjali relatat mar-riskju tal-ML/TF, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jaqsmu l-eżitu ta' dik il-valutazzjoni mas-superviżuri tal-AML/CFT.

134. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk il-qafas ta' governanza ġenerali tad-ditta tal-investiment jinkludix ukoll il-ġestjoni tar-riskji tal-ML/TF.

135. F'konformità mal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-governanza interna u l-Linji Gwida Konġunti tal-ESMA u tal-EBA dwar il-valutazzjoni tal-adegwatezza tal-membri tal-korp maniġerjali u tad-detenturi ta' funzjonijiet ewlenin, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw minn

perspettiva prudenzjali jekk ir-responsabbiltajiet tal-korp maniġerjali fir-rigward tar-riskji tal-ML/TF qed jiġu rrispettati. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu kwalunkwe informazzjoni supplimentari riċevuta mis-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT wara l-valutazzjoni tagħhom.

Ditti tal-investiment tal-Kategorija 3

136. Għall-finijiet tal-proporzjonalità, meta riskju tal-ML/TF aktar baxx jiġi ġġustifikat mit-tipi ta' klijenti u n-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tad-ditta tal-investiment, l-awtoritajiet kompetenti għandhom tal-inqas jivvalutaw jekk il-qafas ta' governanza ġenerali tad-ditta tal-investiment jinkludix ukoll il-ġestjoni tar-riskji tal-ML/TF.

5.8 Teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni

137. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk id-ditta tal-investiment għandhiex sistemi ta' informazzjoni sodi, effettivi u affidabbli u jekk il-funzjonijiet ta' kontroll intern tagħhom għandhomx sistemi u appoġġ tal-IT xierqa għad-dispożizzjoni tagħhom b'aċċess għall-informazzjoni interna u esterna meħtieġa biex jissodisfaw ir-responsabbiltajiet tagħhom.

138. B'mod partikolari, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk id-ditta tal-investiment hijiex kapaċi tissalvagwardja s-sigurtà tan-network u tas-sistemi tal-informazzjoni tagħha biex tiżgura l-kunfidenzjalità, l-integrità u d-disponibbiltà tal-proċessi, id-*data* u l-assi tagħhom.

139. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk is-sistemi ta' informazzjoni jappoġġawx b'mod effettiv il-ġestjoni tan-negozju u tar-riskju tad-ditta tal-investiment.

5.9 Ippjanar għall-kontinġenza u l-kontinwità tal-operat

140. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk id-ditta tal-investiment tkunx stabbiliet ġestjoni ta' kontinwità tal-operat effettiva biex tiżgura l-kapaċità tagħha li topera fuq bażi kontinwa u tillimita t-telf fil-każ ta' tfixkil serju għan-negozju.

141. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk ditta tal-investiment:

   a. stabbilietx u ttestjatx pjanijiet għall-kontinġenza u l-kontinwità tal-operat biex jiġi żgurat li d-ditta tal-investiment tirreaġixxi b'mod xieraq għal emerġenzi u tkun kapaċi żżomm l-attivitajiet u l-funzjonijiet kummerċjali kritiċi tagħha jekk ikun hemm tqallib fil-proċeduri ordinarji tan-negozju tagħha;

   b. iddokumentatx u implimentatx b'mod adegwat il-pjanijiet għall-kontinġenza u l-kontinwità tal-operat tagħha.

5.10 Applikazzjoni fil-livell konsolidat u implikazzjonijiet għall-entitajiet tal-grupp

142. Fil-livell konsolidat, minbarra l-elementi koperti fit-taqsimiet ta' hawn fuq, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk:

a. il-korp maniġerjali tad-ditta tal-investiment konsolidanti jifhimx kemm l-organizzazzjoni tal-grupp u r-rwoli tal-entitajiet differenti tiegħu, kif ukoll ir-rabtiet u r-relazzjonijiet bejniethom;

b. l-istruttura organizzattiva u legali tal-grupp hijiex ċara u trasparenti, u adattata għad-daqs u l-kumplessità tan-negozju u l-operazzjonijiet;

c. id-ditta tal-investiment tkunx stabbiliet sistema ta' ġestjoni effettiva ta' informazzjoni u rapportar fil-grupp kollu applikabbli għal-linji operatorji u l-entitajiet legali kollha, u jekk din l-informazzjoni hijiex disponibbli għall-korp maniġerjali tal-impriża omm tad-ditta tal-investiment fiż-żmien debitu;

d. il-korp maniġerjali tad-ditta tal-investiment konsolidanti stabbilixxa strateġiji konsistenti fil-grupp kollu, inkluż qafas ta' strateġija tar-riskju u ta' aptit għar-riskju fil-grupp kollu;

e. il-ġestjoni tar-riskju fi grupp tkoprix ir-riskji materjali kollha irrispettivament minn jekk ir-riskju jirriżultax minn entitajiet li mhumiex soġġetti għal konsolidazzjoni (inklużi SPVs, SPEs u ditti tal-proprjetà) u jekk tistabbilixxix perspettiva komprensiva fir-rigward tar-riskji kollha;

f. meta stabbilita, il-funzjoni tal-awditu intern fil-grupp kollu hijiex indipendenti, għandhiex pjan tal-awditu bbażat fuq ir-riskju fil-grupp kollu, għandhiex biżżejjed persunal u riżorsi, għandhiex statura u linja ta' rapportar dirett għall-korp maniġerjali tad-ditta tal-investiment konsolidanti.

143. Meta jwettqu l-valutazzjoni tal-governanza interna u tal-kontrolli fid-ditta tal-investiment kollha fil-livell sussidjarju, minbarra l-elementi elenkati f'dan it-titolu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk il-politiki u l-proċeduri fil-grupp kollu humiex implimentati b'mod konsistenti fil-livell sussidjarju u jekk l-entitajiet tal-grupp ħadux passi biex jiżguraw li l-operazzjonijiet tagħhom huma konformi mal-liġijiet u r-regolamenti kollha applikabbli.

5.11 Sommarju tas-sejbiet u għoti ta' punteġġ

144. Wara l-valutazzjonijiet ta' hawn fuq, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar l-adegwatezza tal-arranġamenti ta' governanza interna tad-ditta tal-investiment u l-kontrolli fid-ditta tal-investiment kollha. Din l-opinjoni għandha tkun riflessa fis-sommarju tas-sejbiet, akkumpanjata minn punteġġ ta' vijabbiltà bbażat fuq il-kunsiderazzjonijiet speċifikati fit-Tabella 4.

Tabella 4. Kunsiderazzjonijiet superviżorji għall-assenjament ta' punteġġ għall-governanza interna u l-kontrolli fid-ditta tal-investiment kollha

Punteġġ	Perspettiva superviżorja	Kunsiderazzjonijiet
1	In-nuqqasijiet fl-arranġamenti tal-governanza interna u tal-kontroll fid-ditta tal-investiment kollha joħolqu livell baxx ta' riskju għall-vijabbiltà tad-ditta tal-investiment.	• Id-ditta tal-investiment għandha struttura organizzattiva robusta u trasparenti b'responsabbiltajiet ċari u separazzjoni tat-teħid tar-riskji mill-funzjonijiet tal-ġestjoni u l-kontrolli tar-riskji. • Hemm kultura korporattiva, ġestjoni tal-kunflitti ta' interessi u proċessi ta' żvelar ta' informazzjoni sodi. • Il-kompożizzjoni u l-funzjonament tal-korp maniġerjali huma xierqa. • Il-politika ta' remunerazzjoni hija konformi mal-istrateġija tar-riskju u l-interessi fit-tul tad-ditta tal-investiment. • Il-qafas tal-ġestjoni tar-riskju u l-proċessi tal-ġestjoni tar-riskju huma xierqa. • Il-qafas ta' kontroll intern u l-kontrolli interni huma xierqa. • Il-funzjonijiet ta' ġestjoni tar-riskju, ta' verifika tal-konformità u ta' awditu interni huma indipendenti u għandhom biżżejjed riżorsi u l-funzjoni tal-awditu intern topera b'mod effettiv f'konformità mal-istandards u r-rekwiżiti internazzjonali stabbiliti. • It-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni huma xierqa. • L-arranġamenti tal-ippjanar għall-kontinwità u l-kontinġenza tal-operat huma xierqa.
2	In-nuqqasijiet fl-arranġamenti tal-governanza interna u tal-kontroll fid-ditta tal-investiment kollha joħolqu livell medju baxx ta' riskju għall-vijabbiltà tad-ditta tal-investiment.	• Id-ditta tal-investiment għandha struttura organizzattiva prinċipalment robusta u trasparenti b'responsabbiltajiet ċari u separazzjoni tat-teħid tar-riskji mill-funzjonijiet tal-ġestjoni u l-kontrolli tar-riskji. • Hemm kultura korporattiva, ġestjoni tal-kunflitti ta' interessi u proċessi ta' żvelar ta' informazzjoni protetta prinċipalment sodi. • Il-kompożizzjoni u l-funzjonament tal-korp maniġerjali huma prinċipalment xierqa. • Il-politika ta' remunerazzjoni hija prinċipalment konformi mal-istrateġija tar-riskju u l-interessi fit-tul tad-ditta tal-investiment. • Il-qafas tal-ġestjoni tar-riskju u l-proċessi tal-ġestjoni tar-riskju huma prinċipalment xierqa. • Il-qafas ta' kontroll intern u l-kontrolli interni huma prinċipalment xierqa.

		• Il-funzjonijiet ta' ġestjoni tar-riskji, ta' verifika tal-konformità u ta' awditu interni huma indipendenti u l-operazzjonijiet tagħhom huma prinċipalment effettivi. • It-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni huma prinċipalment xierqa. • L-arranġamenti tal-ippjanar għall-kontinwità u l-kontinġenza tal-operat huma prinċipalment xierqa.
3	In-nuqqasijiet fl-arranġamenti tal-governanza interna u tal-kontroll fid-ditta tal-investiment kollha joħolqu livell medju għoli ta' riskju għall-vijabbiltà tad-ditta tal-investiment.	• L-istruttura organizzattiva u r-responsabbiltajiet tad-ditta tal-investiment mhumiex kompletament trasparenti u t-teħid tar-riskji mhuwiex kompletament separat mill-funzjonijiet tal-ġestjoni u l-kontroll tar-riskji. • Hemm dubji dwar l-adegwatezza tal-kultura korporattiva, il-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u/jew il-proċessi ta' żvelar ta' informazzjoni protetta. • Hemm dubji dwar l-adegwatezza tal-kompożizzjoni u l-funzjonament tal-korp maniġerjali. • Hemm tħassib li l-politika ta' remunerazzjoni tista' tmur kontra l-istrateġija tar-riskju u l-interessi fit-tul tad-ditta tal-investiment. • Hemm dubji dwar l-adegwatezza tal-qafas tal-ġestjoni tar-riskju u tal-proċessi tal-ġestjoni tar-riskju. • Hemm dubji dwar l-adegwatezza tal-qafas ta' kontroll intern u l-kontrolli interni. • Hemm dubji dwar l-indipendenza u l-operazzjoni effettiva tal-funzjonijiet ta' ġestjoni tar-riskji, ta' verifika tal-konformità u ta' awditu interni. • Hemm dubji dwar l-adegwatezza tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni. • Hemm dubji dwar l-adegwatezza tal-arranġamenti għall-ippjanar għall-kontinwità u l-kontinġenza tal-operat.
4	In-nuqqasijiet fl-arranġamenti tal-governanza interna u tal-kontroll fid-ditta tal-investiment kollha joħolqu livell għoli ta' riskju għall-vijabbiltà tad-ditta tal-investiment.	• L-istruttura organizzattiva u r-responsabbiltajiet tad-ditta tal-investiment mhumiex trasparenti u t-teħid tar-riskji mhuwiex separat mill-funzjonijiet tal-ġestjoni u l-kontroll tar-riskji. • Il-kultura korporattiva, il-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u/jew il-proċessi ta' żvelar ta' informazzjoni protetta mhumiex xierqa. • Il-kompożizzjoni u l-funzjonament tal-korp maniġerjali mhumiex xierqa. • Il-politika ta' remunerazzjoni tmur kontra l-istrateġija tar-riskju u l-interessi fit-tul tad-ditta tal-investiment. • Il-qafas tal-ġestjoni tar-riskju u l-proċessi tal-ġestjoni tar-riskju mhumiex xierqa.

		• Il-funzjoni tal-ġestjoni tar-riskju, tal-verifika tal-konformità u/jew tal-awditu interni mhijiex indipendenti u/jew il-funzjonijiet tal-awditu intern mhumiex qed joperaw f'konformità mal-istandards u r-rekwiżiti internazzjonali stabbiliti; l-operazzjonijiet mhumiex effettivi. • Il-qafas ta' kontroll intern u l-kontrolli interni mhumiex xierqa. • It-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni mhumiex xierqa. • L-arranġamenti tal-ippjanar għall-kontinwità u l-kontinġenza tal-operat mhumiex xierqa.

Titolu 6 Valutazzjoni tar-riskji għall-kapital

6.1 Kunsiderazzjonijiet ġenerali

145. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw u jagħtu punteġġ lir-riskji għall-kapital li ġew identifikati bħala materjali għad-ditta tal-investiment. Biex jiddeterminaw il-kamp ta' applikazzjoni tal-valutazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom l-ewwel jidentifikaw is-sorsi tar-riskji għall-kapital li d-ditta tal-investiment hija jew tista' tkun esposta għalihom. Biex jagħmlu dan, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jingranaw l-għarfien miksub mill-valutazzjoni ta' elementi oħrajn tal-SREP, mill-paragun tal-pożizzjoni tad-ditta tal-investiment mal-pari u minn kwalunkwe attività superviżorja oħra. Il-valutazzjoni tar-riskji għall-kapital għandha titwettaq b'mod proporzjonat, jiġifieri billi jiġi aġġustat il-livell ta' dettall tal-analiżi filwaqt li jitqiesu n-natura, id-daqs u l-kumplessità tad-ditta tal-investiment.

146. L-għan ta' dan it-titolu huwa li jipprovdi metodoloġiji komuni biex jiġu kkunsidrati għal valutazzjoni tar-riskji individwali u l-ġestjoni tar-riskju u l-kontrolli. Mhuwiex maħsub biex ikun eżawrjenti u jagħti lok lill-awtoritajiet kompetenti biex jikkunsidraw kriterji addizzjonali oħrajn li jistgħu jitqiesu rilevanti abbażi tal-esperjenza tagħhom u l-karatteristiċi speċifiċi tad-ditta tal-investiment.

147. Dan it-titolu jipprovdi lill-awtoritajiet kompetenti bi gwida għall-valutazzjoni tar-riskju u l-kostijiet relatati mal-istralċ ordnat potenzjali tad-ditta tal-investiment kif ukoll linji gwida għall-valutazzjoni u l-punteġġ tal-kategoriji tar-riskji li ġejjin għall-kapital fl-attivitajiet kontinwi tad-ditti tal-investiment:

a. Riskju għall-Klijent;

b. Riskju għas-Suq;

c. Riskju għad-Ditta;

d. riskji oħrajn.

148. Il-paragrafu 147, il-punti (a) sa (c) huma applikabbli għall-valutazzjoni tad-ditti tal-investiment ikklassifikati fil-kategoriji 1, 2 jew 3, b'kunsiderazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet awtorizzati ta' dawn id-ditti tal-investiment. Meta rilevanti, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jqisu l-paragrafu 147, il-punti (a) u (c) għall-valutazzjoni ta' ditti tal-investiment żgħar u mhux kumplessi li jissodisfaw il-kriterji tal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2019/2033, filwaqt li titqies ir-rilevanza ta' ċertu subkategoriji elenkati taħt ir-riskji għall-kapital imsemmija hawn fuq għal dawn id-ditti tal-investiment. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw l-istralċ ordnat ta' ditta tal-investiment kif ukoll riskji oħrajn, kemm fil-każ tad-ditti tal-investiment kollha soġġetti għall-SREP.

149. It-titolu jidentifika wkoll sett ta' subkategoriji fi ħdan kull kategorija ta' riskju ta' hawn fuq, li għandhom jitqiesu meta jiġu vvalutati r-riskji għall-kapital. Skont il-materjalità ta' kwalunkwe waħda minn dawn is-subkategoriji għal ditta tal-investiment partikolari, dawn jistgħu jiġu vvalutati u mogħtija punteġġ b'mod individwali.

150. Id-deċiżjoni dwar il-materjalità hija bbażata fuq id-*data* disponibbli l-aktar reċenti u tista' tiġi kkomplementata minn ġudizzju superviżorju.

151. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ukoll riskji oħrajn li huma identifikati bħala materjali għal ditta tal-investiment speċifika iżda li mhumiex elenkati hawn fuq. Dawk ir-riskji l-oħrajn, li ma jistgħux jiġu attribwiti b'mod raġonevoli għal waħda mit-tliet kategoriji elenkati fil-paragrafu 147, il-punti (a) sa (c), huma kategorija separata ta' riskji. Dawn li ġejjin jistgħu jgħinu l-proċess ta' identifikazzjoni:

a. motivaturi tar-rekwiżiti ta' fondi proprji;

b. riskji identifikati fl-ICARAP jew fit-testijiet tal-istress tad-ditta tal-investiment jekk disponibbli;

c. riskji li jirriżultaw mill-mudell tan-negozju tad-ditta tal-investiment (inklużi dawk identifikati minn ditti ta' investiment oħrajn li joperaw mudell tan-negozju simili);

d. informazzjoni li toħroġ mill-monitoraġġ tal-indikaturi ewlenin;

e. sejbiet u osservazzjonijiet minn rapporti ta' awditjar intern jew estern;

f. rakkomandazzjonijiet u linji gwida maħruġa mill-EBA, kif ukoll twissijiet u rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-awtoritajiet makroprudenzjali jew il-BERS li huma rilevanti għad-ditta; u

g. rapporti ta' ksur u inċidenti lill-awtoritajiet kompetenti.

152. L-elementi ta' hawn fuq għandhom jitqiesu wkoll mill-awtoritajiet kompetenti meta jkunu qegħdin jippjanaw l-intensità tal-attività superviżorja tagħhom fir-rigward tal-valutazzjoni ta' riskju speċifiku.

153. Għar-Riskju għall-Klijent, għar-Riskju għas-Suq, għar-Riskju għad-Ditta, kif ukoll għar-rekwiżit tal-ispejjeż ġenerali fissi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw il-konformità tad-ditta tal-investiment mar-rekwiżiti minimi speċifikati fir-Regolament (UE) 2019/2033. Madankollu, dawn il-linji gwida jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti jestendu l-kamp ta' applikazzjoni tal-valutazzjoni lil hinn minn dawk ir-rekwiżiti biex jiffurmaw opinjoni komprensiva dwar ir-riskji għall-kapital. B'mod partikolari, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jidentifikaw sitwazzjonijiet meta ċerti riskji jew elementi ta' riskju ma jkunux koperti biżżejjed mir-rekwiżiti minimi tal-fondi proprji, minkejja l-konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2019/2033. Pereżempju, id-dewmien minħabba l-użu tal-medja mobbli għal xi Fatturi-K jista' jnaqqas l-ogħla livelli ta' attività u l-użu ta' aġenti marbuta minflok persunal intern jirriżulta f'sottostima tal-ispejjeż. Din il-valutazzjoni għandha tinforma d-determinazzjoni tar-rekwiżiti addizzjonali tal-fondi proprji f'konformità mat-taqsima 7.2.1.

154. Fl-implimentazzjoni tagħhom tal-metodoloġiji speċifikati f'dan it-titolu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw l-informazzjoni li ġejja mill-monitoraġġ ta' indikaturi ewlenin, kif speċifikat fit-Titolu 3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw indikaturi kwantitattivi u kwalitattivi oħrajn meta rilevanti għall-finijiet ta' din il-valutazzjoni.

155. Meta jwettqu l-valutazzjonijiet tagħhom, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw is-sorsi ta' informazzjoni disponibbli kollha, inkluż rapportar regolatorju, rapportar ad hoc, il-metrika u r-rapporti interni tad-ditta tal-investiment (inklużi rapport tal-awditu intern, rapporti ta' ġestjoni tar-riskju, informazzjoni mill-ICARAP), rapporti ta' spezzjoni fuq il-post u rapporti esterni (inklużi l-komunikazzjonijiet tad-ditta tal-investiment lill-investituri, l-aġenziji ta' klassifikazzjoni). Filwaqt li l-valutazzjoni hija maħsuba li tkun speċifika għal ditta, il-paragun imqabbel mal-pari għandu jiġi kkunsidrat biex tiġi identifikata skopertura potenzjali għar-riskji għall-kapital. Għal tali finijiet, il-pari għandhom jiġu ddefiniti fuq bażi ta' riskju separat u jistgħu jvarjaw minn dawk identifikati għall-BMA jew analiżijiet oħrajn.

156. Għal kull kategorija ta' riskju, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw u jirriflettu fil-punteġġ tar-riskju:

a. riskju inerenti (skoperturi għar-riskju); u

b. il-kwalità u l-effettività tal-ġestjoni u l-kontrolli tar-riskju.

157. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirriflettu l-eżitu tal-valutazzjoni ta' kull kategorija ta' riskju f'sommarju tas-sejbiet li jipprovdi spjegazzjoni tal-motivaturi ewlenin tar-riskju, u punteġġ tar-riskju, kif speċifikat fit-taqsimiet li ġejjin.

6.2 Valutazzjoni ta' stralċ ordnat tad-ditta tal-investiment

158. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jidentifikaw u jivvalutaw il-proċess għall-istralċ ordnat tad-ditta tal-investiment f'xenarji plawżibbli li jirriflettu l-mudell tan-negozju u l-istrateġija tad-ditta tal-investiment. Il-livelli ta' dettalji ta' tali valutazzjoni inkluż in-numru ta' xenarji kkunsidrati għandu jiġi ddeterminat filwaqt li jitqiesu l-mudell tan-negozju, l-

iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet imwettqa mid-ditta tal-investiment. Il-valutazzjoni għandha tinkludi tal-inqas l-elementi li ġejjin:

a. l-identifikazzjoni ta' xenarji ta' stralċ;

b. l-identifikazzjoni tal-perjodu ta' żmien realistiku għall-istralċ tad-ditti tal-investiment; u

c. il-valutazzjoni tal-impatt ta' stralċ ta' ditta tal-investiment fuq il-klijenti, il-kontropartijiet u s-swieq tagħha, u fuq id-ditta tal-investiment stess.

6.2.1 Identifikazzjoni ta' xenarji ta' stralċ

159. Hemm ħafna xenarji li d-ditta tal-investiment tista' tagħlaq taħthom. Filwaqt li jwettqu l-analiżi tagħhom, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffokaw fuq xenarju wieħed jew aktar li fih id-ditta tal-investiment ma tibqax vijabbli u tkun obbligata li tagħlaq in-negozju tagħha. Xi xenarji tipiċi li jistgħu jitqiesu mill-awtoritajiet kompetenti huma:

a. it-telf finanzjarju sinifikanti minħabba ċaqliq ekonomiku sever; u

b. it-telf ta' infrastruttura kritika li huwa impossibbli li tiġi sostitwita fil-ħin.

160. Biex jistabbilixxu xenarji adegwati skont il-paragrafu 159, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw, meta rilevanti, l-informazzjoni li ġejja, filwaqt li jibnu fuq l-analiżi mwettqa skont it-Titolu 4 (Analiżi tal-Mudell tan-Negozju):

a. il-forma ġuridika tad-ditta tal-investiment u r-rekwiżiti ta' insolvenza applikabbli relatati;

b. il-mudell tan-negozju tad-ditta tal-investiment u l-vulnerabbiltajiet relatati;

c. il-motivaturi ewlenin tad-dħul u tal-kostijiet tad-ditta tal-investiment;

d. id-dħul u l-ħruġ ta' flus ewlenin;

e. l-għodod u l-proċessi operatorji interni jew esternalizzati ewlenin (sistemi tal-IT essenzjali); u

f. l-attivitajiet kummerċjali ewlenin, speċjalment dawk li jistgħu jkunu diffiċli biex jiġu stralċati jew li huma soġġetti għal interkonnettività interna/esterna għolja.

161. Meta jkun disponibbli pjan ta' rkupru, jekk ikun xieraq, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jibbażaw fuq ix-xenarji tal-pjan ta' rkupru billi jkomplu jisħquhom biex jilħqu stralċ (jiġifieri sitwazzjonijiet meta l-għażliet ta' rkupru ma jkunux disponibbli).

6.2.2 Identifikazzjoni tal-perjodu ta' żmien adegwat għall-istralċ

162. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw il-perjodu ta' żmien adegwat għall-istralċ ordnat tad-ditta tal-investiment. B'mod partikolari, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk ikunx meħtieġ perjodu ta' żmien itwal minn tliet xhur għall-istralċ ordnat tan-negozji tad-ditti tal-investiment.

163. Biex jiġi ddeterminat il-perjodu ta' żmien mistenni ta' stralċ ordnat, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu l-aspetti dettaljati fil-paragrafi 165 sa 167, li jista' jkollhom impatt fuq id-durata ta' stralċ. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jibbażaw ukoll fuq il-perjodu medju ta' żmien ta' stralċ ordnat li jkun twettaq qabel għal ditti tal-investiment b'karatteristiċi simili fil-ġuriżdizzjoni tagħhom.

6.2.3 Valutazzjoni tal-impatt ta' stralċ fuq il-klijenti, il-kontropartijiet, u s-swieq

164. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw id-diversi partijiet ikkonċernati li jistgħu jiġu affettwati mill-istralċ tad-ditta tal-investiment, fix-xenarji analizzati. Filwaqt li jwettqu l-valutazzjoni tal-impatt tagħhom, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw tal-inqas il-klijenti ewlenin, il-kontropartijiet u s-swieq l-oħrajn tad-ditta tal-investiment.

165. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu valutazzjoni tal-impatt ta' stralċ fuq il-klijenti tad-ditta tal-investiment. Tali valutazzjoni għandha tinkludi tal-inqas l-aspetti li ġejjin, sa fejn tkun disponibbli l-informazzjoni rilevanti:

a. il-kapaċità tad-ditti tal-investiment li jagħlqu t-tranżazzjoni pendenti u l-konsegwenzi li tali għeluq jista' jkollu fuq il-klijenti u fuq id-ditta tal-investiment stess (jiġifieri jekk id-ditta tal-investiment hijiex se ssofri minn penali ta' terminazzjoni, jew tariffi legali);

b. meta l-kuntratti ma jkunux kanċellabbli, il-kapaċità tad-ditta tal-investiment li tittrasferihom kollha lil istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn u b'liema kostijiet; u

c. il-kapaċità tad-ditta tal-investiment li tirritorna f'waqtha il-flus tal-klijenti miżmuma u l-assi taħt il-kustodja tad-ditta tal-investiment, f'konformità mar-regoli introdotti skont id-Direttiva 2014/65/UE.

166. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu valutazzjoni tal-impatt ta' stralċ fuq is-swieq li d-ditta tal-investiment tkun qed topera fuqhom. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffokaw b'mod partikolari fuq is-sitwazzjonijiet li ġejjin:

a. meta sehem għoli tan-negozju tad-ditta tal-investiment jitwettaq f'suq wieħed jew f'xi swieq speċifiċi; u

b. meta d-ditta tal-investiment tkun fornitur ewlieni tan-negozju f'suq speċifiku.

6.2.4 Valutazzjoni tal-impatt ta' stralċ fuq id-ditta tal-investiment

167. Abbażi tal-analiżi tal-istruttura organizzazzjonali u tal-mudell operattiv tad-ditta tal-investiment, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw ir-riskji ewlenin għad-ditta tal-investiment f'każ ta' stralċ. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw l-aspetti li ġejjin: sa fejn ikunu rilevanti għad-ditta tal-investiment u l-informazzjoni tkun disponibbli:

a. il-kapaċità tad-ditta tal-investiment li tkopri l-kostijiet operatorji tagħha, inklużi l-kostijiet taż-żamma tal-proċess intern jew esternalizzat ewlieni tagħha u tas-sistemi tal-IT, li jippermettulha tkompli tiffunzjona f'livell li jippermetti stralċ ordnat;

b. il-kapaċità tad-ditta tal-investiment li tiddisponi f'waqtha mill-assi fissi tagħha u tassorbi t-telf assoċjat;

c. il-kapaċità tad-ditta tal-investiment li timmaniġġa/tkeċċi l-impjegati tagħha, filwaqt li tqis ir-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni rilevanti dwar l-impjiegi, speċjalment f'każijiet li fihom id-ditta tal-investiment ikollha entitajiet transfruntiera, u l-kostijiet li tista' tinvolvi (b'kunsiderazzjoni b'mod partikolari tal-ħlasijiet potenzjali ta' terminazzjoni);

d. il-kapaċità tad-ditta tal-investiment li żżomm lill-impjegati ewlenin biex iwettqu l-istralċ u l-kostijiet li tista' tinvolvi; u

e. kwalunkwe kost jew riskju operazzjonali ieħor li jista' jirriżulta matul il-proċess ta' stralċ.

6.3 Valutazzjoni tar-Riskju għall-Klijent

6.3.1 Kunsiderazzjonijiet ġenerali

168. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ir-Riskju għall-Klijent li jirriżulta mit-tipi kollha ta' skoperturi, inklużi impenji li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ: assi mmaniġġjati, flus tal-klijenti miżmuma, assi salvagwardjati u amministrati, u ordnijiet tal-klijenti ttrattati. Huma għandhom iqisu wkoll il-liġijiet nazzjonali li jirregolaw is-segregazzjoni applikabbli għall-flus tal-klijenti, u d-disponibbiltà għad-ditta tal-investiment ta' assigurazzjoni ta' indennizz professjonali bħala għodda effettiva fil-ġestjoni tar-riskji, f'konformità mal-Artikolu 29(1) tad-Direttiva (UE) 2019/2034.

169. Fil-valutazzjoni tar-Riskju għall-Klijent, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu t-tipi differenti ta' klijenti, u n-natura u l-kumplessità tal-attivitajiet tad-ditta tal-investiment fir-rigward ta' dawn il-klijenti.

6.3.2 Valutazzjoni tar-Riskju għall-Klijent inerenti

170. Permezz tal-valutazzjoni tar-Riskju għall-Klijent inerenti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw il-motivaturi ewlenin tal-ammonti tal-fatturi-K tar-Riskju għall-Klijent tad-ditta tal-investiment u jevalwaw is-sinifikat tal-impatt prudenzjali ta' dan ir-riskju għad-ditta tal-investiment. Għalhekk, il-valutazzjoni tar-Riskju għall-Klijent inerenti għandha tkun strutturata madwar il-passi ewlenin li ġejjin:

a. valutazzjoni preliminari;

b. il-valutazzjoni tan-natura u tal-iskala tas-servizzi u tal-attivitajiet għall-ġestjoni tal-assi tal-klijenti, għaż-żamma tal-flus tal-klijenti, għas-salvagwardja tal-assi tal-klijenti u għat-trattament tal-ordnijiet tal-klijenti; u

c. il-valutazzjoni tas-sistemi u tal-proċessi rigward dawn l-attivitajiet.

171. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ir-Riskju għall-Klijent kemm f'termini attwali kif ukoll f'termini prospettivi.

172. Meta jkun rilevanti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu wkoll valutazzjoni aktar granulari, potenzjalment fil-livell ta' klijenti uniċi.

Valutazzjoni preliminari

173. Sabiex jiddeterminaw il-kamp ta' applikazzjoni tal-valutazzjoni tar-Riskju għall-Klijent, l-awtoritajiet kompetenti għandhom l-ewwel jidentifikaw is-sorsi ta' Riskju għall-Klijent li d-ditta tal-investiment hi jew tista' tkun esposta għalihom.

174. Bħala minimu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw dawn li ġejjin:

a. l-aptit għar-riskju fir-rigward tar-Riskju għall-Klijent, meta jitqies il-mudell tan-negozju tad-ditta tal-investiment;

b. il-piż tal-ammont tal-fattur-K għar-Riskju għall-Klijent meta mqabbel mal-ammont totali tal-fattur-K;

c. il-previżjonijiet tal-ammont tal-fattur-K għar-Riskju għall-Klijent, jekk disponibbli;

d. in-natura, id-daqs u l-kompożizzjoni tal-entrati relatati mal-klijent li jidhru u li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ tad-ditta tal-investiment;

e. jekk disponibbli, il-kost tat-telf operazzjonali fuq il-kontijiet tal-klijent kontra t-tariffi.

175. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu l-analiżi preliminari b'kunsiderazzjoni tal-bidla fl-indikaturi ta' hawn fuq matul iż-żmien biex jiffurmaw opinjoni infurmata tal-motivaturi ewlenin tar-Riskju għall-Klijent tad-ditta tal-investiment.

Assi mmaniġġjati (AUM)

176. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ir-riskju li jġarrbu telf għall-klijenti minħabba l-ġestjoni ħażina tal-assi mmaniġġjati tal-klijenti. L-assi mmaniġġjati jinkludu kemm assi mmaniġġjati diskrezzjonali tal-portafoll kif ukoll arranġamenti konsultattivi mhux diskrezzjonali ta' natura kontinwa. Dan ir-riskju jista' jinħoloq, fost sorsi oħrajn, minn ksur tat-termini tal-mandat, ingranaġġ eċċessiv, konċentrazzjoni eċċessiva, assi soġġetti għal għafsiet tal-likwidità, kumplessità tal-prodott mhux adegwata fir-rigward tal-mandat.

177. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffokaw fuq dawn is-sorsi ta' riskju inerenti, meta rilevanti:

a. il-kumplessità tal-mandati, id-Dikjarazzjoni tal-Politika ta' Investiment (IPS) jew l-istrateġiji implimentati;

b. il-profili tal-klijenti (fondi sovrani, investituri istituzzjonali, korporattivi jew fil-livell tal-konsumatur) u tolleranza tar-riskju;

c. il-klassijiet ta' assi ta' portafoll sottostanti;

d. l-ammont ta' assi mmaniġġjati.

Flus tal-klijenti miżmuma (CMH)

178. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ir-riskju li jitilfu l-flus tal-klijenti u li jkollhom jikkumpensaw lill-klijenti minħabba l-ġestjoni ħażina tal-kontijiet tal-klijenti mid-ditta tal-investiment.

179. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk il-flus tal-klijenti humiex miżmuma skont il-liġi nazzjonali dwar il-protezzjoni tal-flus tal-klijenti u jistgħux jiġu distinti b'mod ċar mill-flus proprji tad-ditta tal-investiment.

180. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffokaw fuq dawn is-sorsi ta' riskju inerenti, meta rilevanti:

a. it-tip ta' kont (depożitu ta' bank kummerċjali);

b. il-ftehim dwar l-aċċess tad-ditti tal-investiment għall-flus tal-klijenti;

c. il-politika ta' investimenti awtorizzati għall-flus tal-klijenti;

d. il-kontijiet segregati individwali jew omnibus;

e. it-traċċabbiltà tal-flus tal-klijent;

f. l-ammont ta' flus tal-klijenti miżmuma u n-numru a' klijenti;

g. il-muniti użati biex jiddenominaw il-kontijiet tal-klijenti.

Assi salvagwardjati u amministrati (ASA)

181. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ir-riskju li jġarrbu telf għall-klijenti u li jkollhom jikkumpensawhom minħabba l-ġestjoni ħażina tal-assi salvagwardjati u amministrati mid-ditta tal-investiment.

182. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffokaw fuq dawn is-sorsi ta' riskju inerenti meta rilevanti:

a. l-użu mill-ġdid ta' kollateral miżmum;

b. id-drittijiet ta' likwidazzjoni fuq l-assi;

c. id-deprezzament kollaterali;

d. id-delegazzjonijiet li jidħlu minn u joħorġu għal entitajiet finanzjarji oħrajn;

e. tipi tal-assi;

f. l-operazzjonijiet jew in-nuqqas ta' twettiq ta' operazzjonijiet fuq avvenimenti marbuta mal-assi (vot għal assemblea ġenerali, pagament ta' kupuni, emissjonijiet bi drittijiet preferenzjali).

Ordnijiet tal-klijenti ttrattati (COH)

183. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ir-riskju ta' telf operazzjonali waqt it-trattament tal-ordnijiet tal-klijenti. Dan ir-riskju jista' jinħoloq minn żbalji tas-sistema jew tal-bniedem minħabba l-kumplessità tal-proċessi, tal-proċeduri, u tas-sistemi tal-IT (inkluż l-użu ta' teknoloġiji ġodda), sal-punt li jistgħu jwasslu għal żbalji, inkluż dewmien, speċifikazzjoni ħażina jew ksur ta' sigurtà.

184. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffokaw fuq dawn is-sorsi ta' riskju inerenti, meta rilevanti:

a. il-kwantità u l-ammont ta' ordnijiet tal-klijenti ttrattati;

b. in-natura tal-assi sottostanti (OTC, ftit jew wisq likwidi…);

c. it-tipi u l-karatteristiċi tal-ordnijiet (skont il-blokok, il-prezz fiss…);

d. il-karatteristiċi tat-trażmissjoni jew tal-eżekuzzjoni (negozjar elettroniku jew bil-vuċi…);

e. il-proċessi ta' trażmissjoni jew eżekuzzjoni u l-organizzazzjoni (uffiċċji dedikati skont il-klassi tal-assi, in-negozjanti tal-bejgħ, in-negozjar akkont proprju, l-aċċess għas-suq...).

6.3.3 Valutazzjoni tal-ġestjoni u l-kontrolli tar-Riskju għall-Klijent

185. Sabiex jiksbu fehim komprensiv tal-profil tar-Riskju għall-Klijent tad-ditta tal-investiment, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrevedu wkoll il-qafas tal-ġestjoni tar-riskju sottostanti l-attivitajiet tagħha. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw l-elementi li ġejjin, meta rilevanti:

a. li d-ditta tal-investiment għandha strateġija tar-riskju soda, ifformulata u dokumentata b'mod ċar li hija vvalidata kif suppost mill-bord maniġerjali u tkopri l-ġestjoni tal-assi, il-ġestjoni tal-fluss tal-flus fid-ditta u l-ġestjoni tal-assi salvagwardjati u amministrati;

b. li d-ditta tal-investiment għandha qafas organizzazzjonali xieraq biex tiżgura l-forniment effettiv ta' servizzi lill-klijenti, b'riżorsi umani u tekniċi (front u back offices, sistemi ta' informazzjoni) suffiċjenti (kemm kwalitattivi kif ukoll kwantitattivi);

c. li d-ditta tal-investiment għandha qafas ta' kontroll b'saħħtu u komprensiv (l-effettività u l-indipendenza tal-funzjonijiet ta' kontroll) u salvagwardji sodi biex

timmitiga r-riskji tagħha għall-klijenti f'konformità mal-istrateġija ta' ġestjoni u l-aptit għar-riskju;

d. li d-ditta tal-investiment għandha politiki u proċeduri definiti b'mod ċar għall-identifikazzjoni, il-ġestjoni, il-kejl u l-kontroll tar-riskji operazzjonali għall-klijenti;

e. li d-drittijiet ta' aċċess tad-ditta għall-kontijiet tal-klijent huma konformi mar-regolamenti applikabbli.

6.3.4 Sommarju tas-sejbiet u għoti ta' punteġġ

186. Wara l-valutazzjoni ta' hawn fuq, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar ir-Riskju għall-Klijent tad-ditta tal-investiment. Din l-opinjoni għandha tkun riflessa fis-sommarju tas-sejbiet, akkumpanjata minn punteġġ tar-riskju bbażat fuq il-kunsiderazzjonijiet speċifikati fit-Tabella 5. Jekk, abbażi tal-materjalità ta' ċerti fatturi tar-riskju, l-awtoritajiet kompetenti jiddeċiedu li jivvalutawhom u jagħtuhom punteġġ individwalment, il-gwida pprovduta f'din it-tabella għandha tiġi applikata, sa fejn ikun possibbli, permezz ta' analoġija.

Tabella 5. Kunsiderazzjonijiet superviżorji għall-assenjament ta' punteġġ tar-riskju għar-Riskju għall-Klijent

Punteġġ tar-riskju	Perspettiva superviżorja	Kunsiderazzjonijiet fir-rigward tar-riskju inerenti	Kunsiderazzjonijiet fir-rigward ta' ġestjoni u kontrolli xierqa
1	Hemm riskju baxx ta' impatt prudenzjali sinifikanti fuq id-ditta tal-investiment meta jitqies il-livell tar-riskju inerenti u l-ġestjoni u l-kontrolli.	• In-natura u l-kompożizzjoni tal-iskopertura għar-riskju jimplikaw riskju mhux materjali/riskju baxx ħafna. • L-iskopertura għal prodotti u tranżazzjonijiet kumplessi mhijiex materjali/baxxa ħafna. • Il-livell tar-riskju tal-konċentrazzjoni mhuwiex materjali/baxx ħafna. • Il-livell tar-riskju relalat mal-proċessi u s-sistemi mhuwiex materjali/baxx ħafna.	• Hemm konsistenza bejn il-ġestjoni u l-kontrolli tad-ditta tal-investiment u l-istrateġija u l-aptit għar-riskju ġenerali tagħha. • Il-qafas organizzazzjonali huwa robust b'responsabbiltajiet ċari u separazzjoni ċara tal-kompiti bejn dawk li jieħdu r-riskju u l-funzjonijiet tal-ġestjoni u l-kontroll.

2	Hemm riskju medju-baxx ta' impatt prudenzjali sinifikanti fuq id-ditta tal-investiment meta jitqies il-livell tar-riskju inerenti u l-ġestjoni u l-kontrolli.	In-natura u l-kompożizzjoni tal-iskopertura għar-riskju jimplikaw riskju baxx sa medju. L-iskopertura għal prodotti u tranżazzjonijiet kumplessi hija baxxa sa medja. Il-livell tar-riskju tal-konċentrazzjoni huwa baxx sa medju. Il-livell tar-riskju relatat mal-proċessi u s-sistemi huwa baxx sa medju.	• Is-sistemi tal-kejl, tal-monitoraġġ u tar-rapportar huma xierqa.
3	Hemm riskju medju-għoli ta' impatt prudenzjali sinifikanti fuq id-ditta tal-investiment meta jitqies il-livell tar-riskju inerenti u l-ġestjoni u l-kontrolli.	In-natura u l-kompożizzjoni tal-iskopertura għar-riskju jimplikaw riskju medju sa għoli. L-iskopertura għal prodotti u tranżazzjonijiet kumplessi hija medja sa għolja. Il-livell tar-riskju tal-konċentrazzjoni huwa medju sa għoli. Il-livell tar-riskju relatat mal-proċessi u s-sistemi huwa medju sa għoli.	• Hemm nuqqas fil-ġestjoni u l-kontrolli tad-ditta tal-investiment meta mqabbla mal-istrateġija u l-aptit għar-riskju ġenerali tagħha. • Il-qafas organizzazzjonali huwa nieqes minn responsabbiltajiet ċari u separazzjoni ċara tal-kompiti bejn dawk li jieħdu r-riskju u l-funzjonijiet tal-ġestjoni u l-kontroll. • Is-sistemi ta' kejl, monitoraġġ u rapportar mhumiex sufficjenti jew konsistenti biżżejjed, xi riskji mhumiex immonitorjati jew irrapportati kif xieraq.
4	Hemm riskju għoli ta' impatt prudenzjali sinifikanti fuq id-ditta tal-investiment meta jitqies il-livell tar-riskju inerenti u l-ġestjoni u l-kontrolli.	• In-natura u l-kompożizzjoni tal-iskopertura għar-riskju jimplikaw riskju għoli. • L-iskopertura għal prodotti u tranżazzjonijiet kumplessi hija għolja. • Il-livell tar-riskju tal-konċentrazzjoni huwa għoli. • Il-livell tar-riskju relatat mal-proċessi u s-sistemi huwa għoli.	

6.4 Valutazzjoni tar-Riskju għas-Suq

6.4.1 Kunsiderazzjonijiet ġenerali

187. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ir-Riskju għas-Suq li jirriżulta mit-tipi kollha ta' skoperturi: għal pożizzjonijiet li mhumiex soġġetti għall-ikklerjar (jiġifieri skopertura kkalkolata permezz tal-metodoloġija tar-Riskju ta' Pożizzjoni Netta), u għal

pożizzjonijiet li huma soġġetti għall-ikklerjar jew għall-immarġinar (jiġifieri skopertura kkalkolata permezz tal-metodoloġija tal-Marġni tal-Ikklerjar Mogħti).

188. Fil-valutazzjoni tar-Riskju għas-Suq, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu l-volum, in-natura u l-kumplessità tal-attivitajiet tad-ditta tal-investiment.

6.4.2 Valutazzjoni tar-Riskju għas-Suq inerenti

189. Permezz tal-valutazzjoni tar-riskju tas-suq inerenti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw il-motivaturi ewlenin tal-iskopertura tar-riskju tas-suq tad-ditta tal-investiment u jevalwaw ir-riskju tal-impatt prudenzjali sinifikanti fuq id-ditta tal-investiment. Il-valutazzjoni tar-riskju tas-suq inerenti għandha tkun strutturata madwar il-passi ewlenin li ġejjin:

a. valutazzjoni preliminari;

b. valutazzjoni tan-natura u kompożizzjoni tal-pożizzjonijiet tad-ditta tal-investiment soġġetti għal riskju għas-suq;

c. valutazzjoni tal-profittabbiltà;

d. valutazzjoni tar-riskju ta' konċentrazzjoni tas-suq;

e. valutazzjoni tal-qafas ta' valwazzjoni prudenti għall-pożizzjonijiet dwar il-kotba tan-negozjar; u

f. valutazzjoni tar-riskju tal-mudell (jiġifieri mudelli użati għal skopijiet regolatorji).

Evalwazzjoni preliminari

190. Biex jiddeterminaw il-kamp ta' applikazzjoni tal-valutazzjoni tar-riskju għas-suq, l-awtoritajiet kompetenti għandhom l-ewwel jidentifikaw is-sorsi tar-riskju tas-suq li d-ditta tal-investiment hija jew tista' tkun esposta għalihom.

191. Tal-inqas, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw:

a. l-attivitajiet tas-suq, il-linji operatorji u l-prodotti tad-ditta tal-investiment;

b. l-istrateġija ewlenija tal-portafoll tar-riskju tas-suq fil-portafoll tan-negozjar u l-aptit għar-riskju fl-attivitajiet tas-suq;

c. il-piż relattiv tal-pożizzjonijiet dwar il-kotba tan-negozjar f'termini ta' assi totali, bidliet maż-żmien u l-istrateġija tad-ditta tal-investiment għal dawn il-pożizzjonijiet, jekk disponibbli;

d. il-piż relattiv tal-qligħ nett fuq il-pożizzjonijiet tas-suq fid-dħul operattiv totali; u

e. ir-rekwiżit ta' fondi proprji għar-Riskju għas-Suq meta mqabbel mar-rekwiżit ta' fondi proprji totali, inkluża l-bidla storika f'din il-figura u l-previżjonijiet, jekk disponibbli.

192. Fil-valutazzjonijiet inizjali tagħhom, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw ukoll tibdil sinifikanti fl-attivitajiet tas-suq tad-ditta tal-investiment bl-enfasi fuq il-bidliet potenzjali fl-iskopertura totali għar-riskju tas-suq. B'mod partikolari, dawn jistgħu jivvalutaw:

a. bidliet sinifikanti fl-istrateġija, il-politiki u d-daqsijiet tal-limiti tar-riskju tas-suq;

b. l-impatt potenzjali fuq il-profil tar-riskju tad-ditta tal-investiment ta' dawk il-bidliet; u

c. xejriet ewlenin fis-swieq finanzjarji.

Natura u kompożizzjoni ta' attivitajiet tar-riskju tas-suq tad-ditta tal-investiment

193. L-awtoritajiet kompetenti għandhom janalizzaw in-natura tal-iskoperturi għar-riskju tas-suq tad-ditta tal-investiment biex jidentifikaw skoperturi partikolari għar-riskju u fatturi/motivaturi relatati tar-riskju tas-suq (inklużi rati tal-kambju, rati tal-imgħax jew firxiet ta' kreditu) għal valutazzjoni ulterjuri fil-fond.

194. L-awtoritajiet kompetenti għandhom janalizzaw skoperturi tar-riskju tas-suq skont il-klassijiet ta' assi rilevanti u/jew strumenti finanzjarji skont id-daqs, il-kumplessità u l-livell ta' riskju tagħhom. Għall-iskoperturi l-aktar rilevanti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-fatturi u l-motivaturi rilevanti relatati tagħhom.

195. Filwaqt li janalizzaw l-attivitajiet tar-riskju tas-suq, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw ukoll il-kumplessità tal-prodotti finanzjarji rilevanti (inklużi prodotti vvalutati li jużaw tekniki ta' valwazzjoni skont mudell) u ta' operazzjonijiet speċifiċi tas-suq (inkluż kummerċ ta' frekwenza għolja). Il-punti li ġejjin għandhom jiġu kkunsidrati:

a. meta d-ditta tal-investiment jkollha pożizzjonijiet tad-derivattivi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw kemm il-valur tas-suq kif ukoll l-ammont nozzjonali;

b. meta d-ditta tal-investiment tkun involuta f'derivattivi OTC, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jevalwaw, meta disponibbli, il-piż ta' dawn it-tranżazzjonijiet fil-portafoll tad-derivattivi totali u t-tqassim tal-portafoll OTC skont it-tip ta' kuntratt (swap, forward), l-istrumenti finanzjarji sottostanti (ir-riskju tal-kreditu tal-kontroparti assoċjat ma' dawn il-prodotti huwa kopert taħt il-metodoloġija tar-riskju għad-ditta);

c. meta d-ditta tal-investiment tkun implimentat strateġiji ta' ħħeġġjar, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ir-riskju residwu tas-suq wara l-implimentazzjoni ta' dawn l-istrateġiji.

196. Meta xieraq, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-pożizzjonijiet f'diffikultà u/jew mhux likwidi jevalwaw l-impatt tagħhom fuq il-profittabbiltà tad-ditta tal-investiment.

197. Għal dawk id-ditti tal-investiment li jużaw approċċi interni biex jikkalkolaw ir-rekwiżiti regolatorji tal-fondi proprji tagħhom, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw

ukoll l-indikaturi li ġejjin biex jidentifikaw oqsma ta' riskju partikolari u motivaturi ta' riskju relatati:

a. il-qasma tar-rekwiżiti tal-fondi proprji tar-riskju tas-suq bejn il-valur fir-riskju (VaR), il-valur fir-riskju taħt stress (SVaR), l-addebitament inkrimentali għar-riskju (IRC) u l-ħlas għall-portafoll ta' kummerċ ta' korrelazzjoni;

b. il-VaR imqassam skont il-fatturi ta' riskju;

c. il-bidla fil-VaR u fl-SVaR (l-indikaturi potenzjali jistgħu jkunu l-bidla minn jum għal jum/minn ġimgħa għal ġimgħa, il-medja trimestrali u r-riżultati tal-ittestjar retrospettiv); u

d. il-fatturi ta' multiplikazzjoni applikati għall-VaR u l-SVaR.

198. Meta xieraq, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw ukoll il-miżuri interni tar-riskju tad-ditti tal-investiment. Dawn jistgħu jinkludu n-nuqqas mistenni, il-VaR intern mhux użat fil-kalkoli tar-rekwiżiti tal-fondi proprji jew sensittivitajiet tar-riskju tas-suq għall-fatturi differenti tar-riskju u telf potenzjali.

199. Meta janalizzaw ir-riskju tas-suq inerenti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw figuri u tendenzi "dak il-mument", kemm fuq bażi aggregata kif ukoll bil-portafoll. Meta jkun possibbli, din l-analiżi għandha tkun kompletata b'paragun tal-figuri tad-ditta tal-investiment mal-pari u mal-indikaturi makroekonomiċi rilevanti.

L-analiżi tal-profittabbiltà

200. L-awtoritajiet kompetenti għandhom janalizzaw il-profittabbiltà storika, inkluża l-volatilità tal-profitti, tal-attivitajiet tas-suq biex jiksbu fehim aħjar tal-profil tar-riskju tas-suq tad-ditta tal-investiment. Din l-analiżi tista' ssir fuq il-livell tal-portafoll kif ukoll titqassam skont il-linja operatorja, il-post tan-negozjar jew il-klassi tal-assi (potenzjalment bħala parti mill-valutazzjoni usa' mwettqa bħala parti mill-BMA).

201. Filwaqt li jivvalutaw il-profittabbiltà, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu attenzjoni speċifika lill-oqsma tar-riskju ewlenin identifikati matul l-eżaminazzjoni tal-attivitajiet tar-riskju tas-suq. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu distinzjoni bejn id-dħul tal-kummerċ u d-dħul mhux tal-kummerċ (bħal kummissjonijiet, tariffi tal-klijenti) fuq naħa waħda u l-profitti/telf irrealizzati u mhux irrealizzati min-naħa l-oħra.

202. Għal dawk il-klassijiet ta' assi u/jew skoperturi li jiġġeneraw profitti jew telf mhux normali, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-profittabbiltà meta mqabbla mal-livell ta' riskju mwettaq mid-ditta tal-investiment (inkluż VaR/qligħ nett fuq assi u obbligazzjonijiet finanzjarji miżmuma għall-kummerċ) biex jidentifikaw u janalizzaw inkonsistenzi possibbli. Meta jkun possibbli, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqabblu l-figuri tad-ditta tal-investiment mal-prestazzjoni storika tagħha u mal-pari tagħha.

Riskju ta' konċentrazzjoni tas-suq

203. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar il-livell tar-riskju ta' konċentrazzjoni tas-suq li d-ditta tal-investiment hija esposta għalihom, jew minn skoperturi għal fattur ta' riskju wieħed jew minn skoperturi għal fatturi multipli ta' riskju li huma korrelatati.

204. Meta jevalwaw il-konċentrazzjonijiet possibbli, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu attenzjoni speċjali lill-konċentrazzjonijiet fi prodotti komplessi (b'mod partikolari l-prodotti strutturati), prodotti mhux likwidi (inkludi obbligi ta' dejn kollateralizzat (CDOs)) jew prodotti vvalutati li jużaw tekniki ta' valwazzjoni skont mudell.

Valwazzjoni prudenti tal-pożizzjonijiet dwar il-kotba tan-negozjar

205. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jifformaw opinjoni dwar il-qafas ta' valwazzjoni prudenti tad-ditta tal-investiment, peress li proċess ta' valwazzjoni difettuż jista' jwassal għal żbalji fil-kalkolu tal-valur tal-ħruġ tal-istrumenti finanzjarji li jwasslu għal sottovalutazzjoni tat-telf potenzjali tad-ditta tal-investiment. Filwaqt li jwettqu din l-analiżi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lill-kalkolu tar-riżervi (b'mod partikolari r-riżervi ta' valur ġust, ir-riżervi mudell) u l-impatt potenzjali tagħhom fuq il-pożizzjoni kapitali tad-ditta tal-investiment.

206. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk il-pożizzjonijiet dwar il-kotba tan-negozjar tad-ditta tal-investiment humiex ivvalutati b'valur prudenti li jikseb grad xieraq ta' ċertezza filwaqt li titqies in-natura dinamika tal-pożizzjonijiet dwar il-kotba tan-negozjar. Biex jinkiseb grad xieraq ta' ċertezza għal dan il-għan għandu jitqies il-livell ta' ċertezza msemmi fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni 2016/101.[18]

207. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk id-ditti tal-investiment għandhomx metodoloġiji ta' valwazzjoni prudenti robusti u li jqisu l-aġġustamenti ta' valwazzjoni li ġejjin:

   a. il-firxiet tal-kreditu mhux iggwadanjati;

   b. l-għeluq tal-kostijiet;

   c. ir-riskji operazzjonali;

   d. l-inċertezza tal-prezzijiet tas-suq;

   e. it-terminazzjoni bikrija;

   f. il-kostijiet tal-investiment u tal-finanzjament;

   g. kostijiet amministrattivi futuri; u

[18] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/101 tas-26 ta' Ottubru 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għall-valutazzjoni prudenti skont l-Artikolu 105(14) (ĠU L 021, 28.1.2016, p. 54).

h. meta rilevanti, ir-riskju tal-mudell.

208. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk:

a. l-arranġamenti, il-proċessi u l-proċeduri ta' governanza relatati mal-aġġustamenti tal-valwazzjoni humiex sodi biżżejjed, speċjalment fir-rigward ta' pożizzjonijiet inqas likwidi, u jekk humiex konsistenti mal-istrateġija tad-ditta tal-investiment;

b. Is-sistemi u l-proċessi tal-IT marbuta mal-qafas ta' valwazzjoni humiex robusti;

c. l-adegwatezza tal-aġġustamenti mwettqa mid-ditti tal-investiment hijiex riveduta perjodikament.

Riskju tal-mudell

209. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ir-riskju relatat mas-sottovalutazzjoni tar-rekwiżiti ta' fondi proprji permezz ta' mudelli interni approvati regolatorji użati, b'mod partikolari l-approċċ ibbażat fuq klassifikazzjonijiet interni (IRB), IRC, mudelli użati għall-finijiet tal-mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu, VaR u sVaR.

6.4.3 Valutazzjoni tal-ġestjoni u l-kontrolli tar-Riskju għas-Suq

210. Sabiex jiksbu fehim komprensiv tal-profil tar-riskju tas-suq tad-ditta tal-investiment, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrevedu l-qafas tal-ġestjoni tal-governanza u tar-riskju sottostanti l-attivitajiet tas-suq tagħha. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw l-elementi li ġejjin filwaqt li jqisu l-volum, in-natura u l-kumplessità tal-attivitajiet tad-ditta tal-investiment:

a. li d-ditta tal-investiment għandha strateġija tar-riskju tas-suq soda,ifformulata u ddokumentata b'mod ċar, approvata mill-korp maniġerjali tagħhom;

b. li l-istrateġija tar-riskju tas-suq tad-ditta tal-investiment tirrifletti b'mod xieraq l-aptit għar-riskju tas-suq tad-ditta tal-investiment u hija konsistenti mal-aptit għar-riskju ġenerali;

c. li d-ditta tal-investiment għandha qafas xieraq organizzazzjonali għall-funzjonijiet ta' ġestjoni, kejl, monitoraġġ u kontroll tar-riskju tas-suq, b'riżorsi umani u tekniċi suffiċjenti (kemm kwalitattivi kif ukoll kwantitattivi);

d. li d-ditta tal-investiment għandha politiki u proċeduri definiti b'mod ċar għall-identifikazzjoni, il-ġestjoni, il-kejl u l-kontroll tar-riskji tas-suq, inklużi limiti li jirriflettu l-aptit għar-riskju approvat mill-bord maniġerjali;

e. li d-ditta tal-investiment għandha qafas xieraq għall-identifikazzjoni, il-fehim u l-kejl tar-riskju tas-suq, skont id-daqs u l-kumplessità tad-ditta tal-investiment, u li dan il-qafas huwa konformi mar-rekwiżiti rilevanti

f'konformità mal-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni rilevanti tal-UE u nazzjonali; u

f. li d-ditta tal-investiment għandha qafas ta' kontroll b'saħħtu u komprensiv u salvagwardji sodi biex timmitiga r-riskju tas-suq tagħha f'konformità mal-istrateġija tal-ġestjoni tar-riskji tas-suq u l-aptit għar-riskju tagħha.

6.4.4 Sommarju tas-sejbiet u għoti ta' punteġġ

211. Wara l-valutazzjoni ta' hawn fuq, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar ir-riskju tas-suq tad-ditta tal-investiment. Din l-opinjoni għandha tkun riflessa fis-sommarju tas-sejbiet, akkumpanjata minn punteġġ tar-riskju ibbażat fuq il-kunsiderazzjonijiet speċifikati fit-Tabella 6. Jekk, abbażi tal-materjalità ta' ċerti fatturi tar-riskju, l-awtoritajiet kompetenti jiddeċiedu li jivvalutawhom u jagħtuhom punteġġ individwalment, il-gwida pprovduta f'din it-tabella għandha tiġi applikata, sa fejn ikun possibbli, permezz ta' analoġija.

212. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw dawn il-fatturi kollha b'mod parallel u mhux iżolat u jifhmu l-motivaturi wara r-Riskju għas-Suq.

Tabella 6. Kunsiderazzjonijiet superviżorji għall-assenjament ta' punteġġ tar-riskju tas-suq

Punteġġ tar-riskju	Perspettiva superviżorja	Kunsiderazzjonijiet fir-rigward tar-riskju inerenti	Kunsiderazzjonijiet fir-rigward ta' ġestjoni u kontrolli xierqa
1	Hemm riskju baxx ta' impatt prudenzjali sinifikanti fuq id-ditta tal-investiment meta jitqies il-livell tar-riskju inerenti u l-ġestjoni u l-kontrolli.	• In-natura u l-kompożizzjoni tal-iskoperturi tar-riskju tas-suq jimplikaw riskju mhux materjali/baxx ħafna. • L-iskoperturi tad-ditta tal-investiment għar-riskju tas-suq mhumiex kumplessi. • Il-livell tal-konċentrazzjoni tar-riskju tas-suq mhuwiex materjali/baxx ħafna. • L-iskoperturi għar-riskju tas-suq tad-ditta tal-investiment jiġġeneraw redditi mhux volatili.	• Hemm konsistenza bejn il-politika u l-istrateġija tar-riskju tad-ditta tal-investiment u l-istrateġija u l-aptit għar-riskju ġenerali tagħha. • Il-qafas organizzazzjonali għar-riskju tas-suq huwa robust b'responsabbiltajiet ċari u b'separazzjoni ċara tal-kompiti bejn dawk li jieħdu

2	Hemm riskju medju baxx ta' impatt prudenzjali sinifikanti fuq id-ditta tal-investiment meta jitqies il-livell tar-riskju inerenti u l-ġestjoni u l-kontrolli.	• In-natura u l-kompożizzjoni tal-iskoperturi għar-riskju tas-suq jimplikaw riskju baxx sa medju. • Il-kumplessità tal-iskoperturi għar-riskju tas-suq tad-ditta tal-investiment hija baxxa sa medja. • Il-livell tal-konċentrazzjoni tar-riskju tas-suq huwa baxx sa medju. • L-iskoperturi għar-riskji tas-suq tad-ditta tal-investiment jiġġeneraw redditi li għandhom grad baxx sa medju ta' volatilità.	r-riskji u l-funzjonijiet tal-ġestjoni u tal-kontroll. • Is-sistemi tal-kejl, tal-monitoraġġ u tar-rapportar tar-riskju tas-suq huma xierqa. • Il-limiti interni u l-qafas ta' kontroll għar-riskju tas-suq huma sodi u konformi mal-istrateġija tal-ġestjoni tar-riskji u l-aptit għar-riskju tad-ditta tal-investiment.
3	Hemm riskju medju għoli ta' impatt prudenzjali sinifikanti fuq id-ditta tal-investiment meta jitqies il-livell tar-riskju inerenti u l-ġestjoni u l-kontrolli.	• In-natura u l-kompożizzjoni tal-iskoperturi għar-riskju tas-suq jimplikaw riskju medju sa għoli. • Il-kumplessità tal-iskoperturi għar-riskju tas-suq tad-ditta tal-investiment hija medja sa għolja. • Il-livell tal-konċentrazzjoni tar-riskju tas-suq huwa medju sa għoli. • L-iskoperturi għar-riskji tas-suq tad-ditta tal-investiment jiġġeneraw redditi li għandhom grad medju sa għoli ta' volatilità.	• Hemm nuqqas fil-politika u l-istrateġija tar-riskju tas-suq tad-ditta tal-investiment relattiva għall-istrateġija u l-aptit għar-riskju ġenerali tagħha. • Il-qafas organizzazzjonali għar-riskju tas-suq ma għandux responsabbiltajiet ċari u separazzjoni ċara tal-kompiti bejn dawk li jieħdu r-riskju u l-funzjonijiet tal-ġestjoni u l-kontroll. • Is-sistemi tal-kejl, tal-monitoraġġ u tar-rapportar tar-riskju tas-suq mhumiex suffiċjenti jew konsistenti biżżejjed, xi riskji mhumiex immonitorjati jew irrapportati kif xieraq. • Il-limiti interni u l-qafas ta' kontroll għar-riskju tas-suq mhumiex konformi mal-istrateġija tal-ġestjoni tar-riskji u l-aptit għar-riskju tad-ditta tal-investiment.
4	Hemm riskju għoli ta' impatt prudenzjali sinifikanti fuq id-ditta tal-investiment meta jitqies il-livell tar-riskju inerenti u l-ġestjoni u l-kontrolli.	• In-natura u l-kompożizzjoni tal-iskoperturi għar-riskju tas-suq jimplikaw riskju għoli. • Il-kumplessità tal-iskoperturi għar-riskju tas-suq tad-ditta tal-investiment hija għolja. • Il-livell tal-konċentrazzjoni tar-riskju tas-suq huwa għoli. • L-iskoperturi għar-riskji tas-suq tad-ditta tal-investiment jiġġeneraw redditi li għandhom grad għoli ta' volatilità.	

6.5 Valutazzjoni tar-Riskju għad-Ditta

6.5.1 Kunsiderazzjonijiet ġenerali

213. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ir-Riskju għad-Ditta li jirriżulta minn fatturi ta' riskju differenti bħal: riskji operazzjonali mill-fluss tan-negozjar ta' kuljum (DTF), riskju ta' konċentrazzjoni minħabba skoperturi kbar (CON), u skopertura għall-inadempjenza tal-kontropartijiet tan-negozjar (TCD). Fil-valutazzjoni tagħhom, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw wkoll is-sorsi ta' riskju għad-ditta tal-investiment bħall-bidliet materjali fil-valuri kontabilistiku tal-assi, il-falliment tal-klijenti jew tal-kontropartijiet, il-pożizzjonijiet fl-istrumenti finanzjarji, muniti barranin u komoditajiet u l-obbligi għal skemi ta' pensjoni b'benefiċċji stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 29 tad-Direttiva (UE) 2019/2034. Meta rilevanti, huma għandhom jikkunsidraw ukoll fatturi oħrajn li jistgħu joħolqu riskju għad-ditta tal-investiment.

214. Fil-valutazzjoni tar-Riskju għad-Ditta, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu l-volum, in-natura u l-kumplessità tal-attivitajiet tad-ditta tal-investiment.

6.5.2 Valutazzjoni tar-Riskju għad-Ditta inerenti

215. Permezz tal-valutazzjoni tar-Riskju għad-Ditta inerenti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw il-motivaturi ewlenin u jevalwaw is-sinifikat tal-impatt prudenzjali ta' dan ir-riskju tad-ditta tal-investiment. Għalhekk, il-valutazzjoni tar-Riskju għad-Ditta inerenti għandha tkun strutturata madwar il-passi ewlenin li ġejjin:

    a. il-valutazzjoni preliminari;

    b. il-valutazzjoni tan-natura u tal-iskala tal-attivitajiet ta' investiment li jġarrbu riskju għad-ditta tal-investiment;

    c. il-valutazzjoni tas-sistemi u tal-proċessi rigward dawn l-attivitajiet.

216. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ir-Riskju għad-Ditta kemm f'termini attwali kif ukoll f'termini prospettivi.

217. Meta jkun rilevanti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu wkoll valutazzjoni aktar granulari, potenzjalment fil-livell ta' klijenti uniċi.

Valutazzjoni preliminari

218. Sabiex jiddeterminaw il-kamp ta' applikazzjoni tal-valutazzjoni tar-Riskju għad-Ditta, l-awtoritajiet kompetenti għandhom l-ewwel jidentifikaw is-sorsi tar-Riskju għad-Ditta li d-ditta tal-investiment hi jew tista' tkun esposta għalihom.

219. Bħala minimu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw dawn li ġejjin:

    a. il-mudell tan-negozju u l-aptit għar-riskju;

b. il-piż tal-ammont tal-fattur-K għar-Riskju għad-ditta meta mqabbel mal-ammont totali tal-fattur-K;

c. previżjonijiet tal-ammont tal-fattur-K għar-Riskju għad-Ditta, jekk disponibbli;

d. il-kost tat-telf operazzjonali għad-ditta kontra d-dħul.

220. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu l-analiżi preliminari b'kunsiderazzjoni tal-bidla f'dawn ta' hawn fuq matul iż-żmien biex jiffurmaw opinjoni infurmata tal-motivaturi ewlenin tar-Riskju għad-Ditta tad-ditta tal-investiment.

Fluss tan-negozjar ta' kuljum

221. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar il-grad ta' riskju operazzjonali relatat man-negozjar akkont proprju. Dan ir-riskju jista' jinħoloq minn żbalji tas-sistema jew tal-bniedem minħabba l-kumplessità tal-proċessi, tal-proċeduri, u tas-sistemi tal-IT (inkluż l-użu ta' teknoloġiji ġodda), sal-punt li jistgħu jwasslu għal żbalji, dewmien, speċifikazzjoni ħażina jew ksur ta' sigurtà.

222. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffokaw fuq dawn is-sorsi ta' riskju inerenti, meta rilevanti:

a. il-volum, l-iskopertura, in-numru u l-kumplessità tat-tranżazzjonijiet implimentati;

b. in-nuqqas ta' disponibbiltà jew telf ta' integrità tas-sistemi tal-IT;

c. it-tipi ta' infrastrutturi tas-suq finanzjarju (FMIs) użati għall-ipproċessar tat-tranżazzjonijiet: vuċi, pjattaformi elettroniċi (MTF, OTF);

d. negozjar algoritmiku.

Riskju tal-konċentrazzjoni

223. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar il-grad ta' riskju tal-konċentrazzjoni li d-ditta tal-investiment hija esposta għalih. B'mod speċifiku, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ir-riskju li d-ditta tal-investiment se ġġarrab telf sinifikanti li joħroġ minn konċentrazzjoni ta' skoperturi għal grupp żgħir ta' kontropartijiet jew għal assi finanzjarji korrelatati ħafna.

224. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu din il-valutazzjoni b'kunsiderazzjoni tal-kategoriji differenti ta' riskju ta' konċentrazzjoni, inklużi:

a. konċentrazzjonijiet b'isem wieħed (inkluż klijent jew grupp ta' klijenti konnessi kif iddefiniti għal skoperturi kbar);

b. konċentrazzjonijiet settorjali;

c. konċentrazzjonijiet ġeografiċi;

d. konċentrazzjoni tal-prodott; u

e. konċentrazzjoni ta' kollaterali u garanziji.

225. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għas-sorsi moħbija ta' riskju ta' konċentrazzjoni li jistgħu jimmaterjalizzaw taħt kundizzjonijiet ta' stress, meta l-livell tal-korrelazzjoni jista' jiżdied meta mqabbel mal-kundizzjonijiet normali u meta jistgħu jinqalgħu skoperturi addizzjonali minn entrati li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ.

226. Għall-gruppi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw ir-riskju ta' konċentrazzjoni li jista' jirriżulta minn konsolidazzjoni, li jista' ma jkunx evidenti fuq livell individwali.

Riskju ta' inadempjenza tal-kontroparti tan-negozjar

227. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ir-riskju ta' inadempjenza tal-kontroparti tan-negozjar li jiffaċċjaw id-ditti tal-investiment li jirriżultaw minn skoperturi għal tranżazzjonijiet fi strumenti finanzjarji.

228. Għal din il-valutazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffukaw fuq is-sorsi ta' riskju inerenti li ġejjin, meta rilevanti:

a. il-kwalità tal-kontropartijiet u l-aġġustamenti tal-valwazzjoni tal-kreditu (CVAs) rilevanti;

b. il-kumplessità tal-istrumenti finanzjarji sottostanti t-tranżazzjonijiet rilevanti;

c. ir-riskju ta' korrelazzjoni ħażina li jirriżulta mill-korrelazzjoni pożittiva bejn ir-riskju ta' kreditu tal-kontroparti u l-iskopertura għar-riskju ta' kreditu;

d. l-iskopertura għar-riskji ta' kreditu tal-kontroparti u tas-saldu kemm f'termini tal-valuri attwali tas-suq kif ukoll tal-ammont nominali, meta mqabbla mal-iskopertura ġenerali ta' kreditu u mal-fondi proprji;

e. il-proporzjon ta' tranżazzjonijiet ipproċessati permezz ta' infrastrutturi tas-suq finanzjarji (FMIs) li jipprovdu saldu ta' kunsenja kontra ħlas;

f. il-proporzjon ta' tranżazzjonijiet rilevanti lill-kontropartijiet ċentrali (CCPs) u l-effettività tal-mekkaniżmi ta' protezzjoni tat-telf tagħhom bħal-livelli tal-marġini u l-kontribuzzjoni tal-fond tal-inadempjenza; u

g. l-eżistenza, is-sinifikat, l-effettività u l-infurzabbiltà ta' ftehimiet ta' netting (netting b'saldu antiċipat).

Bidliet materjali fil-valur kontabilistiku tal-assi

229. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar ir-riskji mġarrba mid-ditta tal-investiment minħabba bidliet materjali fil-valur kontabilistiku tal-assi. Dan ir-riskju jista' jwassal għal telf jekk il-valur li l-assi jiġu rreġistrati għalih ma jirriflettix kif xieraq il-valur reali tas-suq tagħhom.

230. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffukaw fuq assi li l-valur tagħhom ikun ġie stmat permezz ta' mudelli u indikaturi minflok inputs direttament dedotti mis-suq.

Riskju ta' kreditu (nuqqas ta' klijenti jew kontropartijiet)

231. Ir-riskju ta' kreditu jista' jinħoloq mill-għoti ta' self biex klijent ikun jista' jwettaq tranżazzjoni, self dirett lill-persunal, riskju ta' kreditu intraġurnata minħabba overdraft, garanzija u skoperturi ta' kreditu kontinġenti, iżomm sal-maturità jew pożizzjonijiet ta' bonds illikwidi, self ta' marġni lill-klijenti, tariffi u kummissjonijiet dovuti/mhux imħallsa, skoperturi ta' kreditu diretti għall-fondi amministrati tagħhom permezz ta' self, investimenti tal-bidu u garanziji.

232. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffukaw fuq dawn is-sorsi ta' riskju inerenti jekk id-*data* rilevanti tkun disponibbli:

   a. in-natura tar-riskju ta' kreditu fid-ditta tal-investiment filwaqt li jitqiesu t-tipi ta' kontropartijiet u skoperturi;

   b. impenji li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ, b'mod partikolari garanziji mogħtija jew riċevuti;

   c. riskju ta' indeboliment.

233. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar il-grad ta' riskju ta' indeboliment jew deprezzament tal-assi barra mill-portafoll tan-negozjar li ma jkunx kopert minn fatturi-K bħall-K-TCD. Dan ir-riskju jista' jinħoloq minn rivalwazzjonijiet meta, pereżempju, il-probabbiltà ta' inadempjenza ta' kontroparti tiżdied b'mod sinifikanti jew il-valur ta' sussidjarja jkun naqas mill-akkwiżizzjoni.

234. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffokaw fuq dawn is-sorsi ta' riskju inerenti meta rilevanti:

   a. il-bidliet fl-affidabbiltà kreditizja tal-kontropartijiet;

   b. Il-kumplessità tat-tranżazzjonijiet u l-ingranaġġ għoli (b'mod partikolari l-LBOs);

   c. l-avvenimenti eċċezzjonali li jwasslu għal rivalwazzjoni.

Pożizzjonijiet fi strumenti finanzjarji, muniti barranin u komoditajiet

235. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar ir-riskji mġarrba mid-ditta tal-investiment minħabba l-iskopertura għal strumenti finanzjarji, muniti barranin u komoditajiet. Dawn is-sorsi ta' riskju jistgħu jwasslu għal telf f'każ ta' movimenti avversi fis-suq finanzjarju, fis-suq tal-muniti barranin u fis-swieq tal-komoditajiet.

236. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffokaw fuq in-natura tal-istrumenti finanzjarji miżmuma mid-ditta tal-investiment, fuq l-iskopertura ġenerali tad-ditta tal-investiment għas-suq tal-muniti barranin (b'kunsiderazzjoni wkoll, pereżempju, tal-korrelazzjoni tal-muniti li d-ditta tal-investiment għandha skopertura fiha) u dwar l-iskopertura għal komoditajiet speċifiċi.

Riskji relatati mal-benefiċċji għall-impjegati u mar-riskju tal-pensjoni

237. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar ir-riskji mġarrba mill-iskema ta' remunerazzjoni u pensjoni tad-ditta tal-investiment. Dan ir-riskju jista' jwassal għal telf jekk il-ħlasijiet ikunu eċċessivi meta mqabbla mad-dħul tad-ditta, inkluż il-periklu tal-profittabbiltà u s-solvenza tad-ditta.

238. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffukaw fuq ir-riskju li jirriżulta minn diskrepanza strutturali bejn l-assi u l-obbligazzjonijiet relatati mal-benefiċċji għall-impjegati, meta rilevanti.

6.5.3 Valutazzjoni tal-ġestjoni u l-kontrolli tar-Riskju għad-Ditta

239. Sabiex jintlaħaq fehim komprensiv tal-profil tar-Riskju għad-Ditta tad-ditta tal-investiment, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrevedu l-qafas tal-ġestjoni tal-governanza u tar-riskju li jnaqqas ir-riskju li jinħoloq mill-fluss tan-negozjar, mill-konċentrazzjoni u mill-inadempjenza tal-kontroparti. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw l-elementi li ġejjin filwaqt li jqisu l-volum, in-natura u l-kumplessità tal-attivitajiet tad-ditta tal-investiment:

a. li d-ditta tal-investiment għandha strateġija tar-riskju soda, ifformulata u dokumentata b'mod ċar rigward il-fluss tan-negozjar, il-konċentrazzjoni u l-inadempjenza tal-kontroparti, approvata mill-korp maniġerjali tagħha;

b. li l-istrateġija tar-riskju tad-ditta tal-investiment tirrifletti b'mod xieraq l-aptit għal dawn ir-riskji tad-ditta tal-investiment u hija konsistenti mal-aptit għar-riskju ġenerali;

c. li d-ditta tal-investiment għandha qafas organizzazzjonali xieraq għall-ġestjoni, il-kejl, il-monitoraġġ u l-kontroll tar-riskji ta' konċentrazzjoni u ta' inadempjenza tal-kontroparti, b'riżorsi umani u tekniċi suffiċjenti (kemm kwalitattivi kif ukoll kwantitattivi);

d. li d-ditta tal-investiment għandha politiki u proċeduri definiti b'mod ċar għall-identifikazzjoni, il-ġestjoni, il-kejl u l-kontroll tar-Riskju għad-Ditta, inklużi limiti li jirriflettu l-aptit għar-riskju stabbilit mill-Bord;

e. li d-ditta tal-investiment għandha qafas xieraq għall-identifikazzjoni, fehim u kejl tar-Riskju għad-Ditta, skont id-daqs u l-kumplessità tad-ditta tal-investiment, li dan il-qafas huwa konformi mar-rekwiżiti minimi rilevanti f'konformità mal-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni rilevanti tal-UE u nazzjonali; u

f. li d-ditta tal-investiment għandha qafas ta' kontroll b'saħħtu u komprensiv u salvagwardji sodi biex timmitiga r-Riskju għad-Ditta b'mod konformi mal-istrateġija ta' ġestjoni tar-riskju u l-aptit għar-riskju tagħha.

6.5.4 Sommarju tas-sejbiet u għoti ta' punteġġ

240. Wara l-valutazzjoni ta' hawn fuq, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar ir-Riskju għal Ditta tad-ditta tal-investiment. Din l-opinjoni għandha tkun riflessa fis-sommarju tas-sejbiet, akkumpanjata minn punteġġ tar-riskju ibbażat fuq il-kunsiderazzjonijiet speċifikati fit-Tabella 7. Jekk, abbażi tal-materjalità ta' ċerti fatturi tar-riskju, l-awtoritajiet kompetenti jiddeċiedu li jivvalutawhom u jagħtuhom punteġġ individwalment, il-gwida pprovduta f'din it-tabella għandha tiġi applikata, sa fejn ikun possibbli, permezz ta' analoġija.

241. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw dawn il-fatturi kollha b'mod parallel u mhux iżolat u jifhmu l-motivaturi wara r-Riskju għad-Ditta.

Tabella 7. Kunsiderazzjonijiet superviżorji għall-assenjament ta' punteġġ tar-Riskju għad-Ditta

Punteġġ tar-riskju	Perspettiva superviżorja	Kunsiderazzjonijiet fir-rigward tar-riskju inerenti	Kunsiderazzjonijiet fir-rigward ta' ġestjoni u kontrolli xierqa
1	Hemm riskju baxx ta' impatt prudenzjali sinifikanti fuq id-ditta tal-investiment meta jitqies il-livell tar-riskju inerenti u l-ġestjoni u l-kontrolli.	• In-natura tal-attivitajiet timplika riskju mhux materjali/riskju ta' investiment baxx ħafna. • In-natura u l-kompożizzjoni tal-iskopertura għar-riskju jimplikaw riskju mhux materjali/riskju baxx ħafna. • L-iskopertura għall-inadempjenza tal-kontroparti mhijiex materjali/baxxa ħafna. • L-iskopertura għar-riskji relatati mal-benefiċċji għall-impjegati u mar-riskju tal-pensjoni mhijiex materjali/baxxa ħafna. • Il-livell tar-riskju tal-konċentrazzjoni mhuwiex materjali/baxx ħafna. • Il-livell ta' riskju operazzjonali relatat mal-proċessi u s-sistemi mhuwiex materjali/baxx ħafna.	• Hemm konsistenza bejn il-ġestjoni u l-kontrolli tad-ditta tal-investiment u l-istrateġija u l-aptit għar-riskju ġenerali tagħha. • Il-qafas organizzazzjonali huwa robust b'responsabbiltajiet ċari u separazzjoni ċara tal-kompiti bejn dawk li jieħdu r-riskju u l-funzjonijiet tal-ġestjoni u l-kontroll. • Is-sistemi tal-kejl, tal-monitoraġġ u tar-rapportar huma xierqa.

2	Hemm riskju medju baxx ta' impatt prudenzjali sinifikanti fuq id-ditta tal-investiment meta jitqies il-livell tar-riskju inerenti u l-ġestjoni u l-kontrolli.	• In-natura tal-attivitajiet timplika riskju ta' investiment baxx sa medju. • In-natura u l-kompożizzjoni tal-iskopertura għar-riskju jimplikaw riskju baxx sa medju. • L-iskopertura għall-inadempjenza tal-kontroparti hija baxxa sa medja. • L-iskopertura għar-riskji relatati mal-benefiċċji għall-impjegati u mar-riskju tal-pensjoni hija medja sa għolja. • Il-livell tar-riskju tal-konċentrazzjoni huwa baxx sa medju. • Il-livell ta' riskju operazzjonali relatat mal-proċessi u s-sistemi huwa baxx sa medju.	
3	Hemm riskju medju-għoli ta' impatt prudenzjali sinifikanti fuq id-ditta tal-investiment meta jitqies il-livell tar-riskju inerenti u l-ġestjoni u l-kontrolli.	• In-natura tal-attivitajiet timplika riskju ta' investiment medju sa għoli. • In-natura u l-kompożizzjoni tal-iskopertura għar-riskju jimplikaw riskju medju sa għoli. • L-iskopertura għall-inadempjenza tal-kontroparti hija medja sa għolja. • Il-livell tar-riskju tal-konċentrazzjoni huwa medju sa għoli. • Il-livell ta' riskju operazzjonali relatat mal-proċessi u s-sistemi huwa medju sa għoli.	• Hemm nuqqas fil-ġestjoni u l-kontrolli tad-ditta tal-investiment meta mqabbla mal-istrateġija u l-aptit għar-riskju ġenerali tagħha. • Il-qafas organizzazzjonali huwa nieqes minn responsabbiltajiet ċari u separazzjoni ċara tal-kompiti bejn dawk li jieħdu r-riskju u l-funzjonijiet tal-ġestjoni u l-kontroll. • Is-sistemi ta' kejl, monitoraġġ u rapportar mhumiex suffiċjenti jew konsistenti biżżejjed, xi riskji mhumiex immonitorjati jew irrapportati kif xieraq.
4	Hemm riskju għoli ta' impatt prudenzjali sinifikanti fuq id-ditta tal-investiment meta jitqies il-livell tar-riskju inerenti u l-ġestjoni u l-kontrolli.	• In-natura tal-attivitajiet timplika riskju ta' investiment għoli. • In-natura u l-kompożizzjoni tal-iskopertura għar-riskju jimplikaw riskju għoli. • L-iskopertura għall-inadempjenza tal-kontroparti hija għolja. • L-iskopertura għar-riskji relatati mal-benefiċċji għall-impjegati u mar-riskju tal-pensjoni hija għolja. • Il-livell tar-riskju tal-konċentrazzjoni huwa għoli. • Il-livell ta' riskju operazzjonali relatat mal-proċessi u s-sistemi huwa għoli.	

6.6 Valutazzjoni ta' riskji oħrajn

6.6.1 Kunsiderazzjonijiet ġenerali

242. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw l-importanza ta' riskji oħrajn għall-kapital tad-ditta tal-investiment, li mhumiex koperti mir-rekwiżiti ta' fondi proprji tal-Pilastru 1, f'konformità mal-Artikolu 36 u l-Artikolu 40 tad-Direttiva (UE) 2019/2034. Meta jivvalutaw dawn ir-riskji l-oħrajn, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu n-natura u l-kumplessità tal-attivitajiet tad-ditta tal-investiment, li jkollhom impatt fuq is-sinifikat ta' dawn ir-riskji.

6.6.2 Valutazzjoni tar-riskji inerenti

243. Permezz tal-valutazzjoni tar-riskji inerenti mhux koperti mir-rekwiżiti ta' fondi proprji tal-Pilastru 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw il-motivaturi ewlenin tar-riskji tad-ditta tal-investiment u jevalwaw is-sinifikat tal-impatt ta' dawn ir-riskji għad-ditta tal-investiment. Il-valutazzjoni ta' tali riskji għandha tkun strutturata madwar il-passi ewlenin li ġejjin:

a. il-valutazzjoni preliminari;

b. il-valutazzjoni tan-natura u tal-iskala tal-attivitajiet ta' investiment li jġarrbu riskju għad-ditta tal-investiment mhux koperti mir-rekwiżiti ta' fondi proprji tal-Pilastru 1;

c. il-valutazzjoni tas-sistemi u tal-proċessi rigward dawn l-attivitajiet.

244. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ir-riskji mhux koperti mir-rekwiżiti ta' fondi proprji tal-Pilastru 1 kemm f'termini attwali kif ukoll f'termini prospettivi.

245. Meta rilevanti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu ukoll valutazzjoni ta' riskji oħrajn minbarra dawk elenkati f'dan il-kapitolu.

Valutazzjoni preliminari

246. Sabiex jiġi ddeterminat il-kamp ta' applikazzjoni tal-valutazzjoni tar-riskji mhux koperti mir-rekwiżiti ta' fondi proprji tal-Pilastru 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom l-ewwel jidentifikaw is-sorsi tar-riskji li d-ditta tal-investiment hija jew tista' tkun esposta għalihom.

247. Bħala minimu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw dawn li ġejjin:

a. il-mudell tan-negozju u l-aptit għar-riskju;

b. l-iżvilupp intern jew l-esternalizzazzjoni ta' soluzzjonijiet tal-IT;

c. funzjonijiet ta' appoġġ bħal verifika ta' konformità, legali, fiskali (anke jekk esternalizzati);

d. il-kost tal-kawżi u tal-litigazzjoni;

e. it-telf operazzjonali totali, inkluż il-kost tal-frodi interna u esterna;

f. il-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet fil-portafoll mhux tan-negozjar.

248. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu l-analiżi preliminari b'kunsiderazzjoni tal-bidla f'dawn ta' hawn fuq matul iż-żmien biex jiffurmaw opinjoni infurmata tal-motivaturi ewlenin tar-riskji l-oħrajn tad-ditta tal-investiment.

Riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax li jirriżulta minn attivitajiet fil-portafoll mhux tan-negozjar

249. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ir-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax li jirriżulta minn attivitajiet fil-portafoll mhux tan-negozjar li d-ditta tal-investiment hija esposta għalihom.

250. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw kif il-bidliet fir-rati tal-imgħax jista' jkollhom impatt negattiv fuq l-assi, l-obbligazzjonijiet u l-impenji li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ tad-ditta tal-investiment. Sabiex jiddeterminaw aħjar il-kumplessità u l-profil tar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax tad-ditta tal-investiment, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jifhmu wkoll il-karatteristiċi ewlenin tal-assi, l-obbligazzjonijiet, u l-impenji li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ tad-ditta tal-investiment.

251. Fil-valutazzjoni kwantitattiva tagħhom, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw ir-riżultati tal-metodoloġiji interni tad-ditta tal-investiment għall-kejl tar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax li jirriżulta minn attivitajiet fil-portafoll mhux tan-negozjar. Barra minn hekk, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw xenarji ta' xokk xierqa minħabba n-natura tal-iskopertura għar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax li jirriżulta minn attivitajiet fil-portafoll mhux tan-negozjar tad-ditta tal-investiment.

Riskji operazzjonali mhux koperti mill-Pilastru 1

252. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ir-riskji operazzjonali mhux koperti mir-rekwiżiti minimi ta' fondi proprji f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/2033. Dawn ir-riskji jistgħu jwasslu għal telf operazzjonali dirett u għal telf indirett li jirriżulta minn ilmenti u litigazzjoni. Riskji operazzjonali kbar jistgħu jwasslu wkoll għal nuqqas ta' persunal f'pożizzjonijiet ewlenin. Il-valutazzjoni għandha tqis mhux biss it-telf operazzjonali, iżda wkoll l-avvenimenti li ġew evitati bi ftit u ta' riskju operazzjonali li spiċċaw bi qligħ.

253. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw is-sorsi ta' riskju inerenti li ġejjin u, meta rilevanti, jiffukaw il-valutazzjoni fuq dawk l-aspetti, li huma meqjusa bħala l-aktar sinifikanti għad-ditta tal-investiment:

a. is-sikurezza fuq il-post tax-xogħol;

b. dannu għall-assi fiżiċi;

c. frodi interna;

d. frodi esterna;

e. riskji tal-ICT;

f. riskju ta' kondotta;

g. riskji regolatorji, legali u fiskali;

h. riskju tal-mudell, fir-rigward tal-mudelli użati għal skopijiet ta' negozju;

i. riżorsi umani u tekniċi insuffiċjenti (kemm kwalitattivi kif ukoll kwantitattivi) f'pożizzjonijiet ewlenin;

j. riskju reputazzjonali.

254. Bħala parti mill-valutazzjonijiet tal-SREP kollha, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar il-grad ta' riskju tal-ICT, u l-konsistenza tal-operazzjonijiet tal-ICT mal-istrateġija tan-negozju. Fil-valutazzjoni tagħhom, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinkludu l-aspetti rilevanti kollha tar-riskju tal-ICT, bħar-riskju għas-sigurtà, ir-riskju tal-proġetti tal-IT u r-riskju tal-ġestjoni tal-ICT, sal-punt li dan ma jkunx diġà kopert minn partijiet oħrajn ta' dawn il-linji gwida, u wara li jitqiesu l-Linji Gwida tal-EBA dwar l-ICT u r-riskju għas-sigurtà[19] u l-Linji Gwida tal-ESMA dwar l-esternalizzazzjoni lil forniturі tas-servizz tal-cloud[20];

255. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar il-grad ta' riskju ta' kondotta relatat mal-attivitajiet ta' investiment u tas-suq tad-ditta tal-investiment, sal-punt li ma jkunx kopert mir-rekwiżiti ta' fondi proprji tal-Pilastru 1. Ir-riskju ta' kondotta għandu jinftiehem bħala r-riskju attwali jew prospettiv imġarrab mill-klijenti, mis-swieq jew mid-ditta nnifisha minħabba mġiba mhux xierqa tad-ditta jew tal-persunal tagħha. Dan ir-riskju jista' jinħoloq minn mġiba ħażina volontarja jew negligenti (inkluż forniment mhux xieraq ta' servizzi finanzjarji), sal-punt li dawn jistgħu jwasslu għal impatti finanzjarji jew reputazzjonali negattivi. Dan ir-riskju reputazzjonali jista' min-naħa tiegħu jikkawża telf fl-ishma tas-suq jew fil-klijenti ewlenin, u żieda fl-ilmenti tal-klijenti.

256. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffukaw fuq is-sorsi li ġejjin ta' riskju ta' kondotta inerenti meta rilevanti:

a. l-għeluq jew is-sospensjoni ta' fond;

b. in-numru ta' inċidenti ta' mġiba ħażina: bejgħ inadatt, manipulazzjoni tas-suq;

c. il-penali regolatorji mġarrba.

257. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar ir-riskji regolatorji, legali u fiskali li jirriżultaw min-nuqqas ta' konformità mal-liġijiet jew mar-regolamenti. Dawn ir-riskji jistgħu jwasslu għal litigazzjoni u penali għad-ditta tal-investiment. Il-programmi ta' rimedju jistgħu jġarrbu wkoll spejjeż kbar għall-konformità mal-liġi u mar-regolamenti.

[19] Il-Linji Gwida tal-EBA dwar l-ICT u l-ġestjoni tar-riskju għas-sigurtà (EBA/GL/2019/04).

[20] Il-linji gwida tal-ESMA dwar l-esternalizzazzjoni lil forniturі tas-servizz tal-cloud (ESMA50-164-4285).

258. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffokaw fuq dawn is-sorsi ta' riskji regolatorji, legali u fiskali inerenti meta rilevanti:

a. kostijiet għall-kisba tal-konformità mar-regolamenti applikabbli;

b. il-ħlas ta' multi jew sanzjonijiet oħrajn għan-nuqqas ta' konformità;

c. ir-rivalutazzjoni tat-taxxa jew il-ħlas ta' tariffi, multi u penali tard;

d. l-antiċipazzjoni tal-bidliet regolatorji rilevanti għad-ditta tal-investiment.

259. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ir-riskju relatat ma' mudelli użati għal skopijiet ta' negozju, inklużi mudelli ta' valwazzjoni/pprezzar, mudelli għal negozjar algoritmiku u mudelli oħrajn li jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq id-deċiżjonijiet u l-attivitajiet kummerċjali tad-ditta tal-investiment.

260. Wara li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tad-ditta tal-investiment, filwaqt li jwettqu l-valutazzjoni tar-riskji mhux koperti mir-rekwiżiti ta' fondi proprji tal-Pilastru 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkunsidraw sorsi oħrajn ta' riskji mhux inklużi fil-kategoriji msemmija hawn fuq.

Riskju sistemiku

261. Abbażi ta' kriterji kwantitattivi u kwalitattivi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar ir-riskju sistemiku tad-ditta tal-investiment. Abbażi ta' din il-valutazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw jekk il-falliment tad-ditta tal-investiment jistax jirriżulta fi tfixkil kbir tas-swieq finanzjarji li d-ditta tal-investiment topera fihom.

262. Meta xieraq, il-valutazzjoni tar-riskju sistemiku tista' titwettaq b'mod aggregat għal grupp ta' ditti tal-investiment b'mudell tan-negozju u profil tar-riskju simili. Meta jwettqu tali valutazzjoni aggregata, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw l-impatti potenzjali ta' falliment simultanju ta' numru/sehem speċifikat ta' dawn id-ditti tal-investiment fis-swieq finanzjarji li huma joperaw fihom. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkunsidraw xenarju wieħed jew aktar.

6.6.3 Valutazzjoni tal-ġestjoni u l-kontrolli tar-riskji

263. Sabiex jinkiseb fehim komprensiv tal-profil tar-riskju tad-ditta tal-investiment fir-rigward tar-riskji mhux koperti mir-rekwiżiti ta' fondi proprji tal-Pilastru 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrevedu l-qafas tal-ġestjoni tal-governanza u tar-riskju li jnaqqsu r-riskju li jirriżulta minn sorsi oħrajn ta' riskji. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw l-elementi li ġejjin filwaqt li jqisu l-volum, in-natura u l-kumplessità tal-attivitajiet tad-ditta tal-investiment:

a. li l-istrateġija tad-ditta tal-investiment tirrifletti b'mod xieraq l-aptit għal dawn ir-riskji tad-ditta tal-investiment u hija konsistenti mal-aptit għar-riskju ġenerali;

b. li d-ditta tal-investiment għandha linji gwida u politiki interni biex tiżgura kultura tar-riskju soda;

c. li d-ditta tal-investiment għandha qafas xieraq għall-ġestjoni, il-kejl, il-monitoraġġ u l-kontroll tar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax li jirriżulta minn attivitajiet fil-portafoll mhux tan-negozjar;

d. li d-ditta tal-investiment għandha qafas xieraq għall-ġestjoni, il-kejl, il-monitoraġġ u l-kontroll tar-riskji tal-IT, b'riżorsi umani u tekniċi suffiċjenti (kemm kwalitattivi kif ukoll kwantitattivi);

e. li d-ditta tal-investiment għandha politiki u proċeduri definiti b'mod ċar għall-kontroll tar-riskju operazzjonali.

6.6.4 Sommarju tas-sejbiet u għoti ta' punteġġ

264. Wara l-valutazzjoni ta' hawn fuq, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar ir-riskji l-oħrajn tad-ditta tal-investiment. Din l-opinjoni għandha tkun riflessa fis-sommarju tas-sejbiet, akkumpanjata minn punteġġ tar-riskju ibbażat fuq il-kunsiderazzjonijiet speċifikati fit-Tabella 8. Jekk, abbażi tal-materjalità ta' ċerti fatturi tar-riskju, l-awtoritajiet kompetenti jiddeċiedu li jivvalutawhom u jagħtuhom punteġġ individwalment, il-gwida pprovduta f'din it-tabella għandha tiġi applikata, sa fejn ikun possibbli, permezz ta' analoġija.

265. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw dawn il-fatturi kollha b'mod parallel u mhux iżolat u jifhmu l-motivaturi wara r-riskji mhux koperti mir-rekwiżiti ta' fondi proprji tal-Pilastru 1.

Tabella 8. Kunsiderazzjonijiet superviżorji għall-assenjament ta' punteġġ għal riskji oħrajn

Punteġġ tar-riskju	Perspettiva superviżorja	Kunsiderazzjonijiet fir-rigward tar-riskju inerenti	Kunsiderazzjonijiet fir-rigward ta' ġestjoni u kontrolli xierqa
1	Hemm riskju baxx ta' impatt prudenzjali sinifikanti fuq id-ditta tal-investiment meta jitqies il-livell tar-riskju inerenti u l-ġestjoni u l-kontrolli.	• In-natura tal-attivitajiet timplika riskju mhux materjali/riskju ta' kondotta baxx ħafna. • L-iskopertura għar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax li jirriżulta minn attivitajiet fil-portafoll mhux tan-negozjar mhijiex materjali/baxxa ħafna. • Il-livell ta' riskji operazzjonali oħrajn mhux koperti mill-Pilastru 1, inkluż b'mod partikolari r-riskju tal-ICT kif ukoll ir-riskji regolatorji, legali u	• Hemm konsistenza bejn il-ġestjoni u l-kontrolli tad-ditta tal-investiment u l-istrateġija u l-aptit għar-riskju ġenerali tagħha. • Il-qafas organizzazzjonali huwa robust b'allokazzjoni ċara tar-responsabbiltajiet u b'funzjonijiet ta' ġestjoni u ta' kontroll dedikati.

		fiskali, mhuwiex materjali/baxx ħafna.	• Is-sistemi tal-kejl, tal-monitoraġġ u tar-rapportar huma xierqa.
2	Hemm riskju medju-baxx ta' impatt prudenzjali sinifikanti fuq id-ditta tal-investiment meta jitqies il-livell tar-riskju inerenti u l-ġestjoni u l-kontrolli.	• In-natura tal-attivitajiet timplika riskju ta' kondotta baxx sa medju. • L-iskopertura għar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax li jirriżulta minn attivitajiet fil-portafoll mhux tan-negozjar hija baxxa sa medja. • Il-livell ta' riskji operazzjonali oħrajn mhux koperti mill-Pilastru 1 huwa baxx sa medju.	
3	Hemm riskju medju-għoli ta' impatt prudenzjali sinifikanti fuq id-ditta tal-investiment meta jitqies il-livell tar-riskju inerenti u l-ġestjoni u l-kontrolli.	• In-natura tal-attivitajiet timplika riskju ta' kondotta medju sa għoli. • L-iskopertura għar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax li jirriżulta minn attivitajiet fil-portafoll mhux tan-negozjar hija medja sa għolja. • Il-livell ta' riskji operazzjonali oħrajn mhux koperti mill-Pilastru 1 huwa medju sa għoli.	• Hemm nuqqasijiet fil-ġestjoni u fil-kontrolli tad-ditta tal-investiment meta mqabbla mal-istrateġija ġenerali u l-aptit għar-riskju, jekk rilevanti. • Il-qafas organizzazzjonali ma għandux allokazzjoni ċara tar-responsabbiltajiet jew funzjonijiet ta' ġestjoni u ta' kontroll dedikati. • Is-sistemi ta' kejl, monitoraġġ u rapportar mhumiex suffiċjenti jew konsistenti biżżejjed, xi riskji mhumiex immonitorjati jew irrapportati kif xieraq.
4	Hemm riskju għoli ta' impatt prudenzjali sinifikanti fuq id-ditta tal-investiment meta jitqies il-livell tar-riskju inerenti u l-ġestjoni u l-kontrolli.	• In-natura tal-attivitajiet timplika riskju ta' kondotta għoli. • L-iskopertura għar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax li jirriżulta minn attivitajiet fil-portafoll mhux tan-negozjar hija għolja. • Il-livell ta' riskji operazzjonali oħrajn mhux koperti mill-Pilastru 1 huwa għoli.	

Titolu 7 Valutazzjoni kapitali tal-SREP

7.1 Kunsiderazzjonijiet ġenerali

266. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw permezz tal-valutazzjoni kapitali tal-SREP jekk il-fondi proprji miżmuma mid-ditta tal-investiment jipprovdux kopertura soda tar-riskji għall-kapital li joħorġu minn negozji regolati u mhux regolati li d-ditta tal-investiment tkun jew tista' tkun esposta għalihom, jekk toħloq għal oħrajn, jekk tali riskji huma vvalutati bħala materjali għad-ditta tal-investiment.

267. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu dan billi jiddeterminaw u jistabbilixxu l-ammont ta' fondi proprji addizzjonali li d-ditta tal-investiment hija meħtieġa żżomm biex tkopri r-riskji u l-elementi tar-riskji li d-ditta tal-investiment tkun esposta għalihom jew toħloq għal oħrajn, li mhumiex koperti jew li mhumiex koperti biżżejjed mill-Partijiet Tlieta u Erbgħa tar-Regolament (UE) 2019/2033. Meta meħtieġ, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali biex jiġu indirizzati nuqqasijiet fil-mekkaniżmi ta' governanza u kontroll, f'mudelli interni użati għal skopijiet regolatorji kif ukoll fil-valwazzjoni prudenti tal-portafoll tan-negozjar tad-ditta tal-investiment, jew biex jiġi indirizzat il-falliment ripetut tad-ditti tal-investiment li jżommu livell adegwat ta' gwida dwar il-fondi proprji addizzjonali. Ir-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali għandu jiġi ssodisfat mid-ditta tal-investiment f'kull ħin.

268. Sabiex jindirizzaw l-inadegwatezzi potenzjali tal-kapital, inkluż f'kundizzjonijiet negattivi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu miżuri superviżorji xierqa, inkluż, meta rilevanti, billi jistabbilixxu u jikkomunikaw gwida dwar il-fondi proprji addizzjonali P2G), li hija l-ammont tal-kapital li d-ditta tal-investiment hija mistennija li żżomm biex tiżgura li ċ-ċaqliq ekonomiku ċikliku ma jwassalx għal ksur tal-fondi proprji u tar-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali jew ma jheddidx il-kapaċità tad-ditta tal-investiment għall-stralċ u għat-twaqqif tal-attivitajiet b'mod ordnat.

269. Meta jistabbilixxu r-rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali u, meta rilevanti, P2G, l-awtoritajiet kompetenti għandhom:

a. iqisu kwalunkwe miżura superviżorja li l-awtorità kompetenti tkun applikat jew li tkun qed tippjana li tapplika għal ditta tal-investiment f'konformità mat-Titolu 10 u b'kont meħud tal-paragrafi 291 sa 293;

b. jissostanzjaw b'mod ċar id-deċiżjoni li jiġu imposti rekwiżiti u gwida ta' fondi proprji addizzjonali;

c. japplikaw rekwiżit u gwida ta' fondi proprji addizzjonali b'mod konsistenti biex tiġi żgurata konsistenza wiesgħa tal-eżiti prudenzjali fost id-ditti tal-investiment.

270. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw l-adegwatezza tal-fondi proprji tad-ditta tal-investiment u l-impatt taċ-ċaqliq ekonomiku ċikliku fuqhom bħala element determinanti ewlieni tal-vijabbiltà tad-ditta tal-investiment. Din id-determinazzjoni

għandha titqassar u tiġi riflessa f'punteġġ ibbażat fuq il-kriterji speċifikati fit-tmiem ta' dan it-titolu.

271. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw u jistabbilixxu r-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali u, meta rilevanti, il-P2G f'konformità mal-mudell ta' inkarigu minimu speċifikat fit-Titolu 2. B'mod partikolari, il-frekwenza minima li biha tali rekwiżit addizzjonali u, meta rilevanti, il-P2G jiġu ddeterminati u stabbiliti għandha ssegwi l-frekwenza tal-valutazzjoni tal-adegwatezza tal-kapital skont il-mudell ta' inkarigu minimu tal-SREP.

272. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeterminaw kwalunkwe rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali għal ditti tal-investiment żgħar u mhux interkonnessi, li jikkonformaw mal-kriterji tal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2019/2033, meta dawn jitqiesu ġustifikati u fuq bażi ta' każ b'każ. Tali ditti tal-investiment żgħar u mhux interkonnessi mhuma soġġetti għall-ebda P2G, skont l-Artikolu 41 tad-Direttiva (UE) 2019/2034.

7.2 Determinazzjoni tar-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali

273. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali għar-riskji materjali u l-elementi tar-riskji li joħorġu mill-attivitajiet tad-ditta tal-investiment, filwaqt li jqisu s-sitwazzjonijiet kollha elenkati fl-Artikolu 40(1) tad-Direttiva (UE) 2019/2034, inklużi:

   a. ir-riskji jew l-elementi tar-riskji li d-ditta tal-investiment tkun esposta għalihom jew toħloq għal oħrajn mhumiex koperti jew mhumiex koperti biżżejjed minn ammonti, tipi u distribuzzjoni adegwati tal-kapital f'konformità mal-Parti Tlieta jew Erbgħa tar-Regolament (UE) 2019/2033;

   b. nuqqasijiet fl-arranġamenti, fil-proċessi, fil-mekkaniżmi u fl-istrateġiji tad-ditti tal-investiment, jekk tali nuqqasijiet ma jkunux jistgħu jiġu solvuti f'perjodu ta' żmien xieraq;

   c. nuqqasijiet fl-aġġustamenti tad-ditta tal-investiment fir-rigward tal-valwazzjoni prudenti tal-portafoll tan-negozjar li jippermettulha tbigħ jew tiħħeġġja l-pożizzjonijiet tagħha f'perjodu qasir mingħajr ma ġġarrab telf materjali f'kundizzjonijiet normali tas-suq;

   d. in-nuqqas ta' konformità tad-ditta tal-investiment mar-rekwiżit għall-applikazzjoni tal-mudelli interni permessi li jwasslu għal livelli inadegwati ta' kapital; u

   e. il-falliment ripetut tad-ditta tal-investiment li tistabbilixxi jew iżżomm livell adegwat ta' fondi proprji addizzjonali, kif stabbilit fl-Artikolu 41 tad-Direttiva (UE) 2019/2034.

274. L-ammont totali tar-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali għandu jkun is-somma ta' kwalunkwe rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali ddeterminat mill-awtoritajiet kompetenti li jkopri s-sitwazzjonijiet kollha elenkati fil-paragrafu preċedenti.

7.2.1 Determinazzjoni tal-fondi proprji addizzjonali biex jiġu koperti r-riskji jew l-elementi ta' riskji mhux koperti jew mhux koperti biżżejjed mill-Parti Tlieta jew Erbgħa tar-Regolament (UE) 2019/2033

275. L-awtoritajiet kompetenti huma meħtieġa jistabbilixxu l-livell ta' rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali biex ikopru r-riskji jew l-elementi ta' riskji li mhumiex koperti jew li mhumiex koperti biżżejjed mill-Parti Tlieta u Erbgħa tar-Regolament (UE) 2019/2033 speċifikati aktar mir-regolament delegat adottat f'konformità mal-Artikolu 40(6) tad-Direttiva (UE) 2019/2034 u wara l-valutazzjoni tar-riskju mwettqa skont it-Titolu 6.

276. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jibbażaw fuq is-sorsi ta' informazzjoni li ġejjin għall-identifikazzjoni, il-valutazzjoni, u l-kwantifikazzjoni ta' tali riskji jew elementi ta' riskji:

a. għal ditti tal-investiment li ma jissodisfawx il-kriterji biex jikkwalifikaw bħala ditta tal-investiment żgħira jew mhux interkonnessa stabbiliti fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033, gruppi ta' ditti tal-investiment, u għal ditti tal-investiment li jissodisfaw dawk il-kriterji meta l-awtorità kompetenti tqis li jkun xieraq, l-ICARAP jew l-ICARAP konsolidati fil-każ ta' gruppi ta' ditti tal-investiment, u b'mod aktar speċifiku l-komponent tal-ICAAP tagħhom, u l-eżiti tal-valutazzjoni tagħhom mill-awtorità kompetenti, inklużi l-kalkoli tal-ICAAP, meta jitqiesu affidabbli jew parzjalment affidabbli skont il-paragrafi 279 sa 282;

b. għad-ditti tal-investiment soġġetti għad-Direttiva 2014/59/UE, il-pjan ta' rkupru u l-eżiti tal-valutazzjoni tiegħu mill-awtorità kompetenti, filwaqt li jitqiesu r-rekwiżiti għall-pjanijiet ta' rkupru applikabbli għad-ditta tal-investiment taħt reviżjoni;

c. rapportar superviżorju;

d. l-eżiti tal-valutazzjoni superviżorja u kwalunkwe kalkolu tal-punti ta' riferiment;

e. l-eżiti ta' kwalunkwe attività superviżorja preċedenti rilevanti; u

f. kwalunkwe input rilevanti ieħor, inklużi dawk li jirriżultaw minn interazzjonijiet u djalogi mad-ditta tal-investiment, studji dwar is-suq pubbliku jew fehmiet settorjali u tal-portafoll.

277. Kif imsemmi fil-paragrafu 276, il-punt (a), l-ICAAP u l-eżiti tal-valutazzjoni tiegħu għandhom jitqiesu mill-awtoritajiet kompetenti bħala wieħed mill-inputs ewlenin għall-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tar-riskji u l-elementi tar-riskji, li joħorġu kemm minn negozji mhux regolati kif ukoll minn negozji regolati, li d-ditta tal-investiment hija esposta għalihom jew toħloq għall-klijenti u s-swieq. Il-kwantifikazzjoni tal-ammont ta' kapital meqjus bħala adegwat u eventwalment rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali għandha tqis, fost inputs oħrajn, il-kalkoli tal-ICAAP jekk jitqiesu affidabbli jew parzjalment affidabbli.

278. Kif imsemmi fil-paragrafu 276, il-punt (b), meta jkun xieraq, il-pjan ta' rkupru u l-valutazzjoni tiegħu għandhom jitqiesu mill-awtoritajiet kompetenti biex jappoġġaw id-determinazzjoni tal-kapital meqjus adegwat għal stralċ ordnat, kif speċifikat aktar permezz tar-regolament delegat adottat f'konformità mal-Artikolu 40(6) tad-Direttiva (UE) 2019/2034. B'mod aktar speċifiku, l-awtorità kompetenti għandha tuża l-inputs tal-

pjan ta' rkupru biex tidentifika linji operatorji ewlenin u funzjonijiet kritiċi, azzjonijiet ta' rkupru, arranġamenti ta' governanza, passi operazzjonali, u xenarji. Dawn jistgħu jingranaw ix-xenarji użati fil-pjan ta' rkupru billi jżidu l-livell ta' severità tagħhom biex jiksbu xenarju ta' stralċ.

Kalkoli tal-ICAAP

279. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-ICAAP huwiex qed ikopri kemm:

a. ir-riskji jew l-elementi tar-riskji li d-ditta tal-investiment jew il-grupp ta' ditti tal-investiment ikunu esposti għalihom jew joħolqu għal oħrajn li joħorġu min-negozji u l-operazzjonijiet tagħha jew regolati jew mhux regolati; kif ukoll

b. il-passi u r-riżorsi meħtieġa iżda wkoll ir-riskji jew l-elementi ta' riskji li jistgħu jirriżultaw minn proċess ta' stralċ ordnat.

280. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw l-affidabbiltà tal-kalkoli tal-ICAAP relatati mal-paragrafu 279, il-punti (a) u (b), billi jivvalutaw jekk humiex:

a. konsistenti biżżejjed: ir-riskji kkwantifikati għandhom ikunu proporzjonati mal-mudell tan-negozju, mal-kompożizzjoni tal-portafoll u mal-istrateġija tan-negozjar tad-ditta tal-investiment;

b. granulari biżżejjed: metodoloġiji tal-ICAAP għandhom jippermettu li l-kalkoli jitqassmu tal-inqas skont il-kategorija tar-riskju[21], meta possibbli jitqassmu riskju b'riskju, pjuttost milli jippreżentaw kalkolu waħdieni (kapital ekonomiku) li jkopri r-riskji kollha;

c. kredibbli biżżejjed: il-kalkoli/il-metodoloġiji użati għandhom ikopru b'mod ċar ir-riskji li qegħdin ifittxu li jindirizzaw għandhom ikunu bbażati fuq l-għarfien u l-esperjenza tad-ditta tal-investiment, jew, meta applikabbli, fuq mudelli xierqa u suppożizzjonijiet prudenti;

d. mifhuma biżżejjed: il-motivaturi sottostanti tal-kalkoli/metodoloġiji għandhom ikunu speċifikati b'mod ċar. Kalkolu ta' "kaxxa sewda" ma għandux ikun aċċettabbli; u

e. komparabbli biżżejjed: l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu l-metodoloġiji tal-kejl tar-riskju tal-ICAAP, billi jaġġustaw, jew jeħtieġu lid-ditta tal-investiment taġġustahom biex tiffaċilita l-komparabbiltà mal-pari u l-istimi tal-punti ta' riferiment superviżorji.

281. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw aktar l-affidabbiltà tal-kalkoli tal-ICAAP billi jqabbluhom mal-eżitu tal-punti ta' riferiment superviżorji għall-istess riskji jew, jekk komparabbli biżżejjed, l-istess kategoriji ta' riskju, u inputs rilevanti oħrajn.

[21] Il-kategoriji tar-riskju jkopru r-riskji assoċjati ma' stralċ ordnat, riskju għall-klijenti, riskju għas-swieq, riskju għad-ditti u riskji oħrajn speċifikati aktar permezz tar-regolament delegat adottat f'konformità mal-Artikolu 40(6) tad-Direttiva (UE) 2019/2034.

282. Kalkolu ta' ICAAP għandu jiġi kkunsidrat parzjalment affidabbli meta, minkejja li ma jilħaqx il-kriterji kollha msemmija hawn fuq, il-kalkolu xorta jidher kredibbli ħafna, għalkemm dan għandu jkun fuq bażi eċċezzjonali u akkumpanjat minn passi biex jittejbu l-insuffiċjenzi identifikati fil-kalkolu tal-ICAAP.

Punti ta' riferiment superviżorji

283. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżviluppaw u japplikaw punti ta' riferiment superviżorji speċifiċi għar-riskju bħala mezz biex jikkontestaw il-kalkoli tal-ICAAP għal dawk ir-riskji materjali, jew elementi ta' tali riskji, li mhumiex koperti, jew mhumiex koperti biżżejjed mill-Parti Tlieta u Erbgħa tar-Regolament (UE) 2019/2033, jew li jkomplu jappoġġaw id-determinazzjoni ta' kategorija skont it-tip ta' riskju u preferibbilment ta' rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali skont it-tip ta' riskju fejn il-kalkoli tal-ICAAP għal dawk ir-riskji materjali, jew l-elementi ta' tali riskji, jitqiesu inaffidabbli jew ma jkunux disponibbli.

284. Il-punti ta' riferiment superviżorji għandhom jiġi żviluppati, filwaqt li titqies l-implimentazzjoni fuq l-awtoritajiet kompetenti, meta tkun tista' tiġi pprovduta miżura prudenti, konsistenti, trasparenti u komparabbli biex il-kapital meqjus adegwat għal kategorija jew element ta' riskju partikolari jiġi mqabbel fost id-ditti tal-investiment.

285. Minħabba l-varjetà tal-mudelli tan-negozju differenti operati mid-daqs u l-kumplessità tad-ditti tal-investimenti, l-eżitu tal-punti ta' riferiment superviżorji jista' ma jkunx xieraq f'kull każ għal kull ditta tal-investiment. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jindirizzaw dan billi jużaw l-aktar punti ta' riferiment adattat meta jkun hemm alternattivi disponibbli, u billi japplikaw ġudizzju fuq l-eżitu tal-punt ta' riferiment biex jagħtu kont għall-kunsiderazzjonijiet speċifiċi għall-mudell tan-negozju u speċifiċi għad-ditta tal-investiment.

286. Meta l-awtoritajiet kompetenti jikkunsidraw il-punti ta' riferiment superviżorji għad-determinazzjoni tar-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali, bħala parti mid-djalogu, huma għandhom jispjegaw lid-ditta tal-investiment il-loġika u l-prinċipji sottostanti ġenerali wara l-punti ta' riferiment.

Inputs rilevanti oħrajn

287. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw inputs rilevanti oħrajn biex jappoġġaw id-determinazzjoni ta' kategorija skont it-tip ta' riskju ta' jew ta' rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali skont it-tip ta' riskju. Inputs rilevanti oħrajn jistgħu jinkludu paraguni ta' evalwazzjoni bejn il-pari, jew rapporti u studji rilevanti oħrajn.

288. Inputs rilevanti oħrajn għandhom iħeġġu lill-awtoritajiet kompetenti biex jerġgħu jivvalutaw l-adegwatezza/affidabbiltà ta' kalkolu tal-ICAAP/punt ta' riferiment għal riskju speċifiku jew kategorija ta' riskju, u/jew jagħmlu aġġustamenti għall-eżitu, fejn huma jqajmu dubji dwar il-preċiżjoni tiegħu.

289. Biex jiżguraw il-konsistenza fid-determinazzjoni ta' rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali skont it-tip ta' kategorija jew skont it-tip ta' riskju, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw l-istess gruppi ta' pari stabbiliti biex janalizzaw ir-riskji għall-kapital kif speċifikati fit-Titolu 6.

290. Meta l-awtoritajiet kompetenti jikkunsidraw inputs rilevanti oħrajn għad-determinazzjoni tar-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali, bħala parti mid-djalogu superviżorju, għandhom jispjegaw lid-ditta tal-investiment il-loġika u l-prinċipji ġenerali sottostanti wara l-inputs użati.

7.2.2 Determinazzjoni tal-fondi proprji jew miżuri oħrajn biex jiġu koperti n-nuqqasijiet fil-mudelli użati għal skopijiet regolatorji

291. Jekk, matul ir-reviżjoni kontinwa tal-approċċi interni skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 37 tad-Direttiva (UE) 2019/2034, l-awtoritajiet kompetenti jidentifikaw nuqqasijiet fil-mudell li jistgħu jwasslu għal sottovalutazzjoni tar-rekwiżiti minimi ta' fondi proprji stabbiliti fir-Regolament 2019/2033, huma għandhom jistabbilixxu rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali għal tali nuqqasijiet, meta dan ikun iddeterminat li jkun aktar xieraq minn miżuri superviżorji oħrajn, bħar-rekwiżit li d-ditti tal-investiment jaġġustaw il-mudelli tagħhom. Tali rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali għandu jiġi stabbilit biss bħala miżura interim filwaqt li jiġu indirizzati n-nuqqasijiet.

7.2.3 Determinazzjoni tal-fondi proprji jew miżuri oħrajn biex jiġu koperti n-nuqqasijiet fl-aġġustament tal-valwazzjoni prudenti tal-portafoll tan-negozjar

292. Jekk matul ir-reviżjonijiet tagħhom skont l-Artikolu 36 tad-Direttiva (UE) 2019/2034, u wara l-valutazzjoni tar-riskju mwettqa skont it-Titolu 6, l-awtoritajiet kompetenti jidentifikaw nuqqasijiet fil-valwazzjoni prudenti tal-pożizzjonijiet dwar il-kotba tan-negozjar tad-ditta tal-investiment li jistgħu jwasslu għal sottovalutazzjoni tar-rekwiżit K-NPR stabbilit fl-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2019/2033, huma għandhom jistabbilixxu rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali biex ikopri tali nuqqasijiet. Tali rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali għandu jiġi ddeterminat biss jekk ikun aktar xieraq minn kwalunkwe miżura superviżorja oħra u għandu jinżamm biss bħala miżura interim sakemm jiġu indirizzati n-nuqqasijiet.

7.2.4 Determinazzjoni tal-fondi proprji jew miżuri oħrajn biex jiġu koperti n-nuqqasijiet tal-mudell

293. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu fondi proprji addizzjonali biex ikopru n-nuqqasijiet fl-arranġamenti ta' governanza, fil-proċessi, fil-mekkaniżmi u fl-istrateġiji jew f'nuqqasijiet oħrajn – identifikati wara l-valutazzjoni tar-riskju deskritta fit-Titoli 4 sa 6 – meta miżuri superviżorji oħrajn jitqiesu insuffiċjenti jew mhux xierqa biex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu biss tali rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali bħala miżura interim waqt li jiġu indirizzati n-nuqqasijiet.

294. Meta ditta tal-investiment li ma tissodisfax il-kundizzjonijiet biex tikkwalifika bħala żgħira u mhux interkonnessa stabbiliti fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033, tonqos ripetutament milli tistabbilixxi jew iżżomm livell adegwat ta' fondi proprji biex tkopri l-gwida dwar il-fondi proprji addizzjonali kkomunikata f'konformità mal-Artikolu 41(1) tad-Direttiva (UE) 2019/2034, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu rekwiżit ta'

fondi proprji addizzjonali biex ikopru dak ir-riskju addizzjonali mhux aktar tard minn sentejn wara l-ksur tal-gwida. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jipposponu dik id-deċiżjoni meta jippermettu lid-ditta tal-investiment topera taħt il-livell ta' gwida minħabba ċaqliq ekonomiku ċikliku jew ċirkostanzi oħrajn speċifiċi għad-ditta.

7.3 Artikolazzjoni u ġustifikazzjoni tar-rekwiżiti ta' fondi proprji

295. Fid-determinazzjoni tar-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 40(3) tad-Direttiva (UE) 2019/2034, fi żmien speċifikat fil-paragrafu 271, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu:

a. ammont assolut ta' rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali bħala riżultat tal-konklużjoni bbażata fuq il-valutazzjoni tal-SREP; u

b. il-proporzjon tal-ammont assolut imsemmi fil-punt (a) għar-rekwiżit ta' fondi proprji tad-ditta tal-investiment iddeterminat f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2019/2033 fil-ħin tal-istabbiliment ta' dak l-ammont assolut imsemmi fil-punt (a) ("D")f'konformità mal-formula li ġejja:

$$\frac{Ammont\ assolut\ ta'\ rekwiżit\ ta'\ fondi\ proprji\ addizzjonali}{D}$$

296. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li r-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali applikabbli għandu f'kull ħin ikun ugwali għall-ogħla mill-ammont assolut imsemmi fil-paragrafu 295, il-punt (a) jew, l-ammont ta' rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali meħtieġ biex jinżamm, f'każijiet li fihom D qed tiżdied u sakemm ammont assolut ġdid ikun qed jiġi stabbilit bħala riżultat tal-konklużjoni tal-valutazzjoni tal-SREP mill-awtoritajiet kompetenti, il-proporzjon imsemmi fil-paragrafu 295, il-punt (b).

297. Meta jikkomunikaw ir-rekwiżiti prudenzjali lid-ditti tal-investiment, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jissostanzjaw id-deċiżjoni tagħhom li jimponu rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali li jagħti rendikont ċar tal-valutazzjoni sħiħa tal-elementi elenkati fil-paragrafu 273 f'konformità mal-Artikolu 40(5) tad-Direttiva (UE) 2019/2034. Il-ġustifikazzjoni għandha tkun speċifika għad-ditta tal-investiment u għandha tipprovdi indikazzjoni ċara tal-motivaturi ewlenin li fuqhom huwa bbażat ir-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali, inklużi r-riskji u l-elementi tar-riskji li jikkontribwixxu għal tali rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali. Meta jiġġustifikaw ir-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirreferu għall-kategoriji ta' riskju rilevanti kollha, jiġifieri r-riskji assoċjati ma' stralċ mhux ordnat, riskju għall-klijenti, riskju għas-swieq, riskju għad-ditti u riskji oħrajn.

298. Fil-ġustifikazzjoni tar-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali skont il-paragrafu 273, il-punti (b) sa (d), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jidentifikaw ukoll in-nuqqasijiet ewlenin li għandhom jiġu koperti minn dawn ir-rekwiżiti sakemm jiġu indirizzati, f'konformità mal-paragrafi 291 sa 293. Filwaqt li jitqiesu miżuri superviżorji xierqa f'konformità mat-Titolu 10, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jitolbu lid-ditti tal-

investiment jidentifikaw azzjonijiet xierqa biex jirrettifikaw dawn in-nuqqasijiet u jikkomunikaw l-iskedi ta' żmien mistennija għar-rettifika tan-nuqqasijiet.

7.4 L-issodisfar tar-rekwiżiti taħt ċaqliq ekonomiku ċikliku

299. Għal ditti tal-investiment li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet biex jikkwalifikaw bħala ditti tal-investiment żgħar u mhux interkonnessi stabbiliti fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw l-adegwatezza tal-fondi proprji tad-ditta tal-investiment f'każ ta' ċaqliq ekonomiku ċikliku negattiv u jekk miżuri superviżorji, inkluż gwida dwar il-fondi proprji addizzjonali (P2G), l-ippjanar tal-kapital rivedut u miżuri oħrajn kif stabbilit fit-Titolu 10, humiex meħtieġa biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet potenzjali.

300. Meta jitqies iċ-ċaqliq ekonomiku ċikliku negattiv, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw kif ir-riskji jew l-elementi tar-riskji li ditti tal-investiment joħolqu għal oħrajn jew ikunu esposti għalihom jistgħu jevolvu fuq perjodu ta' diversi snin, b'kont meħud taċ-ċiklu tan-negozju tad-ditta tal-investiment. Il-livell tad-dettalji ta' din il-valutazzjoni għandu jvarja skont il-kumplessità tal-mudell tan-negozju u l-profil tar-riskju tad-ditta tal-investiment.

301. Sabiex tiġi vvalutata l-adegwatezza tal-kapital f'każ ta' ċaqliq ekonomiku ċikliku negattiv, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw l-eżiti kwalitattivi u kwantitattivi ta':

a. meta disponibbli, it-testijiet tal-istress superviżorji jew analiżijiet tas-sensittività;

b. meta disponibbli u affidabbli biżżejjed abbażi tal-valutazzjoni mwettqa fit-Titolu 5, it-testijiet tal-istress jew analiżijiet tas-sensittività tad-ditta tal-investiment; jew

c. valutazzjoni oħra ta' ċaqliq ekonomiku ċikliku mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti, jew mid-ditta tal-investiment abbażi tal-valutazzjoni mwettqa fit-Titolu 5, jekk jitqiesu affidabbli biżżejjed; jew

302. Abbażi tal-valutazzjoni skont il-paragrafu 301, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw jekk il-fondi proprji tad-ditta tal-investiment humiex biżżejjed biex ikopru r-rekwiżiti ta' fondi proprji applikabbli, inkluż ir-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali, taħt ċaqliq ekonomiku ċikliku negattiv.

7.4.1 Determinazzjoni u stabbiliment ta' P2G

303. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw il-P2G kif speċifikat f'din it-taqsima, u fi żmien speċifikat fil-paragrafu 271. Meta d-determinazzjoni twassal għal valur pożittiv, huma għandhom jistabbilixxu P2G biex jindirizzaw it-tħassib superviżorju dwar is-sensittività tad-ditta tal-investiment għal ċaqliq ekonomiku ċikliku negattiv.

304. Il-P2G hija l-ammont ta' kapital meqjus adegwat li għandu jiġi stabbilit biex jippermetti ċaqliq ekonomiku ċikliku filwaqt li jipproteġi minn kwalunkwe ksur potenzjali tar-rekwiżiti ta' fondi proprji rilevanti f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2019/2033 u r-

rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 39(2), il-punt (a) tad-Direttiva (UE) 2019/2034 u minn kwalunkwe theddida għall-kapaċità tad-ditta tal-investiment għall-stralċ ordnat. Meta l-awtoritajiet kompetenti jikkonkludu li d-ditta tal-investiment ma tkunx ikkonċernata minn tali impedimenti taħt kundizzjonijiet ekonomiċi negattivi, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeċiedu li ma jistabbilixxux P2G.

305. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw u jistabbilixxu P2G abbażi tal-eżiti tal-valutazzjoni taċ-ċaqliq ekonomiku ċikliku f'konformità mal-paragrafu 301. Tali analiżijiet għandhom iqisu l-istrateġija u l-mudell tan-negozju tad-ditta tal-investiment, kif ukoll l-ambjent li topera fih, bħala l-bażi biex jiġu identifikati l-vulnerabbiltajiet u r-riskji ta' ħsara fil-livell tad-ditta tal-investiment, u jirriflettu ċaqliq ekonomiku ċikliku rilevanti li jista' jkun sistemiku bħala tfixkil mifrux għall-forniment ta' servizzi finanzjarji kkawżat minn indeboliment ta' parti kbira tas-sistema finanzjarja jew volatilità mifruxa fil-prezzijiet tal-assi jew speċifika għall-mudell tan-negozju tad-ditta tal-investiment bħala xokk speċifiku għan-natura u t-tul tal-istrumenti finanzjarji li d-ditta tal-investiment tkun qed tinnegozja) fuq perjodu progressiv.

306. Għall-finijiet tal-paragrafu 305, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-analiżijiet imwettqa għall-istabbiliment tal-P2G ikopru b'mod adegwat:

a. ir-riskji materjali kollha li jikkontribwixxu għar-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali stabbilit f'konformità mal-Artikolu 39(2), il-punt (a) tad-Direttiva (UE) 2019/2034; u

b. is-sitwazzjonijiet meta d-ditta tal-investiment iġġarrab telf materjali li jimpedixxi t-tmexxija tan-negozji tagħha jew meta jkollha twaqqaf attivitajiet b'mod ordnat.

307. B'mod ġenerali, l-awtoritajiet kompetenti ma għandhomx jużaw il-P2G biex ikopru aspetti ta' riskji li għandhom jiġu koperti mir-rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali f'konformità mat-Taqsima 7.2 ta' dawn il-linji gwida.

308. Meta jiddeterminaw id-daqs tal-P2G, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li dan jiġi stabbilit f'livell xieraq biex ikopri l-varjazzjonijiet massimi antiċipati tas-CET1 tad-ditta tal-investiment u biex jiżgura l-kopertura tar-rekwiżiti ta' fondi proprji applikabbli.

309. Meta jiddeterminaw id-daqs tal-P2G, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw, meta rilevanti, il-fatturi li ġejjin:

a. meta l-P2G tiġi ddeterminata abbażi tat-testijiet tal-istress, iż-żmien meta jseħħ l-impatt tal-istress massimu fir-rigward tal-punt ta' tluq u l-orizzont taż-żmien tax-xenarji użati fit-testijiet tal-istress;

b. l-eżitu ta' test tal-istress jew tal-analiżi tas-sensittività interna tad-ditta tal-investiment affidabbli, billi jitqiesu d-definizzjonijiet u l-assunzjonijiet speċifiċi tax-xenarju, b'mod partikolari meta dawn jitqiesu aktar rilevanti għall-mudell tan-negozju u l-profil tar-riskju tad-ditta tal-investiment jew meta x-xenarji interni jkunu aktar severi mix-xenarji superviżorji, meta tali xenarji superviżorji jkunu disponibbli;

c. l-azzjonijiet mitiganti ta' ġestjoni rilevanti tad-ditti tal-investiment jekk kredibbli biżżejjed u ċerti ferm skont il-valutazzjoni superviżorja tagħhom;

d. l-informazzjoni u opinjonijiet superviżorji dwar ir-rilevanza tat-testijiet tal-istress jew tal-analiżijiet tas-sensittività superviżorji jew tad-ditta tal-investiment stess għall-istrateġija, il-pjanijiet finanzjarji u l-mudell tan-negozju tad-ditta tal-investiment;

e. iċ-ċertezza mnaqqsa fuq is-sensittività reali tad-ditta tal-investiment għal xenarji negattivi;

f. kwalunkwe trikkib potenzjali mar-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali applikabbli;

g. jekk id-ditta tal-investiment hijiex taħt ristrutturar jew riżoluzzjoni.

310. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 271, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrevedu fil-ħin il-livell tal-P2G jekk tali livell jitqies mhux preċiż abbażi tal-informazzjoni rilevanti kollha disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti. Huma għandhom tal-inqas jivvalutaw jekk il-livell tal-P2G eżistenti jibqax xieraq u jirreveduh jekk ikun meħtieġ, kull meta l-eżiti kwalitattivi u kwantitattivi msemmija fil-paragrafu 305 juru bidliet sinifikanti meta mqabbla mal-analiżi użata qabel għall-istabbiliment tal-P2G.

311. Il-P2G stabbilta mill-awtoritajiet kompetenti hija addizzjonali għall-ogħla komponent tar-rekwiżiti ta' fondi proprji f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2019/20233 u għar-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali stabbilt f'konformità mal-Artikolu 39(2), il-punt (a) tad-Direttiva (UE) 2019/2034.

7.4.2 Komunikazzjoni u kompożizzjoni ta' P2G

312. Meta l-P2G tiġi stabbilita jew aġġornata, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkomunikaw lid-ditta tal-investiment il-livelli u l-limiti ta' żmien rilevanti tagħhom għall-istabbiliment tagħha f'konformità mal-paragrafu 316. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jispjegaw ukoll ir-reazzjoni superviżorja potenzjali għas-sitwazzjonijiet fejn il-P2G ma tiġix issodisfata.

313. F'każ ta' reviżjoni f'konformità mal-paragrafu 310, meta ma jitwettqux ir-reviżjonijiet superviżorji f'konformità mal-Artikolu 36 tad-Direttiva (UE) 2019/2034, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkomunikaw il-livell il-ġdid ta' P2G.

314. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkomunikaw lid-ditti tal-investiment li l-P2G hija mistennija li tiġi ssodisfata b'fondi proprji eliġibbli CET1 u li l-P2G hija mistennija li tiġi inkorporata fl-ippjanar tal-kapital u l-qafas tal-ġestjoni tar-riskju tagħhom, inklużi l-qafas tal-aptit għar-riskju u, meta applikabbli l-ippjanar ta' rkupru.

315. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkomunikaw ukoll lid-ditti tal-investiment li l-fondi proprji miżmuma għall-finijiet tal-P2G ma jistgħux jintużaw biex jissodisfaw rekwiżiti oħrajn ta' fondi proprji.

316. Meta jistabbilixxu u jikkomunikaw lid-ditta tal-investiment il-limiti ta' żmien sabiex jistabbilixxu l-P2G, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw mill-inqas dan li ġej:

a. jekk id-ditta tal-investiment hijiex taħt ristrutturar jew riżoluzzjoni; u

b. l-implikazzjonijiet potenzjali li l-P2G denominata CET1 jista' jkollha għal partijiet oħrajn mir-rekwiżiti kapitali u l-kapaċità tad-ditti tal-investiment biex joħorġu strumenti tal-Grad 1 (AT1) jew tal-Grad 2 (T2) addizzjonali.

7.4.3 Ippjanar tal-kapital u miżuri superviżorji oħrajn sabiex tiġi indirizzata l-adegwatezza tal-kapital f'kundizzjonijiet ta' stress

Ippjanar tal-kapital

317. Meta l-eżiti kwantitattivi msemmija fit-Taqsima 7.4 jindikaw li, skont ix-xenarji negattivi speċifikati, ditta tal-investiment mhijiex se tkun tista' tissodisfa r-rekwiżiti kapitali applikabbli, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jitolbu lid-ditta tal-investiment tissottometti pjan ta' kapital kredibbli li jindirizza r-riskju li ma tissodisfax ir-rekwiżiti kapitali applikabbli.

318. Sabiex tiddetermina l-kredibbiltà tal-pjan ta' kapital, l-awtorità kompetenti għandha tikkunsidra, kif xieraq:

a. jekk il-pjan ta' kapital ikoprix l-orizzont taż-żmien negattiv kollu preżunt;

b. jekk il-pjan ta' kapital jippreżentax sett ta' azzjonijiet ta' mitigazzjoni u ta' ġestjoni kredibbli;

c. jekk id-ditta tal-investiment hijiex lesta u kapaċi li tieħu tali azzjonijiet sabiex tindirizza l-ksur tar-rekwiżiti kapitali applikabbli taħt kundizzjonijiet negattivi;

d. jekk dawk l-azzjonijiet ta' mitigazzjoni u ta' ġestjoni humiex soġġetti għal kwalunkwe restrizzjoni legali jew reputazzjonali;

e. il-probabbiltà li l-azzjoni ta' mitigazzjoni u ta' ġestjoni se tippermetti lid-ditta tal-investiment tissodisfa bis-sħiħ ir-rekwiżiti kapitali applikabbli tagħha fi ħdan perjodu ta' żmien xieraq;

f. jekk l-azzjonijiet proposti humiex konformi b'mod wiesa' mal-kunsiderazzjonijiet makroekonomiċi u ma' bidliet regolatorji futuri magħrufa li jaffettwaw lil ditta tal-investiment fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni u l-perjodu ta' żmien tax-xenarji negattivi preżunti; u

g. meta applikabbli, il-firxa ta' għażliet ta' rkupru u l-analiżi tagħhom kif stabbilit fil-pjan ta' rkupru tad-ditta tal-investiment.

319. Meta jivvalutaw il-pjanijiet ta' rkupru, l-awtoritajiet kompetenti għandhom, meta jkun xieraq, isegwu djalogu effettiv mad-ditta tal-investiment, jitolbuha tagħmel bidliet f'dawk il-pjanijiet kif xieraq, inkluż fl-azzjonijiet ta' ġestjoni proposti, jew jitolbu lid-ditti tal-investiment jieħdu azzjonijiet ta' mitigazzjoni addizzjonali li jsiru rilevanti fid-dawl tax-xenarji u l-kundizzjonijiet makroekonomiċi attwali.

320. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistennew li d-ditti tal-investiment jimplimentaw il-pjan ta' kapital rivedut, inklużi bidliet ulterjuri li saru abbażi tar-riżultati tal-valutazzjoni superviżorja u tad-djalogu superviżorju.

Miżuri superviżorji addizzjonali

321. L-awtoritajiet kompetenti għandhom, meta rilevanti, jikkunsidraw l-applikazzjoni tal-miżuri superviżorji addizzjonali speċifikati fit-Titolu 10, biex jiżguraw li d-ditta tal-investiment hija kapitalizzata b'mod adegwat taħt kundizzjonijiet negattivi.

322. B'mod partikolari, meta l-eżiti kwantitattivi tat-testijiet tal-istress jew tal-analiżijiet tas-sensittività jindikaw li d-ditta tal-investiment aktarx se tikser ir-rekwiżiti kapitali applikabbli tagħha taħt ix-xenarju negattiv fit-12-il xahar sussegwenti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom, meta jkun xieraq, jittrattaw tali informazzjoni bħala waħda miċ-ċirkostanzi possibbli skont it-tifsira tal-Artikolu 38, il-punt (b) tad-Direttiva (UE) 2019/2034. F'tali każijiet, l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw miżuri xierqa f'konformità mal-Artikolu 39(2) tad-Direttiva (UE) 2019/2034 bil-għan li jiġu żgurati livelli suffiċjenti ta' fondi proprji. B'mod partikolari, meta tali miżuri jkunu relatati mal-kapital, l-awtoritajiet kompetenti għandhom b'mod partikolari jikkunsidraw waħda minn dawn li ġejjin jew it-tnejn li huma, kif iddefinit fl-Artikolu 39(2), il-punti (a) u (f):

a. jitolbu lid-ditti tal-investiment iżommu ammont xieraq ta' fondi proprji addizzjonali fil-forma ta' ammont nominali, filwaqt li jikkunsidraw l-eżitu tal-valutazzjoni tal-SREP;

b. jitolbu tnaqqis tar-riskju inerenti fl-attivitajiet, fil-prodotti u fis-sistemi tad-ditta tal-investiment.

7.5 Sommarju tas-sejbiet u għoti ta' punteġġ

323. Wara l-valutazzjoni ta' hawn fuq, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar jekk ir-riżorsi eżistenti ta' fondi proprji jipprovdux kopertura soda tar-riskji li d-ditta tal-investiment hija jew tista' tkun esposta għalihom. Din l-opinjoni għandha tkun riflessa fis-sommarju tas-sejbiet, akkumpanjata minn punteġġ ta' vijabbiltà bbażat fuq il-kunsiderazzjonijiet speċifikati fit-Tabella 9.

Tabella 9 - Kunsiderazzjonijiet superviżorji għall-assenjament ta' punteġġ lill-adegwatezza tal-kapital

Punteġġ	Perspettiva superviżorja	Kunsiderazzjonijiet
1	L-ammont ta' fondi proprji miżmuma joħolqu livell baxx ta' riskju għall-	• Id-ditta tal-investiment hija kapaċi tissodisfa l-P2G tagħha b'kapital CET1 disponibbli mingħajr problemi, meta applikabbli.

Punteġġ	Perspettiva superviżorja	Kunsiderazzjonijiet
	vijabbiltà tad-ditta tal-investiment.	• Id-ditta tal-investiment iżżomm livell ta' fondi proprji sew 'il fuq mill-fondi proprji u mir-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali tagħha, u hija mistennija li tagħmel dan fil-futur. • Il-valutazzjoni taċ-ċaqliq ekonomiku ċikliku, inkluż jekk applikabbli l-ittestjar tal-istress jew l-analiżijiet tas-sensittività, ma tiżvela l-ebda riskju ċar fir-rigward tal-impatt ta' ċaqliq ekonomiku ċikliku fuq il-fondi proprji. • Id-ditta tal-investiment għandha pjan ta' kapital plawżibbli u kredibbli li għandu l-potenzjal li jkun effettiv jekk meħtieġ.
2	L-ammont ta' fondi proprji miżmuma joħolqu livell medju-baxx ta' riskju għall-vijabbiltà tad-ditta tal-investiment.	• Id-ditta tal-investiment għandha diffikultà biex tissodisfa l-P2G tagħha bil-kapital CET1 disponibbli tagħha. Azzjonijiet mitiganti ta' ġestjoni sabiex din id-diffikultà tiġi indirizzata huma vvalutati bħala kredibbli u effiċjenti. • Il-valutazzjoni taċ-ċaqliq ekonomiku ċikliku, inkluż jekk applikabbli l-ittestjar tal-istress jew l-analiżijiet tas-sensittività, tiżvela livell baxx ta' riskju fir-rigward tal-impatt ta' ċaqliq ekonomiku ċikliku fuq il-fondi proprji, iżda l-azzjonijiet ta' ġestjoni li se jindirizzaw dawn huma vvalutati bħala kredibbli u effiċjenti. • Id-ditta tal-investiment għandha pjan ta' kapital plawżibbli u kredibbli li, minkejja li jimponi riskju, għandu l-potenzjal li jkun effettiv jekk meħtieġ.
3	L-ammont ta' fondi proprji miżmuma joħolqu livell medju-għoli ta' riskju għall-vijabbiltà tad-ditta tal-investiment.	• Id-ditta tal-investiment ma tissodisfax il-P2G tagħha b'kapital CET1 disponibbli. Hemm tħassib dwar il-kredibbiltà u l-effettività tal-azzjonijiet mitiganti ta' ġestjoni biex jindirizzaw dan. • Il-valutazzjoni taċ-ċaqliq ekonomiku ċikliku, inkluż jekk applikabbli l-ittestjar tal-istress jew l-analiżijiet tas-sensittività, tiżvela livell medju ta' riskju fir-rigward tal-impatt ta' ċaqliq ekonomiku ċikliku fuq il-fondi proprji. L-azzjonijiet ta' ġestjoni jistgħu ma jindirizzawx dan b'mod kredibbli u effettiv. • Id-ditta tal-investiment għandha pjan ta' kapital li aktarx mhuwiex effettiv.
4	L-ammont ta' fondi proprji miżmuma joħloq livell għoli ta' riskju għall-	• Id-ditta tal-investiment ma tissodisfax il-P2G tagħha (jew ma stabbilietx P2G apposta) b'kapital CET1 disponibbli u mhijiex se tkun tista' tagħmel dan fil-futur prevedibbli. Azzjonijiet mitiganti ta' ġestjoni li

Punteġġ	Perspettiva superviżorja	Kunsiderazzjonijiet
	vijabbiltà tad-ditta tal-investiment.	jindirizzaw dan huma vvalutati bħala la kredibbli u lanqas effettivi. • Il-valutazzjoni taċ-ċaqliq ekonomiku ċikliku, inkluż jekk applikabbli l-ittestjar tal-istress jew l-analiżijiet tas-sensittività, tiżvela li d-ditta tal-investiment tikser ir-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali tagħha minħabba ċaqliq ekonomiku ċikliku. L-azzjonijiet ta' ġestjoni la se jindirizzaw dan b'mod kredibbli u lanqas effettiv. • Id-ditta tal-investiment ma għandha l-ebda pjan ta' kapital, jew wieħed li mhuwiex xieraq b'mod ċar.

Titolu 8 Valutazzjoni tar-riskju għal-likwidità

8.1 Kunsiderazzjonijiet ġenerali

324. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw u jagħtu punteġġ lir-riskji tal-likwidità li ġew identifikati bħala materjali għad-ditta tal-investiment, u l-ġestjoni u l-kontrolli ta' dawn ir-riskji mid-ditta tal-investiment.

325. Il-formalità u l-granularità tal-valutazzjoni għandhom jiddependu mid-daqs tad-ditta tal-investiment, l-istruttura u l-organizzazzjoni interna tad-ditta tal-investiment u n-natura, il-kamp ta' applikazzjoni u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħha kif ukoll ir-riskju tagħha għall-klijenti, ir-riskju għas-suq u r-riskju għad-ditta tal-investiment. Għad-ditti tal-investiment li ma jinnegozjawx akkont proprju, il-valutazzjoni għandha tkun inqas komprensiva, filwaqt li għad-ditti tal-investiment li jinnegozjaw akkont proprju, il-valutazzjoni għandha tkun granulari u aktar komprensiva.

326. Id-ditti tal-investiment li jinnegozjaw akkont propju għandhom iwettqu valutazzjoni tal-likwidità, inkluż fl-istess ġurnata, f'konformità mal-Artikolu 29(1), il-punt (d) tad-Direttiva (UE) 2019/2034. Għalhekk, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw id-ditti tal-investiment li jidħlu fil-ġenerazzjoni tas-suq kif iddefinit fl-Artikolu 2(1), il-punt (k) tar-Regolament (UE) Nru 236/2012 b'mod komprensiv u jivvalutaw jekk tali ditti tal-investiment jkoprux elementi li huma rilevanti għalihom, bħall-valutazzjoni tar-riskju tal-likwidità fl-istess ġurnata u l-adegwatezza tar-riżorsi likwidi disponibbli.

327. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw il-konformità tad-ditta tal-investiment mar-rekwiżiti minimi ta' likwidità speċifikati fir-Regolament (UE) 2019/2033 u fid-Direttiva (UE) 2019/2034. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jestendu l-kamp ta' applikazzjoni tal-valutazzjoni sabiex jiffurmaw opinjoni komprensiva dwar ir-riskju tal-likwidità.

328. Fit-twettiq tal-valutazzjoni tar-riskju għal-likwidità, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw is-sorsi kollha ta' informazzjoni li ġejjin, fejn disponibbli:

a. eżiti mill-analiżi tas-servizzi u l-attivitajiet ipprovduti mid-ditta tal-investiment u informazzjoni mill-monitoraġġ tal-indikaturi ewlenin b'mod partikolari meta dan jista' jgħin biex jinftiehmu s-sorsi ewlenin ta' riskju għal-likwidità;

b. rapportar superviżorju, u b'mod partikolari l-informazzjoni pprovduta mid-ditta tal-investiment fir-rapportar tagħha skont l-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) 2019/2033;

c. kwalunkwe rapport perjodiku, rapport kwantitattiv, rapport tad-dikjarazzjoni finanzjarja, rapporti interni tad-ditta tal-investiment dwar il-likwidità u kwalunkwe informazzjoni oħra mitluba mid-ditta tal-investiment mill-awtorità kompetenti;

d. kwalunkwe informazzjoni mill-kumpanija omm tad-ditta tal-investiment jekk id-ditta tal-investiment tkun sussidjarja u tkun inkluża fis-superviżjoni fuq bażi konsolidata, u b'mod partikolari informazzjoni dwar ir-riskju tal-likwidità tad-ditti tal-investiment li jkunu parti minn grupp tal-bank;

e. eżiti ta' kwalunkwe attività superviżorja;

f. kwalunkwe informazzjoni mill-ILAAP tad-ditta tal-investiment;

g. sejbiet u osservazzjonijiet minn rapporti ta' awditjar intern jew estern;

h. rakkomandazzjonijiet u linji gwida maħruġa mill-EBA jew mill-ESMA, kif ukoll twissijiet u rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-awtoritajiet makroprudenzjali jew il-BERS; u

i. riskju identifikat f'ditti tal-investiment oħrajn li joperaw mudell tan-negozju simili.

329. Il-valutazzjoni tar-riskju tal-likwidità għandha tkun ibbażata fuq informazzjoni affidabbli u aġġornata, u għandhom jitqiesu r-riżultati meta titwettaq il-valutazzjoni tal-proċess tal-ġestjoni tar-riskju tal-likwidità.

330. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirriflettu l-eżitu tal-valutazzjoni tar-riskju ta' likwidità f'sommarju tas-sejbiet li jipprovdi spjegazzjoni tal-motivaturi ewlenin tar-riskju u punteġġ.

8.2 Valutazzjoni tar-riskju ta' likwidità

331. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jevalwaw l-impatt fuq l-assi likwidi f'kundizzjonijiet severi, iżda plawżibbli u kif id-ditta tal-investiment hija lesta li timmitiga l-ħruġ taħt stress f'konformità mal-qafas tal-ġestjoni tar-riskju tal-likwidità msemmi fit-Taqsima 8.4 ta' dawn il-linji gwida.

332. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw l-ammont ta' assi likwidi meħtieġa biex jiżguraw li d-ditta tal-investiment iżżomm livelli adegwati ta' riżorsi likwidi li jindirizzaw sorsi materjali għar-riskju tad-ditta tal-investiment, inkluż ir-riskju għall-klijenti, ir-riskju għas-suq, u r-riskju għad-ditta tal-investiment kemm taħt kundizzjonijiet normali kif ukoll severi, iżda plawżibbli biex ikopru xokkijiet idjosinkratiċi, mifruxa mas-suq u kkombinati.

333. Fl-evalwazzjoni tal-impatt ta' kundizzjonijiet severi iżda plawżibbli fuq il-ħtiġijiet ta' likwidità tad-ditta tal-investiment, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw is-sorsi materjali kollha ta' riskju ta' likwidità, inkluż ir-riskju għall-klijenti, ir-riskju għas-suq, u r-

riskju għad-ditta tal-investiment kif ukoll ir-riżorsi likwidi meħtieġa għall-istralċ ordnat ta' ditta tal-investiment potenzjali. B'mod partikolari, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw dawn kollha li ġejjin:

a. jekk id-ditta tal-investiment iżżommx l-assi jew il-flus tal-klijenti u l-kapaċità tagħha li tirritorna dawn l-assi fil-ħin f'xenarji severi iżda plawżibbli;

b. jekk id-ditta tal-investiment tivvalutax l-ħtiġijiet ta' likwidità tagħha għall-attivitajiet l-oħrajn tagħha li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ filwaqt li tqis li n-natura kontinġenti tal-istrumenti li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ żżid il-kumplessità għall-ġestjoni tal-flussi ta' flus relatati;

c. sorsi potenzjali oħrajn ta' ħruġ ta' flus inklużi swaps, opzjonijiet bil-miktub jew mibjugħa barra l-borża (OTC), kuntratti tar-rata tal-kambju forward, appelli għall-marġni, u ftehimiet ta' terminazzjoni bikrija;

d. jekk ikunx hemm diffikultajiet fl-aċċess għal ċerti swieq;

e. jekk is-swieq tal-munita barranija jistgħux ma jkollhomx likwidità;

f. jekk ir-rata tal-kambju barranija tistax tiddeprezza drastikament meta d-ditta tal-investiment twettaq tranżazzjonijiet f'munita barranija fuq skala sinifikanti; u

g. jekk id-ditta tal-investiment li tingrana l-pożizzjonijiet tagħha tkunx esposta għal riskju ta' likwidità minħabba r-riskju ta' tnaqqis fil-valur ta' suq ta' pożizzjoni li tiskatta l-ħtieġa ta' kollateral jew marġni addizzjonali li jkunu jeħtieġu li jillikwidaw malajr il-pożizzjonijiet tagħha.

Evalwazzjoni tar-riskju tal-likwidità fl-istess ġurnata

334. Għal ditti tal-investiment li jinnegozjaw akkont propju, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk id-ditta tal-investiment għandhiex livell suffiċjenti ta' assi likwidi ta' kwalità għolja u flussi ta' dħul oħra tal-likwidità biex tkopri l-flussi ta' ħruġ tal-likwidità ta' kuljum, inkluż perjodu tal-istess ġurnata. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw id-ditti tal-investiment li jinvolvu ruħhom fil-ġenerazzjoni tas-suq b'mod aktar komprensiv. Madankollu, huma għandhom iqisu kwalunkwe mitigazzjoni tar-riskju tal-likwidità pprovduta minn tranżazzjonijiet ta' kklerjar permezz ta' membru tal-ikklerjar.

335. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jibbażaw il-valutazzjoni tagħhom fuq l-analiżi tad-ditta tal-investiment tar-riskju ta' likwidità fl-istess ġurnata f'konformità mal-Artikolu 29(1), il-punt (d) tad-Direttiva (UE) 2019/2034. Il-likwidità fl-istess ġurnata għandha tiġi vvalutata f'kundizzjonijiet normali u severi iżda plawżibbli.

336. Għall-finijiet tal-valutazzjoni tar-riskju ta' likwidità fl-istess ġurnata, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk id-ditta tal-investiment tikklerjax il-pożizzjonijiet

tagħha permezz ta' membri tal-ikklerjar jew topera f'suq over-the-counter. Jekk id-ditta tal-investiment tkun iggarantita minn membru tal-ikklerjar jew minn kwalunkwe parti oħra, l-awtorità kompetenti għandha tivvaluta l-effettività tal-garanziji fil-mitigazzjoni tar-riskju tal-likwidità.

337. Għall-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' likwidità f'kundizzjonijiet normali u l-evalwazzjoni tar-riskju tal-likwidità fl-istess ġurnata, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jappoġġaw l-analiżi b'evidenza mir-rapporti interni u l-informazzjoni tad-ditta tal-investiment, u minn *data* ta' rapportar superviżorju kif speċifikat fir-regolament ta' implimentazzjoni adottat f'konformità mal-Artikolu 54(3) tar-Regolament (UE) 2019/2033.

338. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw l-iskopertura tad-ditta tal-investiment għar-riskju tal-likwidità fl-istess ġurnata, inkluża d-disponibbiltà fl-istess ġurnata ta' assi likwidi. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk ir-rekwiżiti ta' saldu ta' kuljum humiex se jiġu ssodisfati, inkluża evalwazzjoni tal-likwidità disponibbli fl-istess ġurnata jew ta' likwidità aċċessibbli f'kundizzjonijiet normali kif ukoll matul avvenimenti finanzjarji jew operazzjonali li jistgħu jaffettwaw l-aċċess għal-likwidità bħal fallimenti tal-IT, restrizzjonijiet legali fuq it-trasferiment ta' fondi jew l-inadempjenza tal-kontropartijiet tan-negozjar.

Evalwazzjoni tar-riżorsi likwidi disponibbli

339. Għal ditti tal-investiment li huma ġeneraturi tas-suq kif iddefiniti fl-Artikolu 2(1), il-punt (k) tar-Regolament (UE) Nru 236/2012, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ir-riżorsi likwidi disponibbli. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu valutazzjonijiet simili fuq ditti tal-investiment li ma jikkwalifikawx bħala ġeneraturi tas-suq sal-punt li l-awtoritajiet kompetenti jqisu li jkun xieraq.

340. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw l-adegwatezza tar-riżorsi ta' likwidità tad-ditti tal-investiment li huma ġeneraturi tas-suq meħtieġa biex jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' likwidità tagħhom fuq perjodi ta' żmien differenti, inkluż fl-istess ġurnata. Din il-valutazzjoni għandha tqis il-kriterji kollha li ġejjin:

a. l-assi likwidi disponibbli fil-ħin għall-vijabbiltà tad-ditta tal-investiment f'kundizzjonijiet normali u severi iżda plawżibbli;

b. l-assi likwidi ġenerali disponibbli għad-ditta tal-investiment matul il-perjodu sħiħ tal-kundizzjonijiet severi, iżda plawżibbli rilevanti;

c. il-karatteristiċi ta' kundizzjonijiet severi, iżda plawżibbli differenti, bħas-severità u d-durata, u l-perjodi kkunsidrati fl-evalwazzjoni tal-ħtiġijiet ta' likwidità tad-ditta tal-investiment;

d. l-ammont ta' assi li jkun hemm bżonn li jiġu likwidati matul l-perjodi ta' żmien rilevanti; u

e. jekk ir-riżorsi reali ta' likwidità, inkluża l-kwalità tal-assi likwidi, humiex konformi mar-riskju tal-likwidità tad-ditta tal-investiment;

f. id-disponibbiltà u l-kobor tar-riżorsi tal-likwidità pprovduti minn membru tal-ikklerjar.

341. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-kapaċità tad-ditti tal-investiment li huma ġeneraturi tas-suq biex jimmonetizzaw l-assi likwidi tagħha fil-ħin sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' likwidità tagħha matul perjodu ta' stress. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu l-kriterji kollha li ġejjin:

a. jekk id-ditta tal-investiment tittestjax l-aċċess għas-suq tagħha billi tbiegħ jew tirriakkwista fuq bażi perjodika;

b. jekk hemmx konċentrazzjonijiet għoljin li jistgħu jirrappreżentaw riskju ta' riżorsi likwidi antiċipati ħażin;

c. jekk ir-riżorsi ta' likwidità humiex faċilment disponibbli u taħt il-kontroll tal-persunal rilevanti;

d. jekk id-denominazzjoni tal-assi likwidi tkunx konsistenti mad-distribuzzjoni tal-ħtiġijiet ta' likwidità skont il-munita;

e. meta d-ditta tal-investiment tkun issellfet assi likwidi, jekk din ma jkunx għad ikollha dawn l-assi likwidi disponibbli biex tissodisfa l-flussi ta' ħruġ tagħha f'kundizzjonijiet severi iżda plawżibbli b'kunsiderazzjoni tal-effett nett tat-tranżazzjoni; u

f. l-affidabbiltà tal-faċilitajiet ta' likwidità impenjati jekk jintużaw mid-ditta tal-investiment.

Evalwazzjoni tal-finanzjament

342. Meta jivvalutaw ir-riskju għal-likwidità, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw l-arranġamenti ta' finanzjament tad-ditta tal-investiment u l-istabbiltà tas-sorsi ta' finanzjament kemm f'kundizzjonijiet normali kif ukoll severi, iżda plawżibbli.

343. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw l-adegwatezza tal-profil ta' finanzjament tad-ditta tal-investiment filwaqt li jqisu l-kriterji kollha li ġejjin:

a. jekk l-obbligi tad-ditta tal-investiment humiex issodisfati b'mod adegwat b'finanzjament stabbli;

b. jekk – fil-każ li d-ditta tal-investiment tappartjeni għal gruppi – hemmx flussi intragruppi regolari ta' likwidità u jekk humiex obbligatorji b'kuntratti u għadhomx fis-seħħ; u

c. jekk id-ditta tal-investiment għandhiex aċċess għal faċilitajiet ta' kreditu minn istituzzjoni ta' kreditu jew entità oħra fi grupp jew sorsi alternattivi ta' finanzjament oħra.

344. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw id-diversità tas-sorsi ta' finanzjament. Il-valutazzjoni għandha tikkunsidra jekk il-finanzjament huwiex iggarantit jew mhux iggarantit, bħall-użu ta' ftehimiet ta' riakkwist, swieq ta' self ta' titoli, ħruġ ta' dejn fit-tul fis-swieq pubbliċi u privati, varjetà ta' strumenti ta' finanzjament għal terminu qasir bħal krediti bankarji, u, meta rilevanti, id-diversità tas-swieq reġjonali.

345. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk in-nuqqasijiet potenzjali li jirriżultaw mill-profil ta' finanzjament tad-ditta tal-investiment, bħad-diskrepanzi fid-dħul u fil-ħruġ f'attivitajiet tas-suq li jiksru limiti aċċettabbli, jew konċentrazzjonijiet eċċessivi ta' sorsi ta' finanzjament, jistgħux iwasslu għal riskju ta' likwidità. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-livell ta' dipendenza tad-ditta tal-investiment minn sorsi ta' finanzjament partikolari bbażati fuq servizzi ta' investiment, in-natura u l-fornitur tal-fondi.

346. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw fatturi li jistgħu jnaqqsu l-istabbiltà tal-finanzjament fir-rigward tat-tip u l-karatteristiċi kemm tal-assi kif ukoll tal-obbligazzjonijiet.

347. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ir-riskji għas-sostenibbiltà tal-profil ta' finanzjament tad-ditta tal-investiment li jirriżultaw minn konċentrazzjonijiet fis-sorsi ta' finanzjament. Huma għandhom iqisu jekk il-kontrapartijiet tad-ditta tal-investiment humiex waħedhom jew konnessi u riskju ta' konċentrazzjoni ieħor li jista' jaffettwa l-aċċess tad-ditta tal-investiment għall-finanzjament fil-futur. Il-valutazzjoni għandha tinkludi l-affidabbiltà tal-istrateġiji alternattivi ta' finanzjament tad-ditta tal-investiment, u l-adegwatezza tagħhom biex jipproteġu lid-ditta.

8.3 Valutazzjoni tal-ġestjoni tar-riskju tal-likwidità

348. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-qafas ta' ġestjoni tar-riskju tal-likwidità tad-ditta tal-investiment. Għal ditti tal-investiment iżgħar u inqas kumplessi, din il-valutazzjoni għandha tiġi ssimplifikata sabiex jiġi evitat piż eċċessiv fuq l-awtorità kif ukoll fuq id-ditta tal-investiment.

Qafas, politiki u proċeduri organizzazzjonali

349. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk id-ditta tal-investiment għandhiex qafas effettiv ta' ġestjoni tar-riskju tal-likwidità li jippermetti lid-ditta tidentifika kif hija

esposta għar-riskju tal-likwidità. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk id-ditta tal-investiment tkunx stabbiliet sistemi sodi ta' ġestjoni u ta' kontroll tar-riskju tal-likwidità, li jippermettu lid-ditta tal-investiment timmonitorja l-effettività tal-likwidità, il-livell ta' riskju tal-likwidità u l-konformità tagħha mal-politiki u l-proċeduri stabbiliti.

350. Il-qafas għandu jkun proporzjonali għad-daqs, l-istruttura u l-organizzazzjoni interna tad-ditta tal-investiment u n-natura, l-kamp ta' applikazzjoni u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħha, kif ukoll ir-riskju għall-klijenti, ir-riskju għas-suq u ir-riskju għad-ditta tal-investiment tagħha. Għal ditti tal-investiment li ma jinnegozjawx akkont proprju, il-qafas tal-ġestjoni tar-riskju tal-likwidità jista' ma jkollux bżonn jiġi separat minn politiki u proċeduri oħrajn relatati mar-riskju.

351. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk il-qafas tal-ġestjoni tar-riskju tad-ditta tal-investiment iqisx kif id-ditta tal-investiment tista' tidentifika nuqqasijiet ta' assi likwidi qabel ma jseħħu kundizzjonijiet ta' stress.

352. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-istrateġiji tad-ditta tal-investiment jiffokawx fuq l-iżgurar tal-kapaċità tad-ditta tal-investiment li tkompli topera u ssegwi opportunitajiet ġodda ta' negozju permezz tal-ambjenti kollha tas-suq għal perjodu estiż mingħajr ma tillikwida l-assi minnufih jew tiġbor fondi addizzjonali.

353. Meta jivvalutaw il-qafas, il-politiki u l-proċeduri għall-ġestjoni tar-riskju tal-likwidità, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu l-kriterji kollha li ġejjin:

a. jekk il-korp maniġerjali japprovax il-politiki għall-ġestjoni tar-riskju tal-likwidità u jiddiskutihomx u jirrevedihomx b'mod regolari;

b. jekk il-maniġment superjuri hux responsabbli għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-proċeduri għall-ġestjoni tar-riskju tal-likwidità;

c. jekk il-maniġment superjuri jiżgurax li d-deċiżjonijiet tal-korp maniġerjali jkunu implimentati u ssorveljati b'mod attiv;

d. jekk il-qafas tal-ġestjoni tar-riskju tal-likwidità huwiex internament koerenti u jiżgurax li l-ILAAP, meta disponibbli, huwa komprensiv, u huwiex integrat sew fil-qafas tal-ġestjoni tar-riskju usa' tad-ditta tal-investiment; u

e. jekk il-politiki u l-proċeduri humiex definiti sew, formalizzati u kkomunikati b'mod effettiv fid-ditta tal-investiment kollha.

354. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk id-ditta tal-investiment għandhiex qafas organizzazzjonali xieraq għall-funzjonijiet tal-immaniġġar, tal-kejl u tal-kontroll tar-riskju tal-likwidità. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu l-kriterji kollha li ġejjin:

a. jekk is-sistemi u l-proċessi ta' kontroll u monitoraġġ tar-riskju tal-likwidità humiex ikkontrollati minn funzjonijiet ta' kontroll indipendenti; u

b. jekk il-funzjonijiet ta' ġestjoni, kejl u kontroll tar-riskji jkoprux ir-riskju tal-likwidità fid-ditta tal-investiment, u b'mod partikolari l-oqsma kollha fejn ir-riskju tal-likwidità jista' jittieħed, jiġi mmitigat jew issorveljat.

Qafas ta' kontroll intern tar-riskju tal-likwidità

355. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk id-ditta tal-investiment għandhiex qafas b'saħħtu u komprensiv ta' kontroll u salvagwardji sodi biex timmitiga jew tillimita r-riskju ta' likwidità tagħha. Il-qafas ta' kontroll tal-likwidità u l-mekkaniżmi ta' salvagwardja jistgħu jiġu sseparati minn oqfsa jew mekkaniżmi ta' kontroll tar-riskji oħrajn. Meta jivvalutaw tali oqfsa u mekkaniżmi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu l-kriterji kollha li ġejjin:

a. jekk il-qafas tal-limitu u kontroll huwiex adegwat għall-kumplessità, id-daqs u l-mudell tan-negozju tad-ditta tal-investiment u jirriflettix il-motivaturi materjali differenti tar-riskju ta' likwidità, bħal diskrepanzi fil-maturità, diskrepanzi fil-munita, tranżazzjonijiet ta' derivattivi, entrati li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ u r-riskju tal-likwidità fl-istess ġurnata;

b. jekk id-ditta tal-investiment tkunx implimentat limiti u sistemi ta' monitoraġġ adegwati li jkunu konsistenti mal-aptit tagħha għar-riskju tal-likwidità;

c. jekk il-limiti tar-riskju jiġux riveduti b'mod regolari mill-korpi kompetenti jew mill-funzjoni ta' kontroll tad-ditta tal-investiment u jiġux kkomunikati b'mod ċar fid-ditta;

d. jekk hemmx proċeduri ċari u trasparenti dwar kif hija ssorveljata l-konformità mal-limiti individwali tar-riskju tal-likwidità u kif il-ksur tal-limiti huwa mmaniġġat (inklużi proċeduri ċari ta' eskalazzjoni u rapportar); u

e. jekk il-qafas tal-limitu u kontroll jgħinx lid-ditta tal-investiment tiżgura d-disponibbiltà ta' assi likwidi suffiċjenti.

8.4 Sommarju tas-sejbiet u għoti ta' punteġġ

356. Wara l-valutazzjoni ta' hawn fuq, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar ir-riskju tal-likwidità tad-ditta tal-investiment. Din l-opinjoni għandha tkun riflessa fis-sommarju tas-sejbiet, akkumpanjata minn punteġġ tar-riskju ibbażat fuq il-kunsiderazzjonijiet speċifikati fit-Tabella 10.

Tabella 10. Kunsiderazzjonijiet superviżorji għall-għoti ta' punteġġ għar-riskju tal-likwidità

Punteġġ tar-riskju	Perspettiva superviżorja	Kunsiderazzjonijiet fir-rigward tar-riskju inerenti	Kunsiderazzjonijiet fir-rigward ta' ġestjoni u kontrolli xierqa
1	Hemm riskju baxx ta' impatt prudenzjali sinifikanti fuq id-ditta tal-investiment meta jitqies il-livell tar-riskju tal-likwidità u l-ġestjoni u l-kontrolli.	• Hemm riskju mhux materjali/baxx ħafna. • Id-daqs u l-kompożizzjoni tal-assi likwidu huma adegwati u xierqa. • Il-livell ta' motivaturi oħrajn tar-riskju tal-likwidità (inkluż riskju reputazzjonali, in-nuqqas ta' kapaċità li tiġi ttrasferita l-likwidità intragrupp) mhuwiex materjali/baxx ħafna. • Hemm riskju mhux materjali/baxx ħafna mill-profil ta' finanzjament tad-ditta tal-investiment jew mill-istabbiltà tagħha. • Motivaturi oħrajn tar-riskju tal-likwidità (inkluż ir-riskju reputazzjonali) mhumiex materjali/baxxi ħafna.	• Hemm konsistenza bejn il-qafas tal-ġestjoni tar-riskju tal-likwidità tad-ditta tal-investiment u l-istrateġija ġenerali u l-aptit għar-riskju tagħha. • Is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tar-riskju tal-likwidità huma xierqa u f'konformità mal-istrateġija tal-ġestjoni tar-riskju u l-aptit għar-riskju tad-ditta tal-investiment.
2	Hemm riskju medju-baxx ta' impatt prudenzjali sinifikanti fuq id-ditta tal-investiment meta jitqies il-livell tar-riskju tal-likwidità u l-ġestjoni u l-kontrolli.	• Diskrepanzi (bejn il-maturitajiet, il-muniti) jimplikaw riskju baxx sa medju. • Ir-riskju maħluq mid-daqs u l-kompożizzjoni tar-riżervi tal-likwidità huwa baxx sa medju. • Il-livell ta' motivaturi oħrajn tar-riskju tal-likwidità (inkluż ir-riskju reputazzjonali, in-nuqqas ta' kapaċità li tiġi ttrasferita l-likwidità intragrupp) huwa baxx sa medju. • Ir-riskju maħluq mill-profil ta' finanzjament tad-ditta tal-investiment u l-istabbiltà tagħha huwa baxx sa medju. • Motivaturi oħrajn tar-riskju tal-likwidità (inkluż ir-riskju reputazzjonali) huma baxxi sa medji.	

3	Hemm riskju medju-għoli ta' impatt prudenzjali sinifikanti fuq id-ditta tal-investiment meta jitqies il-livell tar-riskju tal-likwidità u l-ġestjoni u l-kontrolli.	• Diskrepanzi (inkluż bejn il-maturitajiet, il-muniti) jimplikaw riskju medju sa għoli. • Ir-riskju impost mid-daqs u l-kompożizzjoni tal-assi likwidi huwa medju sa għoli. • Il-livell ta' motivaturi oħrajn tar-riskju tal-likwidità (inkluż ir-riskju reputazzjonali, in-nuqqas ta' kapaċità li tiġi ttrasferita l-likwidità intragrupp) huwa medju sa għoli. • Ir-riskju maħluq mill-profil ta' finanzjament tad-ditta tal-investiment u l-istabbiltà tagħha huwa medju sa għoli. • Motivaturi oħrajn tar-riskju tal-likwidità (inkluż ir-riskju reputazzjonali) huma medji sa għoljin.	
4	Hemm riskju għoli ta' impatt prudenzjali sinifikanti fuq id-ditta tal-investiment meta jitqies il-livell tar-riskju tal-likwidità u l-ġestjoni u l-kontrolli.	• Diskrepanzi (inkluż bejn il-maturitajiet, il-muniti) jimplikaw riskju għoli. • Ir-riskju impost mid-daqs u l-kompożizzjoni tal-assi likwidi huwa għoli. • Il-livell ta' motivaturi oħrajn tar-riskju tal-likwidità (inkluż ir-riskju reputazzjonali, in-nuqqas ta' kapaċità li tiġi ttrasferita l-likwidità intragrupp) huwa għoli. • Ir-riskju maħluq mill-profil ta' finanzjament tad-ditta tal-investiment u l-istabbiltà tagħha huwa għoli. • Motivaturi oħrajn tar-riskju tal-likwidità (inkluż ir-riskju reputazzjonali) huma għoljin.	

Titolu 9. Determinazzjoni tal-eżitu tal-valutazzjoni tal-likwidità

9.1 Kunsiderazzjonijiet ġenerali

357. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw il-valutazzjoni skont it-Titolu 8 biex jidentifikaw u jivvalutaw ir-riskju ta' likwidità attwali u futur li d-ditta tal-investiment tiffaċċja jew tista' tiffaċċja u kif id-ditta tal-investiment tista' timmitiga dak ir-riskju.

358. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu l-proċess ta' valutazzjoni tal-likwidità tal-SREP permezz tal-passi li ġejjin:

a. valutazzjoni ġenerali tal-likwidità tad-ditta tal-investiment;

b. determinazzjoni tal-ħtieġa ta' miżuri speċifiċi ta' likwidità bbażati fuq ir-regolament delegat adottat f'konformità mal-Artikolu 42(6) tad-Direttiva (UE) 2019/2034;

c. determinazzjoni tal-punteġġ tal-likwidità.

9.2 Valutazzjoni ġenerali tar-riskju tal-likwidità

359. Sabiex jivvalutaw jekk il-likwidità miżmuma minn ditta tal-investiment tipprovdix kopertura xierqa tar-riskji għal-likwidità, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw is-sorsi kollha ta' informazzjoni li ġejjin:

a. l-eżiti tal-valutazzjoni tar-riskju tal-likwidità;

b. l-ILAAP tad-ditta tal-investiment, meta disponibbli; u

c. inputs rilevanti oħrajn bħal informazzjoni minn verifiki fuq il-post, analiżi tal-grupp ta' pari tas-superviżuri tal-AML/CFT jew ittestjar tal-istress, rapporti interni tal-ġestjoni tar-riskju u rapporti ad-hoc mitluba mill-awtoritajiet kompetenti, meta disponibbli.

360. Għall-eżitu tal-valutazzjoni tar-riskju tal-likwidità, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu s-sejbiet rigward l-aspetti kollha li ġejjin:

a. riskju ta' likwidità mhux kopert mir-rekwiżiti ta' likwidità speċifikati fir-Regolament (UE) 2019/2033, inkluż, meta rilevanti, ir-riskju ta' likwidità fl-istess ġurnata;

b. riskji oħrajn mhux koperti u mkejla b'mod adegwat mid-ditta tal-investiment, bħala riżultat ta' sottovalutazzjoni tal-ħruġ, sovrastima tad-dħul, sovrastima tal-assi

likwidi jew indisponibbiltà minn perspettiva operazzjonali ta' assi likwidi, bħal assi mhux disponibbli għall-bejgħ u assi li huma faċilment disponibbli;

c. finanzjament ta' konċentrazzjoni speċifika minn kontropartijiet jew prodott/tip; u

d. eżiti rilevanti oħrajn tat-testijiet tal-istress tal-likwidità superviżorji.

361. Meta jivvalutaw il-qafas tal-ILAAP tad-ditta tal-investiment, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk il-kalkoli tal-ILAAP humiex kredibbli. Il-kalkoli użati mid-ditti tal-investiment għandhom jitqiesu kredibbli meta jkopru b'mod adegwat ir-riskji li jkunu qed ifittxu li jindirizzaw. Il-kalkoli għandhom jitqiesu li jinftiehmu meta jkun hemm tqassim ċar u sommarju tal-komponenti sottostanti tal-kalkoli tal-ILAAP.

362. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jaqilbu din il-valutazzjoni ġenerali f'punteġġ ta' likwidità u finanzjament, li għandu jirrifletti l-opinjoni tal-awtoritajiet kompetenti dwar it-theddid għall-vijabbiltà tad-ditta tal-investiment li jista' jinqala' minn riskji għal-likwidità.

9.3 Determinazzjoni tal-ħtieġa ta' rekwiżiti speċifiċi ta' likwidità

363. Meta l-awtoritajiet kompetenti jiddeterminaw ir-rekwiżiti speċifiċi ta' likwidità f'konformità mal-Artikolu 42 tad-Direttiva (UE) 2019/2034, dawn għandhom jiddeċiedu dwar l-applikazzjoni tar-rekwiżiti kwantitattivi, kif koperti f'dan it-titolu, jew dwar l-applikazzjoni tar-rekwiżiti kwalitattivi, kif koperti fit-Titolu 10 ta' dawn il-linji gwida.

364. Sabiex jiġi ddeterminat ir-rekwiżit kwantitattiv, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jeħtieġu ammont ta' assi likwidi f'konformità mar-regolament delegat adottat f'konformità mal-Artikolu 42(6) tad-Direttiva (UE) 2019/2034 li jimmitiga n-nuqqasijiet identifikati.

9.4 Sommarju tas-sejbiet u għoti ta' punteġġ

365. Wara l-valutazzjoni ta' hawn fuq, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffurmaw opinjoni dwar jekk ir-riżorsi ta' likwidità eżistenti jipprovdux kopertura soda tar-riskji li d-ditta tal-investiment hija jew tista' tkun esposta għalihom. Din l-opinjoni għandha tkun riflessa f'sommarju ta' sejbiet, akkumpanjata minn punteġġ ibbażat fuq il-kunsiderazzjonijiet speċifikati fit-Tabella 11.

Tabella 11. Kunsiderazzjonijiet superviżorji għall-għoti ta' punteġġ lill-adegwatezza tal-likwidità

Punteġġ	Perspettiva superviżorja	Kunsiderazzjonijiet
1	Il-pożizzjoni ta' likwidità u l-profil ta' finanzjament tad-ditta tal-investiment ma joħolqu ebda riskju sinifikanti għall-vijabbiltà tad-ditta tal-investiment.	• Il-likwidità tad-ditta tal-investiment hija ogħla mir-rekwiżiti kwantitattivi speċifiċi superviżorji u huma mistennija li jibqgħu hekk fil-futur. • Il-kompożizzjoni u l-istabbiltà tal-finanzjament ma joħolqu ebda riskju ċar fir-

		rigward tal-attivitajiet u l-mudell tan-negozju tad-ditta tal-investiment. • Il-fluss ħieles ta' likwidità bejn entitajiet fil-grupp, meta rilevanti, mhux imfixkel, jew l-entitajiet kollha jkollhom kapaċità ta' kontrobilanċ u likwidità ogħla mir-rekwiżiti superviżorji.
2	Il-pożizzjoni tal-likwidità u l-profil ta' finanzjament tad-ditta tal-investiment joħolqu livell baxx ta' riskju għall-vijabbiltà tad-ditta tal-investiment.	• Il-likwidità tad-ditta tal-investiment hija ogħla mir-rekwiżiti kwantitattivi speċifiċi superviżorji, iżda hemm riskju li ma jibqgħux hekk. • Il-kompożizzjoni u l-istabbiltà ta' finanzjament joħolqu livell baxx ta' riskju fir-rigward tal-attivitajiet u l-mudell tan-negozju tad-ditta tal-investiment. • Il-fluss liberu tal-likwidità bejn l-entitajiet fil-grupp, meta rilevanti, huwa jew jista' jiġi mfixkel marġinalment.
3	Il-pożizzjoni ta' likwidità jew il-profil ta' finanzjament tad-ditta tal-investiment joħolqu livell medju ta' riskju għall-vijabbiltà tad-ditta tal-investiment.	• Il-likwidità tad-ditta tal-investiment qiegħda tiddeterjora u/jew taqa' taħt ir-rekwiżiti kwantitattivi speċifiċi superviżorji, u hemm tħassib dwar il-kapaċità tad-ditta tal-investiment biex tirrestawra l-konformità ma' dawn ir-rekwiżiti fi żmien xieraq. • Il-kompożizzjoni u l-istabbiltà ta' finanzjament joħolqu livell medju ta' riskju fir-rigward tal-attivitajiet u l-mudell tan-negozju tad-ditta tal-investiment. • Il-fluss liberu tal-likwidità bejn l-entitajiet fil-grupp, meta rilevanti, huwa mfixkel.
4	Il-pożizzjoni ta' likwidità jew il-profil ta' finanzjament tad-ditta tal-investiment joħolqu livell għoli ta' riskju għall-vijabbiltà tad-ditta tal-investiment.	• Il-likwidità tad-ditta tal-investiment qiegħda tiddeterjora b'mod rapidu jew taqa' taħt ir-rekwiżiti kwantitattivi speċifiċi superviżorji, u hemm tħassib serju dwar il-kapaċità tad-ditta tal-investiment biex tirrestawra l-konformità ma' dawn ir-rekwiżiti fi żmien xieraq. • Il-kompożizzjoni u l-istabbiltà ta' finanzjament joħolqu livell għoli ta' riskju fir-rigward tal-attivitajiet u l-mudell tan-negozju tad-ditta tal-investiment. • Il-fluss liberu tal-likwidità bejn l-entitajiet fil-grupp, meta rilevanti, huwa mfixkel b'mod serju.

Titolu 10 Valutazzjoni ġenerali tal-SREP u applikazzjoni tal-miżuri superviżorji

10.1 Kunsiderazzjonijiet ġenerali

366. Dan it-titolu jkopri l-kombinazzjoni tas-sejbiet tal-valutazzjonijiet tal-elementi tal-SREP fil-valutazzjoni ġenerali tal-SREP. Huwa jindirizza wkoll l-applikazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti ta' miżuri superviżorji biex jindirizzaw nuqqasijiet identifikati permezz tal-valutazzjoni tal-elementi tal-SREP. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu japplikaw miżuri superviżorji kif speċifikat fid-Direttiva (UE) 2019/2034 (l-Artikoli 38, 39, 40, 41 u 42) u l-liġi nazzjonali, u, meta applikabbli, il-miżuri ta' intervent bikri kif speċifikat fl-Artikolu 27 tad-Direttiva 2014/59/UE, jew kwalunkwe kombinazzjoni ta' dawn ta' hawn fuq.

367. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jeżerċitaw is-setgħat superviżorji tagħhom fuq il-bażi tal-insuffiċjenzi identifikati matul il-valutazzjonijiet tal-elementi SREP individwali u filwaqt li jqisu l-valutazzjoni ġenerali tal-SREP, inkluż il-punteġġ, b'kunsiderazzjoni ta' dawn li ġejjin:

a. il-materjalità tan-nuqqasijiet/vulnerabbiltajiet u l-impatt prudenzjali potenzjali tan-nuqqas ta' indirizzar tal-kwistjoni (jiġifieri jekk huwiex neċessarju li l-kwistjoni tiġi indirizzata b'miżura speċifika);

b. jekk il-miżuri humiex konsistenti mal-valutazzjoni globali tagħhom ta' element SREP partikolari (u l-valutazzjoni kumplessiva SREP) jew proporzjonati magħha;

c. jekk humiex meħtieġa miżuri superviżorji jew amministrattivi oħrajn biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet/il-vulnerabbiltajiet prudenzjali relatati mar-riskji tal-ML/TF fil-mandat superviżorju tagħhom wara li jkunu kkomunikaw mas-superviżuri tal-AML/CFT rilevanti;

d. jekk l-insuffiċjenzi/il-vulnerabbiltajiet ġewx diġà indirizzati/koperti minn miżuri oħrajn;

e. jekk miżuri oħrajn jistgħux jilħqu l-istess għan b'inqas impatt amministrattiv u finanzjarju fuq id-ditta tal-investiment;

f. il-livell ottiku u t-tul tal-applikazzjoni tal-miżura biex jintlaħaq l-għan superviżorju; u

g. il-possibbiltà li r-riskji u l-vulnerabbiltajiet identifikati jistgħu jiġu korrelatati jew msaħħa b'mod awtomatiku, jew it-tnejn, li jistħoqqilhom żieda fir-rigorożità tal-miżuri superviżorji.

368. Meta japplikaw miżuri superviżorji biex jindirizzaw insuffiċjenzi speċifiċi identifikati fil-valutazzjoni tal-elementi SREP, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu b'mod ġenerali r-rekwiżiti kwantitattivi tal-fondi proprji u ta' likwidità li għandhom jiġu applikati abbażi tal-kriterji speċifikati fit-Titoli 7 u 9.

369. Meta japplikaw miżuri superviżorji jew sanzjonijiet biex jindirizzaw in-nuqqasijiet prudenzjali relatati mar-riskju tal-ML/TF, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinvolvu ruħhom mas-superviżuri tal-AML/CFT sabiex in-nuqqasijiet/il-vulnerabbiltajiet sottostanti jiġu indirizzati b'mod adegwat mill-miżuri xierqa fi ħdan il-mandat rispettiv tas-superviżuri tal-AML/CFT u tal-awtoritajiet kompetenti mill-perspettivi rispettivi tagħhom.

370. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jieħdu miżuri superviżorji immedjati marbuta direttament mal-eżiti ta' kwalunkwe attività superviżorja.

10.2 Valutazzjoni tal-SREP kumplessiva

371. Meta jiddeterminaw il-valutazzjoni ġenerali tal-SREP, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw is-sejbiet tal-valutazzjonijiet tal-elementi SREP, b'mod speċifiku:

a. ir-riskji li l-istituzzjoni hija jew tista' tkun esposta għalihom;

b. il-probabbiltà li l-governanza, l-insuffiċjenzi ta' kontroll u/jew il-mudell tan-negozju jew strateġija tad-ditta tal-investiment x'aktarx jaggravaw jew jimmitigaw dawn ir-riskji, jew jesponu lid-ditta tal-investiment għal sorsi ġodda ta' riskju;

c. jekk il-fondi proprji u r-riżorsi ta' likwidità tad-ditta tal-investiment jipprovdux kopertura soda ta' dawn ir-riskji; u

d. il-potenzjal ta' interazzjoni pożittiva u negattiva bejn l-elementi (b'mod partikolari l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkunsidraw pożizzjoni kapitali b'saħħitha bħala fattur mitiganti potenzjali għal ċertu tħassib identifikat fil-qasam tal-likwidità u l-finanzjament, jew b'kuntrast, li pożizzjoni kapitali dgħajfa tista' taggrava tħassib f'dak il-qasam).

372. Fuq il-bażi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw il-vijabbiltà tad-ditta tal-investiment, definita bħala l-prossimità tagħha għal punt ta' non-vijabbiltà fuq il-bażi tal-adegwatezza tal-fondi proprji u r-riżorsi ta' likwidità, il-governanza, il-kontrolli u/jew il-mudell tan-negozju jew strateġija tagħha biex tkopri r-riskji li tkun jew tista' tkun esposta għalihom.

373. Fuq il-bażi ta' din id-determinazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom:

a. jieħdu kwalunkwe miżura superviżorja meħtieġa biex jindirizzaw it-tħassib;

b. jiddeterminaw ir-riżorsi u l-ippjanar superviżorji futuri għad-ditta tal-investiment, inkluż jekk kwalunkwe attività superviżorja speċifika għandhiex tiġi ppjanata għad-ditta tal-investiment;

c. meta applikabbli, jiddeterminaw il-ħtieġa ta' miżuri ta' intervent bikri kif speċifikat fl-Artikolu 27 tad-Direttiva 2014/59/UE; u

d. jiddeterminaw jekk id-ditta tal-investiment tistax titqies li "qed tfalli jew probabbilment se tfalli".

374. Il-valutazzjoni tal-SREP ġenerali għandha tiġi riflessa f'punteġġ ta' vijabbiltà bbażat fuq il-kunsiderazzjonijiet speċifikati fit-Tabella 12 u tiġi ddokumentata b'mod ċar f'sommarju tal-valutazzjoni tal-SREP ġenerali. Dan is-sommarju annwali għandu jinkludi wkoll il-punteġġ ġenerali tal-SREP u punteġġi għall-elementi tal-SREP, u kwalunkwe sejba superviżorja magħmula matul it-12-il xahar ta' qabel.

Tabella 12. Kunsiderazzjonijiet superviżorji għall-għoti tal-punteġġ SREP ġenerali

Punteġġ	Perspettiva superviżorja	Kunsiderazzjonijiet
1	Ir-riskji identifikati joħolqu livell baxx ta' riskju għall-vijabbiltà tad-ditta tal-investiment.	• Il-mudell tan-negozju u l-istrateġija tad-ditta tal-investiment ma jqajmux tħassib. • Il-governanza interna u l-arranġamenti ta' kontroll fid-ditta tal-investiment kollha ma jqajmux tħassib. • Ir-riskji tad-ditta tal-investiment għall-kapital u l-likwidità joħolqu riskju mhux materjali/baxx ħafna ta' impatt prudenzjali sinifikanti. • Il-kompożizzjoni u l-kwantità tal-fondi proprji miżmuma ma jqajmux tħassib. • Il-pożizzjoni ta' likwidità u l-profil ta' finanzjament tad-ditta tal-investiment ma jqajmux tħassib. • Meta rilevanti, l-ebda tħassib materjali dwar il-kredibbiltà u l-fattibbiltà tal-pjan ta' rkupru tad-ditta tal-investiment inkluża l-kapaċità ta' rkupru ġenerali tagħha.
2	Ir-riskji identifikati joħolqu livell medju baxx ta' riskju għall-vijabbiltà tad-ditta tal-investiment.	• Hemm livell baxx sa medju ta' tħassib dwar il-mudell tan-negozju u l-istrateġija tad-ditta tal-investiment. • Hemm livell baxx sa medju ta' tħassib dwar il-governanza tad-ditta tal-investiment u l-arranġamenti ta' kontroll fid-ditta tal-investiment kollha.

Punteġġ	Perspettiva superviżorja	Kunsiderazzjonijiet
		• Hemm livell baxx sa medju ta' riskju ta' impatt prudenzjali sinifikanti kkawżat minn riskji għall-kapital u l-likwidità. • Hemm livell baxx sa medju ta' tħassib dwar il-kompożizzjoni u l-kwantità tal-fondi proprji miżmuma. • Hemm livell baxx sa medju ta' tħassib dwar il-pożizzjoni tal-likwidità u/jew il-profil ta' finanzjament tad-ditta tal-investiment. • Meta rilevanti, hemm livell baxx sa medju ta' tħassib dwar il-kredibbiltà u l-fattibbiltà tal-pjan ta' rkupru tad-ditta tal-investiment, inkluża l-kapaċità ta' rkupru ġenerali tagħha.
3	Ir-riskji identifikati joħolqu livell medju-għoli ta' riskju għall-vijabbiltà tad-ditta tal-investiment.	• Hemm livell medju sa għoli ta' tħassib dwar il-mudell tan-negozju u l-istrateġija tad-ditta tal-investiment. • Hemm livell medju sa għoli ta' tħassib dwar il-governanza tad-ditta tal-investiment jew l-arranġamenti ta' kontroll fid-ditta tal-investiment kollha. • Hemm livell medju sa għoli ta' riskju ta' impatt prudenzjali sinifikanti kkawżat minn riskji għall-kapital u l-likwidità. • Hemm livell medju sa għoli ta' tħassib dwar il-kompożizzjoni u l-kwantità tal-fondi proprji miżmuma mid-ditta tal-investiment. • Hemm livell medju sa għoli ta' tħassib dwar il-pożizzjoni tal-likwidità u/jew il-profil ta' finanzjament tad-ditta tal-investiment. • Meta rilevanti, hemm livell medju sa għoli ta' tħassib dwar il-kredibbiltà u l-fattibbiltà tal-pjan ta' rkupru tad-ditta tal-investiment, inkluża l-kapaċità ta' rkupru ġenerali tagħha.
4	Ir-riskji identifikati joħolqu livell għoli ta' riskju għall-vijabbiltà tad-ditta tal-investiment.	• Hemm livell għoli ta' tħassib dwar il-mudell tan-negozju u l-istrateġija tad-ditta tal-investiment. • Hemm livell għoli ta' tħassib dwar il-governanza tad-ditta tal-investiment jew l-arranġamenti ta' kontroll fid-ditta tal-investiment kollha.

Punteġġ	Perspettiva superviżorja	Kunsiderazzjonijiet
		• Hemm livell għoli ta' riskju ta' impatt prudenzjali sinifikanti kkawżat minn riskji għall-kapital u l-likwidità. • Hemm livell għoli ta' tħassib dwar il-kompożizzjoni u l-kwantità tal-fondi proprji miżmuma mid-ditta tal-investiment. • Hemm livell għoli ta' tħassib dwar il-pożizzjoni tal-likwidità u/jew il-profil ta' finanzjament tad-ditta tal-investiment. • Meta rilevanti, hemm livell għoli ta' tħassib dwar il-kredibbiltà u l-fattibbiltà tal-pjan ta' rkupru tad-ditta tal-investiment, inkluża l-kapaċità ta' rkupru ġenerali tagħha.
F	Id-ditta tal-investiment hija kkunsidrata li "qed tfalli jew probabbilment se tfalli".	• Hemm riskju immedjat għall-vijabbiltà tad-ditta tal-investiment. • Id-ditta tal-investiment tissodisfa l-kundizzjonijiet għall-falliment jew il-probabbiltà ta' falliment, kif speċifikat fl-Artikolu 32(4) tad-Direttiva 2014/59/UE[22].

375. Meta jiddeterminaw li ditta tal-investiment qed "tfalli jew probabbilment se tfalli", kif rifless minn punteġġ ġenerali tal-SREP ta' "F", l-awtoritajiet kompetenti, meta rilevanti, għandhom jikkomunikaw mal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni biex jikkonsultaw dwar is-sejbiet skont il-proċedura speċifikata fl-Artikolu 32 tad-Direttiva 2014/59/UE. Fil-każ ta' ditti tal-investiment li mhumiex soġġetti għad-Direttiva 2014/59/UE, iżda li huma vvalutati bħala li "qed ifallu jew probabbilment se ifallu", l-awtoritajiet kompetenti għandhom jtejbu l-involviment mad-ditta tal-investiment biex jiżguraw l-istralċ ordnat tagħha.

10.3 Applikazzjoni tal-miżuri kapitali

376. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jimponu rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali u jistabbilixxu aspettattivi ta' fondi proprji billi jistabbilixxu P2R u P2G f'konformità mat-Titolu 7.

[22] B'mod partikolari, l-awtorità kompetenti hija tal-fehma li (1) id-ditta tal-investiment tikser, jew hemm elementi oġġettivi biex jappoġġaw determinazzjoni li d-ditta tal-investiment, fil-futur qarib, se tikser, ir-rekwiżiti għall-awtorizzazzjoni kontinwa b'mod li jiġġustifika l-irtirar tal-awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti, għal raġunijiet li jinkludu, iżda mhux limitati għall-fatt li d-ditta tal-investiment tkun ġarrbet jew x'aktarx iġġarrab telf li se jbattal il-fondi proprji kollha tagħha jew ammont sinifikanti minnhom; (2) l-assi tad-ditta tal-investiment huma, jew hemm elementi oġġettivi biex jappoġġaw determinazzjoni li l-assi tad-ditta tal-investiment, fil-futur qarib, se ikunu, inqas mill-obbligazzjonijiet tagħha; jew (3) id-ditta tal-investiment hija, jew hemm elementi oġġettivi biex jappoġġaw determinazzjoni li d-ditta tal-investiment, fil-futur qarib, mhux se tkun tista' tħallas id-djun jew obbligazzjonijiet oħrajn tagħha meta jsiru dovuti. L-Artikolu 32(4)(d) tad-Direttiva 2014/59/UE jidentifika wkoll kriterji ta' appoġġ pubbliku straordinarji għad-determinazzjoni ta' jekk ditta tal-investiment tkunx qed tfalli jew probabbilment se tfalli, iżda dawn il-kriterji mhumiex ikkunsidrati għall-finijiet tal-SREP u d-determinazzjoni magħmula mill-awtoritajiet kompetenti.

377. Minkejja r-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu preċedenti, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, fuq il-bażi tal-vulnerabbiltajiet u l-insuffiċjenzi identifikati fil-valutazzjoni tal-elementi tal-SREP, jimponu miżuri addizzjonali kapitali li jinkludu:

a. ħtieġa li d-ditta tal-investiment tuża profitti netti biex issaħħaħ fondi proprji f'konformità mal-Artikolu 39(2), il-punt (h) tad-Direttiva (UE) 2019/2034;

b. limitazzjoni jew projbizzjoni ta' distribuzzjonijiet jew pagamenti ta' imgħax mid-ditta tal-investiment lill-azzjonisti, membri jew detenturi ta' strumenti addizzjonali tal-Grad 1 fejn tali projbizzjoni ma tikkostitwixxix avveniment ta' inadempjenza tad-ditta tal-investiment f'konformità mal-Artikolu 39(2), il-punt (i) tad-Direttiva (UE) 2019/2034; u/jew

c. ħtieġa li d-ditta tal-investiment tapplika politika ta' provviżjonament speċifiku jew trattament tal-assi f'termini ta' rekwiżiti ta' fondi proprji f'konformità mal-Artikolu 39(2), il-punt (d) tad-Direttiva (UE) 2013/2034.

378. Jekk wara li jkunu qed jikkomunikaw mas-superviżur tal-AML/CFT, ikun hemm il-ħtieġa li l-awtoritajiet kompetenti jindirizzaw in-nuqqasijiet/il-vulnerabbiltajiet prudenzjali relatati mar-riskji tal-ML/TF bħala riżultat tal-valutazzjoni tal-elementi tal-SREP, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinkludu dawk fil-kunsiderazzjonijiet tagħhom meta jistabbilixxu rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali biss meta dan jitqies aktar xieraq minn miżuri superviżorji oħrajn. Jekk jiġu imposti rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali, dawn għandhom jintużaw bħala miżura interim filwaqt li jiġu indirizzati n-nuqqasijiet.

10.4 Applikazzjoni tal-miżuri tal-likwidità

379. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jimponu rekwiżiti speċifiċi ta' likwidità f'konformità mal-proċess u l-kriterji speċifikati fit-Titolu 9.

380. Minkejja r-rekwiżiti kwantitattivi speċifiċi msemmija fil-paragrafu preċedenti, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, fuq il-bażi tal-vulnerabbiltajiet u n-nuqqasijiet identifikati fil-valutazzjoni tar-riskji għal-likwidità u l-finanzjament, jimponu miżuri addizzjonali ta' likwidità li jinkludu, bħal rekwiżiti speċifiċi ta' likwidità f'konformità mal-Artikolu 39(2), il-punt (k) jew l-Artikolu 42 tad-Direttiva (UE) 2019/2034.

10.5 Applikazzjoni ta' miżuri superviżorji oħrajn

381. Biex jindirizzaw nuqqasijiet speċifiċi identifikati fil-valutazzjoni tal-elementi SREP, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkunsidraw li japplikaw miżuri li mhumiex marbuta direttament mar-rekwiżiti kapitali jew tal-likwidità kwantitattivi. Din it-taqsima tipprovdi lista mhux eżawrjenti ta' miżuri superviżorji possibbli li jistgħu jiġu applikati bbażati fuq l-Artikolu 39 tad-Direttiva (UE) 2019/2034. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu japplikaw miżuri superviżorji oħrajn kif stabbilit f'dak l-Artikolu jekk dawn ikunu aktar xierqa biex

jindirizzaw in-nuqqasijiet identifikati kif deskritt f'din it-taqsima. L-għażla tal-miżuri għandha tqis ir-riżultati tal-valutazzjoni mwettqa f'konformità mat-Titoli 4, 5, 6 u 8 ta' dawn il-linji gwida.

L-analiżi tal-mudell kummerċjali

382. Miżuri superviżorji biex jindirizzaw nuqqasijiet identifikati fil-BMA x'aktarx jinvolvu l-ħtieġa li d-ditta tal-investiment taġġusta arranġamenti ta' governanza u ta' kontroll biex tgħin fl-implimentazzjoni tal-mudell tan-negozju u l-istrateġija jew il-limitazzjoni ta' ċerti attivitajiet kummerċjali.

383. F'konformità mal-Artikolu 39(2), il-punt (b) tad-Direttiva (UE) 2019/2034, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeħtieġu li d-ditta tal-investiment tagħmel aġġustamenti għall-arranġamenti ta' ġestjoni u kontroll tar-riskju, jew għall-arranġamenti ta' governanza, biex taqbel mal-mudell tan-negozju jew l-istrateġija mixtieqa, permezz ta' mezzi li jinkludu:

a. aġġustament tal-pjan finanzjarju preżunt fl-istrateġija, jekk ma jkunx appoġġat mill-ippjanar tal-kapital intern jew suppożizzjonijiet kredibbli;

b. ħtieġa ta' bidliet fl-istrutturi organizzattivi, rinfurzar ta' ġestjoni tar-riskju u funzjonijiet ta' kontroll u arranġamenti biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-mudell tan-negozju jew l-istrateġija; u/jew

c. ħtieġa ta' tibdil u rinfurzar tas-sistemi tal-IT biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-mudell tan-negozju jew l-istrateġija.

384. F'konformità mal-Artikolu 39(2), il-punt (e) tad-Direttiva (UE) 2019/2034, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeħtieġu li d-ditta tal-investiment tagħmel bidliet fil-mudell tan-negozju jew l-istrateġija fejn:

a. dawn mhumiex appoġġati minn arranġamenti xierqa ta' organizzazzjoni, governanza jew kontroll jew ġestjoni tar-riskju;

b. dawn mhumiex appoġġati minn pjanijiet kapitali u operazzjonali, inkluża l-allokazzjoni ta' riżorsi finanzjarji, umani u teknoloġiċi (tal-IT) xierqa; u/jew

c. hemm tħassib sinifikanti dwar is-sostenibbiltà tal-mudell tan-negozju.

385. F'konformità mal-Artikolu 39(2), il-punt (f) tad-Direttiva (UE) 2019/2034, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu:

a. jeħtieġu lid-ditti tal-investiment inaqqsu r-riskju inerenti fil-prodotti li joriġinaw/jiddistribwixxu, permezz ta' mezzi li jinkludu:

- ħtieġa ta' tibdil fir-riskji inerenti f'ċerti offerti tal-prodott; u/jew
- ħtieġa ta' titjib għall-arranġamenti ta' governanza u ta' kontroll għall-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-prodotti;

b. jeħtieġu lid-ditta tal-investiment tnaqqas ir-riskju inerenti fis-sistemi tagħha, permezz ta'mezzi li jinkludu:

- ħtieġa ta' titjib fis-sistemi, jew iżżid il-livell ta' investiment jew tħaffif tal-implimentazzjoni ta' sistemi ġodda; u/jew
- ħtieġa ta' titjib għall-arranġamenti ta' governanza u ta' kontroll għall-iżvilupp u l-manutenzjoni tas-sistema;

c. jeħtieġu li d-ditti tal-investiment inaqqsu r-riskju inerenti fl-attivitajiet tagħhom, inklużi l-attivitajiet esternalizzati, permezz ta' mezzi li jinkludu:

- ħtieġa ta' tibdil jew tnaqqis ta' ċerti attivitajiet bil-għan li jitnaqqas ir-riskju inerenti tagħhom; u/jew
- ħtieġa ta' titjib fl-arranġamenti ta' governanza u kontroll u s-sorveljanza tal-attivitajiet esternalizzati.

Governanza interna u kontrolli fid-ditta tal-investiment kollha

386. Miżuri superviżorji biex jindirizzaw in-nuqqasijiet identifikati fil-valutazzjoni tal-governanza interna u l-kontrolli fid-ditta tal-investiment kollha jistgħu jiffokaw fuq il-ħtieġa li d-ditta tal-investiment issaħħaħ l-arranġamenti ta' governanza u ta' kontroll, jew tnaqqas ir-riskju inerenti fil-prodotti, is-sistemi u l-operazzjonijiet tagħha. Meta japplikaw miżuri superviżorji biex jindirizzaw in-nuqqasijiet identifikati fil-valutazzjoni tal-governanza interna, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkomunikaw mal-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tad-Direttiva 2014/65/UE sabiex in-nuqqasijiet/il-vulnerabbiltajiet sottostanti jiġu indirizzati b'mod konsistenti.

387. F'konformità mal-Artikolu 39(2), il-punt (b) tad-Direttiva (UE) 2019/2034, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu:

a. jeħtieġu lid-ditta tal-investiment tagħmel bidliet fl-arranġamenti u l-organizzazzjoni ta' governanza ġenerali, permezz ta' mezzi li jinkludu li teħtieġ:

- bidliet fl-istruttura organizzattiva jew funzjonali, inklużi l-linji ta' rapportar;
- emendi għall-politiki tar-riskju jew kif dawn jiġu żviluppati u implimentati fl-organizzazzjoni; u/jew
- żieda fit-trasparenza tal-arranġamenti ta' governanza;

b. jeħtieġu lid-ditta tal-investiment tagħmel bidliet fl-organizzazzjoni, il-kompożizzjoni jew l-arranġamenti ta' ħidma tal-korp maniġerjali;

c. jeħtieġu lid-ditta tal-investiment issaħħaħ l-arranġamenti ġenerali tagħha ta' ġestjoni tar-riskju, permezz ta' mezzi li jinkludu li teħtieġ:

- bidliet jew tnaqqis fl-aptit għar-riskju, jew l-arranġamenti ta' governanza għall-iffissar ta' aptit għar-riskju, u l-iżvilupp tal-istrateġija ġenerali tar-riskju;

- titjib għal proċeduri u mudelli ICAAP jew ILAAP, meta dawn ma jitqisux adattati għall-iskop;

- tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-ittestjar tal-istress u l-programm ġenerali tal-ittestjar tal-istress; u/jew

- titjib għall-ippjanar ta' kontinġenza;

d. jeħtieġu lid-ditta tal-investiment issaħħaħ l-arranġamenti u l-funzjonijiet tal-kontroll intern, permezz ta' mezzi li jinkludu li teħtieġ:

- l-indipendenza u persunal adegwat tal-funzjoni tal-awditjar intern; u/jew

- titjib fil-proċess ta' rapportar intern biex tiżgura li r-rapportar lill-korp ta' ġestjoni jkun xieraq;

e. jeħtieġu lid-ditta tal-investiment ittejjeb is-sistemi ta' informazzjoni jew l-arranġamenti tal-kontinwità tal-operat, pereżempju billi teħtieġ:

- titjib fl-affidabbiltà tas-sistemi; u/jew

- żvilupp u ttestjar tal-pjanijiet ta' kontinwità tal-operat.

388. F'konformità mal-Artikolu 39(2), il-punt (g) tad-Direttiva (UE) 2019/2034, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeħtieġu lid-ditta tal-investiment:

a. tagħmel bidliet lill-politiki tar-remunerazzjoni; u/jew

b. tillimita r-remunerazzjoni varjabbli bħala perċentwali tad-dħul nett.

389. Abbażi tal-eżiti tar-reviżjoni kwalitattiva tal-programmi tal-ittestjar tal-istress u jekk jiġu identifikati nuqqasijiet, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jeħtieġu lid-ditta tal-investiment:

a. tiżviluppa pjan ta' azzjoni rimedjali bil-għan li ttejjeb il-programmi u l-prattiki tal-ittestjar tal-istress;

b. tagħmel bidliet lill-pjan kapitali tad-ditta tal-investiment;

c. meta xieraq, twettaq xenarji speċifiċi preskritti (jew elementi minn dawn) jew tuża suppożizzjonijiet speċifiċi.

Riskju għall-klijent

390. Miżuri superviżorji biex jindirizzaw nuqqasijiet identifikati fil-valutazzjoni tar-riskju għall-klijent u l-arranġamenti ta' ġestjoni u ta' kontroll assoċjati x'aktarx li jiffokaw fuq li jeħtieġu lid-ditta tal-investiment tnaqqas il-livell tar-riskju inerenti jew issaħħaħ arranġamenti ta' ġestjoni u ta' kontroll.

391. F'konformità mal-Artikolu 39(2), il-punt (b) tad-Direttiva (UE) 2019/2034, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeħtieġu li d-ditta tal-investiment:

a. tinvolvi lill-korp maniġerjali jew lill-kumitati tagħha b'mod aktar attiv fil-ġestjoni tar-riskju għall-klijent;

b. ittejjeb il-qafas organizzazzjonali biex tiżgura il-forniment effettiv ta' servizzi lill-klijenti b'riżorsi umani u tekniċi (inklużi front u back offices, sistemi ta' informazzjoni) suffiċjenti (kemm kwalitattivi kif ukoll kwantitattivi);

c. ittejjeb il-qafas ta' kontroll (l-effettività u l-indipendenza tal-funzjonijiet ta' kontroll) biex timmitiga r-riskji tagħha għall-klijenti;

d. ittejjeb il-kwalità u l-frekwenza tar-rapportar dwar ir-riskju għall-klijent lill-korp maniġerjali u lill-maniġment superjuri.

392. F'konformità mal-Artikolu 39(2), il-punt (d) tad-Direttiva (UE) 2019/2034, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeħtieġu li d-ditta tal-investiment:

a. tapplika politika ta' provviżjonament speċifiku;

b. taġġusta l-istimi interni tal-ammont tal-fattur-K għar-riskju għall-klijent u tikkalkula r-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali.

393. F'konformità mal-Artikolu 39(2), il-punti (e) u (f) tad-Direttiva (UE) 2019/2034, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeħtieġu li d-ditta tal-investiment:

a. tirrestringi jew tillimita n-negozju, l-operazzjonijiet jew in-network;

b. titlob iċ-ċessjoni ta' attivitajiet li joħolqu riskju eċċessiv għas-solidità finanzjarja tad-ditta tal-investiment;

c. tnaqqas ir-riskju inerenti fl-attivitajiet, fil-prodotti (inkluża l-iskopertura għal prodotti u tranżazzjonijiet kumplessi, il-livell ta' riskju ta' konċentrazzjoni) u fis-sistemi inklużi l-attivitajiet esternalizzati.

Riskju għas-suq

394. Miżuri superviżorji biex jindirizzaw in-nuqqasijiet identifikati fil-valutazzjoni tar-riskju għas-suq u l-arranġamenti ta' ġestjoni u ta' kontroll assoċjati x'aktarx li jiffokaw fuq il-ħtieġa

li d-ditta tal-investiment tnaqqas il-livell tar-riskju inerenti jew issaħħaħ l-arranġamenti ta' ġestjoni u ta' kontroll.

395. F'konformità mal-Artikolu 39(2), il-punt (b) tad-Direttiva (UE) 2019/2034, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeħtieġu li d-ditta tal-investiment tindirizza nuqqasijiet identifikati fir-rigward tal-kapaċità tad-ditta tal-investiment li tidentifika, tkejjel, tissorvelja u tikkontrolla r-riskju għas-suq, permezz ta' mezzi li jinkludu:

a. l-iżgurar li r-riskju tas-suq tad-ditta tal-investiment jirrifletti b'mod xieraq l-aptit għar-riskju tas-suq tad-ditta tal-investiment u li huwa konsistenti mal-aptit għar-riskju ġenerali;

b. il-ħtieġa ta' qafas organizzazzjonali xieraq b'riżorsi umani u tekniċi suffiċjenti (kemm kwalitattivi kif ukoll kwantitattivi);

c. it-tisħiħ tal-prestazzjoni tal-approċċi interni tad-ditta tal-investiment, jew tal-kapaċità tagħha ta' ttestjar retrospettiv jew ittestjar tal-istress;

d. it-titjib tal-kwalità u l-frekwenza tar-rapportar lill-korp maniġerjali u lill-maniġment superjuri tad-ditta tal-investiment; u/jew

e. il-ħtieġa ta' awditi interni aktar frekwenti u fil-fond b'referenza għar-riskju għas-suq u l-kalkolu tar-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali.

396. F'konformità mal-Artikolu 39(2), il-punt (e) tad-Direttiva (UE) 2019/2034, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu:

a. jillimitaw l-investimenti f'ċerti prodotti meta l-politiki u l-proċeduri tad-ditta tal-investiment ma jiżgurawx li r-riskju minn dawk il-prodotti se jkun kopert u kkontrollat b'mod adegwat;

b. jeħtieġu lid-ditta tal-investiment tippreżenta pjan biex tnaqqas l-iskoperturi tagħha għal assi f'diffikultà u/jew il-pożizzjonijiet illikwidi gradwalment; u/jew

c. jeħtieġu ċ-ċessjoni ta' prodotti finanzjarji, inkluż meta l-proċessi ta' valwazzjoni tad-ditta tal-investiment ma jipproduċux valutazzjonijiet konservattivi.

397. F'konformità mal-Artikolu 39(2), il-punt (f) tad-Direttiva (UE) 2019/2034, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu:

a. jeħtieġu lid-ditta tal-investiment tnaqqas il-livell ta' riskju inerenti tas-suq (permezz tal-iħħeġġjar jew tal-bejgħ tal-assi); u/jew

b. jeħtieġu lid-ditta tal-investiment żżid l-ammont ta' derivattivi depożitati permezz ta' kontropartijiet ċentrali (CCPs).

Riskju għad-ditta

398. Miżuri superviżorji biex jindirizzaw nuqqasijiet identifikati fil-valutazzjoni tar-riskju għad-ditta u l-arranġamenti ta' ġestjoni u ta' kontroll assoċjati x'aktarx li jiffokaw fuq li jeħtieġu lid-ditta tal-investiment tnaqqas il-livell tar-riskju inerenti jew issaħħaħ arranġamenti ta' ġestjoni u ta' kontroll.

399. F'konformità mal-Artikolu 39(2), il-punt (b) tad-Direttiva (UE) 2019/2034, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu:

a. jiżguraw li l-istrateġija tar-riskju tad-ditta tal-investiment tirrifletti b'mod xieraq l-aptit għar-riskju tad-ditta tal-investiment inkluż il-fluss tan-negozjar ta' kuljum, il-konċentrazzjoni u l-inadempjenza tal-kontroparti) u tkun konsistenti mal-aptit għar-riskju ġenerali;

b. jeħtieġu qafas organizzazzjonali xieraq b'riżorsi umani u tekniċi suffiċjenti (kemm kwalitattivi kif ukoll kwantitattivi);

c. jeħtieġu lid-ditta tal-investiment tinvolvi l-korp maniġerjali jew il-kumitati tagħha b'mod aktar attiv fil-ġestjoni tar-riskju għad-ditta;

d. jeħtieġu lid-ditta tal-investiment tikkunsidra r-riskju għad-ditta inerenti meta tapprova prodotti u sistemi ġodda;

e. jeħtieġu lid-ditta tal-investiment ittejjeb l-identifikazzjoni tar-riskju operazzjonali (relatat mal-fluss tan-negozjar ta' kuljum) u s-sistemi ta' kejl; u/jew

f. jaġġustaw l-istimi interni tal-ammont tal-fattur k għar-riskju għad-ditta u jikkalkulaw ir-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali.

400. F'konformità mal-Artikolu 39(2), il-punti (e) u (f) tad-Direttiva (UE) 2019/2034, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu:

a. jeħtieġu lid-ditta tal-investiment tirrestringi jew tillimita n-negozju, l-operazzjonijiet jew in-network tad-ditti tal-investiment (filwaqt li tnaqqas il-grad ta' riskju ta' konċentrazzjoni jew l-iskopertura għar-riskju ta' inadempjenza tal-kontroparti tan-negozjar);

b. jeħtieġu ċ-ċessjoni ta' attivitajiet li joħolqu riskji eċċessivi għas-solidità tad-ditta tal-investiment;

c. jeħtieġu lid-ditta tal-investiment tnaqqas l-ambitu u/jew il-firxa tal-attivitajiet ta' esternalizzazzjoni, inkluż ir-ristrutturar jew il-ħruġ minn arranġamenti ta' esternalizzazzjoni u l-bidla għal fornitur ta' servizz ieħor;

d. jeħtieġu lid-ditta tal-investiment timmitiga l-iskoperturi tar-riskju għad-ditta;

e. jirrestringu jew jillimitaw in-negozju, l-operazzjonijiet jew in-network tad-ditti tal-investiment jew li jitolbu ċ-ċessjoni tal-attivitajiet li joħolqu riskji eċċessivi għas-solidità ta' ditta tal-investiment;

f. jeħtieġu t-tnaqqis tar-riskju inerenti fl-attivitajiet, fil-prodotti u fis-sistemi tad-ditti tal-investiment, inklużi r-riskji tal-ML/TF b'implikazzjonijiet prudenzjali.

Riskji oħrajn għall-kapital

401. Irrispettivament mir-rekwiżit li jinżammu fondi proprji addizzjonali skont l-Artikolu 39(1), il-punt (a) tad-Direttiva (UE) 2019/2034, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw l-applikazzjoni ta' miżuri superviżorji meta l-eżiti tal-SREP jew attivitajiet superviżorji oħrajn jiżvelaw nuqqasijiet fil-kejl, fil-ġestjoni, fil-monitoraġġ u fil-kontroll tar-riskju operazzjonali tad-ditta tal-investiment, Inkluż b'mod partikolari r-riskju tal-ICT, ir-riskju tar-rata tal-imgħax li jirriżulta minn attivitajiet tal-portafoll mhux tan-negozjar, jew kwalunkwe riskju ieħor rilevanti għad-ditta tal-investiment.

Riskju ta' likwidità

402. F'konformità mal-Artikolu 39(2), il-punt (k) tad-Direttiva (UE) 2019/2034, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu:

a. jeħtieġu d-diversifikazzjoni tar-riżervi ta' likwidità u l-konsistenza tal-munita bejn l-assi likwidi u l-ħruġ nett;

b. jimponu rekwiżiti fuq il-konċentrazzjoni tal-assi likwidi miżmuma, inklużi:

- rekwiżiti għall-kompożizzjoni tal-profil tal-assi likwidi tad-ditta tal-investiment fir-rigward tal-klassijiet tal-assi, il-muniti; u/jew
- limiti jew restrizzjonijiet dwar il-konċentrazzjonijiet ta' finanzjament;

c. jimponu restrizzjonijiet fuq diskrepanzi fil-maturità kuntrattwali jew komportamentali fuq żmien qasir:

- limiti fuq diskrepanzi fil-maturità (f'taqsimiet tal-ħin speċifiċi);
- limiti fuq perjodi minimi ta' sopravivenza; u/jew
- limiti fuq dipendenza fuq ċerti sorsi ta' finanzjament għal żmien qasir, bħall-finanzjament tas-suq monetarju.

403. F'konformità mal-Artikolu 39(2), il-punt (b) tad-Direttiva (UE) 2019/2034, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeħtieġu li tittieħed azzjoni biex jindirizzaw nuqqasijiet identifikati fir-rigward tal-kapaċità tad-ditta tal-investiment biex tidentifika, tkejjel, tissorvelja u tikkontrolla r-riskju tal-likwidità, permezz ta' mezzi li jinkludu:

a. titjib fil-kapaċità tal-ittestjar tal-istress tagħha biex ittejjeb il-kapaċità tagħha li tidentifika u tikkwantifika s-sorsi materjali ta' riskju tal-likwidità għad-ditta tal-investiment;

b. titjib fl-abbiltà tagħha li timmonetizza l-assi likwidi tagħha;

c. titjib fil-pjan ta' kontinġenza tal-likwidità tagħha u l-qafas tal-indikaturi ta' twissija bikrija tal-likwidità tagħha; u/jew

d. titjib fir-rapportar ta' informazzjoni tal-ġestjoni tal-likwidità lill-korp maniġerjali u lill-maniġment superjuri tad-ditta tal-investiment.

404. F'konformità mal-Artikolu 39(2), il-punt (k) tad-Direttiva (UE) 2019/2034, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeħtieġu li tittieħed azzjoni biex temenda l-profil ta' finanzjament tad-ditta tal-investiment, inkluż:

a. tnaqqis tad-dipendenza tagħha fuq ċerti swieq ta' finanzjament (potenzjalment volatili), bħal finanzjament bl-ingrossa;

b. tnaqqis tal-konċentrazzjoni tal-profil ta' finanzjament tagħha fir-rigward ta' kontropartijiet, l-ogħla livelli fil-profil tal-maturità fit-tul, muniti (diskrepanzi fihom); u/jew

c. tnaqqis tal-ammont tal-assi aggravati tagħha, li potenzjalment jiddifferenzjaw bejn l-aggravar totali u l-kollateralizzazzjoni żejda.

10.6 Reazzjoni superviżorja għal sitwazzjoni fejn ma jiġix issodisfat ir-rekwiżit tal-Pilastru 2

405. Ir-rekwiżit tal-Pilastru 2 huwa rekwiżit legalment vinkolanti li d-ditti tal-investiment għandhom jissodisfaw f'kull ħin, inkluż f'kundizzjonijiet ta' stress. Meta l-P2R stabbilit f'konformità ma' dawn il-linji gwida ma jibqax jiġi ssodisfat, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw setgħat ta' intervent addizzjonali, inkluż l-irtirar tal-awtorizzazzjoni jew direttament jekk ikollhom tali kompetenza jew jikkunsidraw li jitolbuha lill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tad-Direttiva 2014/65/UE, jew, meta applikabbli, l-applikazzjoni ta' miżuri ta' intervent bikri u azzjonijiet ta' riżoluzzjoni, f'konformità mal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2014/65/UE u mad-Direttiva 2014/59/UE, rispettivament. Meta jeżerċitaw dawk is-setgħat, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw jekk il-miżuri humiex proporzjonati għaċ-ċirkostanzi u l-ġudizzju tagħhom dwar kif aktarx se tiżviluppa s-sitwazzjoni. Għandu jitqies ukoll ksur tal-P2R fid-determinazzjoni ta' jekk ditta tal-investiment hijiex qed tfalli jew probabbilment se tfalli.

10.7 Reazzjoni superviżorja għal sitwazzjoni li fiha ma tiġix issodisfata P2G

406. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jimmonitorjaw jekk l-ammont ta' fondi proprja mistenni skont il-P2G huwiex stabbilit u miżmum mid-ditta tal-investiment maż-żmien.

407. Meta l-fondi proprji tad-ditta tal-investiment jonqsu, jew aktarx se jonqsu taħt il-livell iddeterminat mill-P2G, l-awtorità kompetenti għandha tistenna li d-ditta tal-investiment tinnotifikaha u tħejji pjan ta' kapital rivedut. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jaċċertaw li fin-notifika tagħhom, id-ditta tal-investiment tispjega liema konsegwenzi negattivi aktarx se jinfurzawha biex tagħmel dan u liema azzjonijiet huma previsti għar-restawr eventwali ta' konformità mal-P2G bħala parti minn djalogu superviżorju mtejjeb.

408. B'mod ġenerali, hemm tliet sitwazzjonijiet li għandhom jiġu kkunsidrati minn awtorità kompetenti li fihom ditta tal-investiment tista' tonqos milli tissodisfa l-P2G tagħha.

a. Meta l-livell ta' fondi proprji jaqa' taħt il-livell tal-P2G f'ċirkostanzi speċifiċi għad-ditta tal-investiment jew esterni li fihom ir-riskji li P2G kellha l-għan li tkopri jkunu ġew materjalizzati, l-awtorità kompetenti tista' tippermetti lid-ditta tal-investiment biex temporanjament topera taħt il-livell tal-P2G dment li l-pjan ta' kapital rivedut ikun meqjus kredibbli f'konformità mal-kriterji stabbiliti fit-Taqsima 7.7.3. L-awtorità kompetenti tista' tikkunsidra wkoll li taġġusta l-livell tal-P2G meta jkun xieraq.

b. Meta l-livell ta' fondi proprji jaqa' taħt il-livell tal-P2G f'ċirkostanzi speċifiċi għad-ditta tal-investiment jew esterni b'riżultat tal-materjalizzazzjoni tar-riskji li l-P2G ma kellhiex l-għan li tkopri, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jistennew li d-ditta tal-investiment iżżid il-livell tal-fondi proprji għal-livell tal-P2G f'perjodu ta' żmien xieraq.

c. Meta d-ditta tal-investiment tinjora l-P2G, ma tinkorporahiex fil-qafas tal-ġestjoni tar-riskji jew ma tistabbilixxix fondi proprji biex tissodisfa l-P2G fil-limiti ta' żmien stabbiliti f'konformità mal-pargarafu 294, dan jista' jwassal biex l-awtoritajiet kompetenti japplikaw miżuri superviżorji addizzjonali kif stabbilit fit-Taqsimiet 10.3 u 10.5.

Meta l-permess biex topera taħt il-livell tal-P2G kif imsemmi fil-punt (a) ma jkunx ingħata u l-fondi proprji tad-ditta tal-investiment jkunu ripetutament taħt il-livell tal-P2G, l-awtorità kompetenti għandha timponi rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali f'konformità mat-Titolu 7.

409. Minkejja risponsi superviżorji partikolari f'konformità mal-paragrafu preċedenti, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkunsidraw ukoll l-applikazzjoni tal-miżuri ta' kapital u

dawk superviżorji addizzjonali stabbiliti fit-Taqsimiet 10.3 u 10.5, meta dawn jitqiesu aktar xierqa biex jindirizzaw ir-raġunijiet għalfejn il-fondi proprji qegħdin jaqgħu taħt il-livell iddeterminat mill-P2G.

10.8 Interazzjoni bejn miżuri superviżorji u miżuri ta' intervent bikri

410. Minbarra l-miżuri superviżorji msemmija f'dan it-titolu, għal ditti tal-investiment li huma soġġetti għar-rekwiżiti tad-Direttiva 2014/59/UE, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu japplikaw miżuri ta' intervent bikri kif speċifikat fl-Artikolu 27 ta' dik id-Direttiva, li huma maħsuba biex jissupplimentaw is-sett ta' miżuri superviżorji speċifikati fl-Artikoli 39 sa 42 tad-Direttiva (UE) 2019/2034.

411. L-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw miżuri ta' intervent bikri mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe miżura superviżorja oħra, u meta japplikaw miżuri ta' intervent bikri, għandhom jagħżlu l-miżura/i l-aktar xierqa biex jiġi żgurat rispons li jkun proporzjonat għaċ-ċirkostanzi partikolari.

10.9 Interazzjoni bejn miżuri superviżorji u tal-AML/CFT

412. Meta l-awtoritajiet kompetenti matul l-eżerċitar tal-attivitajiet superviżorji tagħhom ikollhom indikazzjonijiet raġonevoli ta' nuqqasijiet fil-qafas tas-sistemi u tal-kontrolli tad-ditta tal-investiment jew fil-qafas ta' governanza interna li huma relatati mal-AML/CFT jew raġunijiet raġonevoli biex jissuspettaw li d-ditta tal-investiment għandha skopertura akbar għar-riskji tal-ML/TF, huma għandhom:

a. jinnotifikaw lis-superviżur tal-AML/CFT dwar dawn in-nuqqasijiet u r-riskji malli jiġu identifikati;

b. jivvalutaw l-impatt li tali nuqqasijiet u riskji jista' jkollhom fuq is-sitwazzjoni prudenzjali tad-ditta tal-investiment;

c. jikkomunikaw mas-superviżuri tal-AML/CFT u f'konformità mal-mandati u l-funzjonijiet tal-awtoritajiet rispettivi, iqisu l-aktar miżuri superviżorji prudenzjali xierqa biex jindirizzaw dawn in-nuqqasijiet u r-riskji flimkien ma' kwalunkwe miżura meħuda mis-superviżuri tal-AML/CFT.

413. Meta l-awtoritajiet kompetenti jiġu nnotifikati jew isiru konxji tal-miżuri superviżorji jew mis-sanzjonijiet ippjanati jew imposti mis-superviżuri tal-AML/CFT, għandhom iqisu jekk u kif l-implikazzjonijiet prudenzjali potenzjali tad-dgħufijiet u tal-fallimenti identifikati mis-superviżuri tal-AML/CFT jeħtieġ li jiġu mitigati.

Titolu 11 Applikazzjoni tal-SREP għal gruppi ta' ditti tal-investiment

414. Dan it-titolu jindirizza l-applikazzjoni tal-proċeduri u l-metodoloġija tal-SREP komuni kif speċifikat f'dawn il-linji gwida fir-rigward ta' gruppi tad-ditti tal-investiment u l-entitajiet tagħhom. Huwa jipprovdi wkoll rabtiet mal-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni superviżorji skont l-Artikoli 48 u 49 tad-Direttiva (UE) 2019/2034 u f'konformità mar-regolament delegat adottat abbażi tal-Artikolu 48(8) ta' dik id-Direttiva[23].

415. Fl-SREP, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw ukoll ir-riskji potenzjali tal-ML/TF, filwaqt li jqisu l-input riċevut mis-superviżuri tal-AML/CFT rilevanti tal-Istat Membru fejn tkun stabbilita impriża omm kif ukoll is-superviżuri tal-AML/CFT responsabbli għas-superviżjoni tal-AML/CFT tal-istabbilimenti tal-grupp f'ġuriżdizzjonijiet differenti, b'mod partikolari, il-valutazzjoni tar-riskji tal-ML/TF, id-dgħufijiet materjali u l-ksur tal-leġiżlazzjoni tal-AML/CFT, li huma marbuta mal-istruttura tal-grupp transfruntier.

416. Meta jivvalutaw l-implikazzjonijiet prudenzjali tar-riskji għal grupp transfruntiera tad-ditta tal-investiment, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jingranaw l-informazzjoni miksuba permezz ta' impenji bilaterali ma' superviżuri tal-AML/CFT rilevanti u permezz tal-parteċipazzjoni tagħhom fil-kulleġġi tal-AML/CFT[24] u l-kulleġġi prudenzjali.

11.1 Applikazzjoni tal-SREP għal gruppi transfruntiera

417. Meta japplikaw l-SREP u dawn il-linji gwida għall-gruppi tad-ditti tal-investiment, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-vijabbiltà tal-grupp kollu, kif ukoll l-entitajiet individwali tiegħu, filwaqt li jfittxu li jevitaw id-duplikazzjoni bla bżonn tar-rekwiżiti superviżorji. Dan jista' jsir billi l-proċess jiġi diviż f'żewġ partijiet: (1) l-awtoritajiet kompetenti jagħmlu valutazzjoni inizjali tal-entitajiet taħt is-superviżjoni diretta tagħhom, u (2) l-awtoritajiet kompetenti jikkoordinaw il-valutazzjoni, fejn stabbilita fi ħdan il-qafas tal-kulleġġi tas-superviżuri skont ir-rekwiżiti tal-Artikoli (48)(3) u l-Artikolu (49) tad-Direttiva (UE) 2019/2034.

418. F'konformità mal-kamp ta' applikazzjoni tal-applikazzjoni tal-linji gwida kif speċifikat fit-Titolu 1:

a. is-superviżuri ta' konsolidazzjoni għandhom iwettqu l-valutazzjoni inizjali tal-impriża omm u l-grupp tad-ditti tal-investiment fuq livell konsolidat; u

[23] EBA/RTS/2021/06 dwar il-kulleġġi tas-superviżuri għal gruppi ta' ditti tal-investiment

[24] Kulleġġi tal-AML/CFT kif iddefinit fil-Linji gwida konġunti dwar il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni għall-finijiet tad-Direttiva (UE) 2015/849 bejn l-awtoritajiet kompetenti li jissorveljaw istituzzjonijiet ta' kreditu u dawk finanzjarji ("il-Linji Gwida tal-Kulleġġi AML/CFT").

b. l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu l-valutazzjoni inizjali fuq l-entitajiet taħt is-superviżjoni tagħhom (individwali, jew subkonsolidata, meta rilevanti).

419. Meta dawn il-linji gwida huma applikati għas-sussidjarji ta' grupp transfruntiera, l-awtoritajiet kompetenti għas-sussidjarji, meta jwettqu l-valutazzjoni inizjali tagħhom, għandhom primarjament jikkunsidraw ditti tal-investiment fuq bażi individwali, jiġifieri jivvalutaw il-mudell tan-negozju, l-istrateġija, il-governanza interna u l-kontrolli, ir-riskji għall-kapital u l-likwidità, u l-adegwatezza tal-kapital u tal-likwidità ta' entità bħalma jagħmlu għal ditta tal-investiment awtonoma. Is-sejbiet minn tali valutazzjonijiet inizjali, meta rilevanti, għandhom jinkludu wkoll identifikazzjoni tal-vulnerabbiltajiet ewlenin fil-kuntest tal-grupp, li jistgħu jkunu relatati mad-dipendenza ta' ditta tal-investiment mill-kumpanija omm/grupp tagħha għall-finanzjament, il-kapital, l-appoġġ teknoloġiku. Fil-valutazzjonijiet inizjali tagħhom magħmula fuq bażi individwali, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirriflettu wkoll is-saħħiet u l-fatturi mitiganti relatati mal-fatt li l-entità tkun parti mill-grupp, li jista' jkun relatat mal-appoġġ teknoloġiku tal-grupp u arranġamenti ta' appoġġ finanzjarju.

420. Ir-riżultati ta' kwalunkwe tali valutazzjoni inizjali tal-elementi tal-SREP, inkluż, jekk ikunu identifikati, fehmiet dwar dipendenzi ewlenin fuq il-kumpanija omm/grupp, għandhom iservu bħala input fil-valutazzjonijiet u għandhom jiġu diskussi mill-awtoritajiet kompetenti fi ħdan il-qafas tal-kulleġġi tas-superviżuri stabbiliti skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 48 tad-Direttiva (UE) 2019/2034.

421. Wara d-diskussjonijiet fil-qafas tal-kulleġġi tas-superviżuri, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffinalizzaw il-valutazzjonijiet tal-SREP rispettivi tagħhom, billi jagħmlu l-aġġustamenti meħtieġa bbażati fuq l-eżiti tad-diskussjonijiet tal-kulleġġ.

422. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddiskutu u jikkoordinaw dawn li ġejjin fil-qafas tal-kulleġġi tas-superviżuri:

a. l-ippjanar, inklużi l-frekwenza, u l-iskedi ta' żmien għat-twettiq tal-valutazzjoni ta' diversi elementi tal-SREP għall-grupp konsolidat;

b. dettalji tal-applikazzjoni tal-parametri referenzjarji użati għall-valutazzjoni tal-elementi tal-SREP;

c. approċċ għall-valutazzjoni u l-punteġġ tas-sottokategoriji tar-riskji b'mod individwali, meta tali sottokategoriji ġew identifikati bħala materjali;

d. inputs meħtieġa mid-ditta tal-investiment fil-livell konsolidat u tal-entità għat-twettiq tal-valutazzjoni tal-elementi tal-SREP;

e. eżiti tal-valutazzjoni, inklużi punteġġi tal-SREP assenjati lil diversi elementi, u l-valutazzjoni ġenerali tal-SREP u punteġġ ġenerali tal-SREP fil-livell konsolidat u tal-

entità. Meta jiddiskutu l-valutazzjoni tar-riskji individwali għall-kapital u l-likwidità, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffukaw fuq ir-riskji li huma identifikati bħala materjali għall-entitajiet rispettivi;

f. l-implikazzjonijiet prudenzjali transfruntiera tar-riskji u t-tħassib tal-ML/TF; u

g. miżuri superviżorji ppjanati u miżuri ta' intervent bikri, jekk rilevanti.

11.2 Valutazzjoni tal-kapital tal-SREP u r-rekwiżiti prudenzjali speċifiċi għad-ditta tal-investiment

423. Id-determinazzjoni tal-adegwatezza u tar-rekwiżiti kapitali f'konformità mal-proċess deskritt fit-Titolu 7 għal gruppi ta' ditti tal-investiment transfruntiera hija parti mid-diskussjoni fi ħdan il-kulleġġ tas-superviżuri.

424. L-eżerċizzju tas-setgħat superviżorji u t-teħid ta' miżuri superviżorji, inkluż fir-rigward tal-impożizzjoni ta' fondi proprji addizzjonali skont l-Artikolu 39(2)(a) tad-Direttiva (UE) 2019/2034 fuq il-livell ta' entità kkonsolidata jew individwali kif speċifikat fit-Titolu 7 għandu jiġi diskuss fil-kulleġġ tas-superviżuri.

425. Fil-kuntest tad-diskussjonijiet dwar l-adegwatezza tal-livell ta' fondi proprji u d-determinazzjoni ta' rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw:

a. il-valutazzjoni tal-materjalità tar-riskji u n-nuqqasijiet identifikati kemm fil-livell ta' entità konsolidata u fil-livell individwali (jiġifieri liema riskji huma materjali għall-grupp kollu kemm hu u liema huma materjali għal entità waħda biss) u l-livell ta' fondi proprji meħtieġa biex ikopru riskji bħal dawn;

b. meta n-nuqqasijiet identifikati huma komuni fl-entitajiet kollha, li jikkoordinaw il-valutazzjoni u r-rispons superviżorju, u b'mod partikolari, li jiddeċiedu jekk għandhomx ikunu imposti miżuri fuq livell konsolidat jew b'mod proporzjonali f'livell ta' entità għall-entitajiet meta jkun hemm nuqqasijiet komuni;

c. l-eżiti tal-kalkoli tal-punti ta' riferiment superviżorji użati biex jiddeterminaw rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali għall-entitajiet kollha fil-grupp u f'livell konsolidat;

d. ir-rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali li jiġu imposti fuq entitajiet u fuq livell konsolidat biex jiżguraw li jkun hemm konsistenza tar-rekwiżiti finali ta' fondi proprji u jekk hemmx ħtieġa ta' trasferiment ta' fondi proprji minn livell konsolidat għal dak ta' entità; u

e. id-determinazzjoni tal-P2G għal ditta ta' investiment omm jew sussidjarja, jew f'livell konsolidat.

426. Ir-rekwiżit kapitali u miżuri kapitali oħrajn, jekk applikabbli, għandhom jiġu stabbiliti fil-livelli konsolidati u individwali. Għal-livell sottokonsolidat, ir-rekwiżit kapitali u miżuri oħrajn ta' kapital għandhom ikopru biss l-impriża omm tal-grupp sottokonsolidat biex jevitaw għadd doppju ta' rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali kkunsidrati mill-awtoritajiet kompetenti għal sussidjarji fi Stati Membri oħrajn.

11.3 Applikazzjoni ta' miżuri superviżorji oħrajn

427. L-awtoritajiet kompetenti responsabbli għas-superviżjoni ta' gruppi transfruntiera tad-ditti tal-investiment u l-entitajiet tagħhom għandhom jiddiskutu u jikkoordinaw, fejn possibbli, l-applikazzjoni tal-miżuri superviżorji kollha u dawk ta' intervent bikri, meta applikabbli, lill-grupp u/jew lill-entitajiet materjali tiegħu biex jiżguraw li l-aktar miżuri xierqa jiġu applikati b'mod konsistenti għall-vulnerabbiltajiet identifikati, filwaqt li titqies id-dimensjoni tal-grupp, inklużi interdipendenzi u arranġamenti intragrupp kif diskuss hawn fuq.

428. L-awtoritajiet kompetenti responsabbli għas-superviżjoni prudenzjali ta' entitajiet ta' gruppi ta' ditti tal-investiment transfruntier, meta jimponu miżuri superviżorji jew amministrattivi inklużi sanzjonijiet fuq id-ditti tal-investiment għan-nuqqas tagħhom li jindirizzaw in-nuqqasijiet relatati mar-riskji tal-ML/TF b'mod adegwat, għandhom jikkomunikaw mas-superviżuri tal-AML/CFT rilevanti.